"L-Imnara" hu perjodiku li joħroġ darba fis-sena mill-Għaqda Maltija tal-Folklor. Jitqassam b'xejn lill-membri ta' l-Għaqda u ma jinstabx għall-bejgħ. Il-ħlas tas-sħubija fl-Għaqda (li jista' jiġi rivedut) hu ta' 5 Ewro fis-sena għall-membri f'Malta, 7 Ewro fis-sena għall-membri fl-Ewropa, u 10 Ewro fis-sena għall-membri fl-Awstralja. Jitħallsu wkoll 3 Ewro oħra bħala reġistrazzjoni darba biss.

**Min irid jissieħeb fl-Għaqda Maltija tal-Folklor u jirċievi "L-Imnara" taħt il-kundizzjonijiet msemmija, għandu jibgħat il-ħlas dovut lit-Teżorier: Is-Sur George Glanville, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, FGR 1614.**

Il-perjodiku "L-Imnara" ilu joħroġ mill-1978. L-artikoli jittrattaw il-folklor lokali u huma riżultat ta' osservazzjonijiet u riċerki oriġinali. Il-kitbiet huma prinċipalment bil-Malti, iżda jistgħu ikunu bl-Ingliż.

**Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur: Is-Sur Gużi Gatt, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan STJ 1307.**

## L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR:

Il-Kumitat għas-sena 2008:

President Onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco.

President: Is-Sur Angelo Dougall; Viċi-President: is-Sur Alfred Fenech; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Assistent Segretarju: is-Sur Carmelo Pace, Assistent Teżorier: Is-Sur Alfred Borg, Membri: is-Sur Anton Attard; is-Sur Frans Farrugia: u Is-Sur John Zammit.

# L-Imnara

## L-IMNARA

**Vol. 9 Numru 1 2008 Ħarġa Numru 32**

### IL-WIEĦED U TLETIN SENA TA' PUBBLIKAZZJONI

### WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| **Stramberiji fl-ismijiet tal-Inħawi Maltin:** | Godfrey Wettinger | 2 |
| **Aktar Intietef Folkloristiċi mill-Għasri:** | Toni Calleja | 9 |
| **L-Iżbirr u Bertoldu:** | George Cilia | 12 |
| **Miklem marbut mal-Logħba tal-Futbol** | Steve Borg | 14 |
| **Drawwiet fil-Birgu tal-Imgħoddi:** | Lorenzo Zahra | 16 |
| **Apprezzament: Ġorġ Mifsud-Chircop:** | | 18 |
| **Il-Gorboġ:** | Karmenu Pace | 19 |
| **Il-Port ta' Marsaxlokk u Madwaru:** | Alex Camilleri | 22 |
| **Il-Ħobż tal-Malti:** | Ġużi Gatt | 35 |
| **Laqmijiet minn Ħal Qormi:** | Arnold Sciberras | 40 |
| **In-Nomenklatura tal-Mazzarelli:** | Arnold Sciberras | 42 |
| **Lorenzo Gafa, f'Mewtu...u Wrajha :** | Anton Attard | 45 |
| **San Lawrenz fil-Folklor:** | Lorenzo Zahra | 46 |
| **L-istatut tal-Għaqda tal-Folklor:** | | 48 |
| **Il-lista tal-Membri** | | 49 |


Bullettin ta' L-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' l-Għaqda jew ta' l-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

*L-Indirizz tal-Editur: 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan, STJ 1307*

# STRAMBERIJI FL-ISMIJIET TA' L-INĦAWI MALTIN

Kif niddeċiedu fuq it-tifsir ta' l-ismijiet ta' l-inħawi f'Malta u Għawdex u fuq il-bidu u t-tifsir ta' ismijiet in-nies u l-kunjomijet u l-laqmijiet tagħhom dejjem qrib iż-żminijiet nofsana.

**Godfrey Wettinger**

**Meta jien ħriġt l-istudju tiegħi fuq l-ismijiet ta' l-inħawi f'Malta u Għawdex, kont naf li qabli kien hemm oħrajn li għarblu dawn il-ħwejjeġ u ħarġu l-istudji tagħhom, u żgur li jien qatt ma kont nażżarda ngħid xejn kieku ma kellix l-iskuża li dak li kont se ngħid ma qalux ħaddieħor. Hekk insibu lill-Kommendatur Abela jifli 'l fuq minn ħames mitt isem ta' inħawi f'Malta, xi wħud f'Għawdex. Agius de Soldanis fela dawk t'Għawdex, Annibale Preca, li kont nogħxa naqrah meta kelli xi erbatax jew ħmistax-il sena, għandu l-mijiet tiegħu, dejjem b'tifsira oriġinali jekk trid iżda imħawwad b'ħafna fantasiji lingwistiċi puniċi, u warajh wara studju iżjed sod kellna lil Napuljun Tagliaferro, Monsinjur Saydon, Erin Serracino Inglott u l-Professur Aquilina li l-aħħar tnejn ilkoll niftakruhom sewwa, u hemm oħrajn. Għalfejn kelli nindaħal jien f'għalqa maħruta u maħduma għal mijiet ta' snin?**

Dawn kollha kellhom sistema waħda, dik li l-ismijiet ta' l-inħawi jiġbruhom forsi ħallata ballata kull fejn isibuhom, u t-tifsira fil-biċċa l-kbira tagħhom isibuha jew bil-Malti normali jew mid-dizzjunarji, jekk mhux dawk Maltin almenu dawk Għarbin għax maż-żmien kważi kulħadd reġa' beda jagħraf il-bidu Għarbi tal-ilsien tagħna. Kien hemm ukoll fehma qawwija li l-bdiewa kellhom id-don li jiftakru dejjem, jew talinqas iktar min-nies ta' l-ibliet, is-sura u l-leħen preċiż ta' l-ismijiet għal mijiet ta' snin. Din kienet forsi b'reazzjoni għall-istmerrija li sikwit ta' l-ibliet kellhom għal dawk ta' l-irħula. Madankollu meta dehrilhom li jaqblilhom xorta azzardaw jibdlu u jbagħbsu xi wħud mill-ismijiet bla ma qagħdu attenti għas-sitwazzjonijiet storiko-lingwistiċi u għall-possibiltajiet ta' tibdil lingwistiku. Hekk **Millieri** hemm min deherlu li hija taħsira ta' 'mille rei', dawk iċ-ċittatini ta' Celano li ntbagħtu għal xi żmien fl-ewwel nofs tas-seklu tlettax fl-eżilju f'Malta u Sqallija. Dan, **Tal-Għażżenin** ġebbidha biex giebha *tal assenin*, kelma Griega tal-Atti ta' l-Appostli.

Hawn irrid ngħid ukoll li jien ma rridx min jaħseb li rridha li qatt jew kważi qatt ma niżbalja. L-anqas ma nistenna li malli noħroġ b'xi idea kulħadd għandu jbaxxi rasu u jaċċettaha. Nistenna li l-idea jgħarbluha sewwa u jekk taqbel ma l-istorja u l-lingwistika jaħsbuha darbtejn qabel ma jissuġġerixxu xi oħra. Jiena nnifsi nogħxa l-iktar inħaddem il-kliem Ingliżi 'perhaps, probably' u oħrajn bħalhom, tant li xi kultant żgur indejjaq lill-qarrej.[1]

Hekk insibu min jgħidlek li l-Imsida ħa ismu mis-sajd li kien isir hemm. Oħrajn jgħidulek li l-isem ġej mill-kelmiet *Omm Sidna*. Hekk ukoll għal Ħal Safi jgħidulek illi hemmhekk hemm arja safja jew ilma safi, iżda ma jurux hux hekk tassew, u jgħidulek li n-nies taż-Żurrieq għandhom għajnejhom żoroq. Jien ma flejtilhomx għajnejhom, iżda naħseb li hemm nies b'għajnejhom żoroq kullimkien. U Bur Marrad mhux kulħadd jaħseb li tnissel mill-fatt li kien hemm wisq ilma qiegħed u n-nemus li jġib miegħu l-ilma qiegħed? U San Pawl Milqi kważi kulħadd jgħidlek li *milqi* hija kelma qadima Għarbija u torbot ma' l-idea ta' fejn l-Maltin laqgħu lil San Pawl xi elfejn sena ilu. U tibqa' sejjer hekk. Dawn l-ideat huma mxerrda wisq u ma tistax la kemm tneħħihom mill-imħuħ anki jekk m'humiex imsejsa fuq il-fatti.

Nibda mill-Imsida. Qrib it-triq li tieħdok lejn il-Marfa ftit wara li titla' mir-ramla tal-Mellieħa hemm naħa imsejħa **Ta' Msid**. Hemm żgur m'hemmx sajd ħlief forsi kaċċa għall-għasafar. Fid-dinja Għarbija ssib l-isem *Sidi Msid*, jiġifieri bniedem imsejjaħ Msid b'fama fid-dinja misilma li għex ħajja ta' qaddis. U l-vokali 'a' li biha jispiċċa

[1] Għar-referenzi preċiżi l-qarrej huwa mitlub biex ifittixhom fil-ktieb tiegħi *Place-names of the Maltese Islands ca. 1300-1800* (Malta, 1999).

l-isem Msida tixbah ħafna l-istess vokali f'xi wħud mill-kunjomijiet Maltin. L-istess għal **Safi**. Dan kien isem normali ta' bniedem fid-dinja Għarbija. Għalhekk Ħal jew Raħal Safi kien fejn kellu razzett xi ħadd bl-isem qadim personali Safi. Minn naħa l-oħra huwa magħruf li **Bur Marrad** ħolquh żewġt aħwa qassisin mill-Mosta skond Annibale Preca li jidher li kien jafhom, li kienu jgħixu xi mitt sena ilu eżatt meta kien jgħix hu, tassew għax kien hemm ilma qiegħed f'dak iż-żmien iżda dawn ma kinux jafu kemm kienet qadima u qawwija id-dokumentazzjoni ta' l-isem **Buarrad**, isem li jmur lura ta' l-inqas sas-seklu tlettax.[2] U għal San Pawl Milqi għandi nfakkar li l-kelma *milqi* ma tidhirx fid-dokumentazzjoni qabel xi mitejn sena ilu. Qabilha kien hemm il-kelma **Bindiqi**, *Sancti Pauli de li Bindiqi.* Bindiqi stess kienet tfisser *Veneziano*, il-kunjom jew laqam naħseb jien ta' min kellu f'idejh il-ġuspatronat ta' dik il-knisja.

Dejjem ghidt li trid tibda mill-eqdem dokument li tista' ssib avolja tkun ċert li d-data tkun biss dik tad-dokument li ġie quddiem għajnejna u mhux dik ta' meta nħoloq l-isem. Hekk insibu li isem **in-Naxxar** daż-żmien niktbuh u nlissnuh daqs li kieku jinħass b'exxe mtennija. Din bil-Malti qadim u bil-Għarbi tista titfisser bħala wieħed li jisserra l-injam, li diffiċli biex torbtu ma dan ir-raħal. Madankollu meta wieħed isib u jinnota li l-eqdem sura ta' isem in-Naxxar ghandha 'exxe' waħda nsibu li jkollna nerġgħu nibdew naħsbu mod ieħor. Insibu li jeżisti isem maskil personali Għarbi 'Naxar', li kien ifisser 'xandari'.[3] Din torbot ukoll bla ma tipprova dik li kienet qisha tradizzjoni lokali li min-Naxxar xtered il-kristjaneżmu. L-isem ewlieni u l-eqdem wieħed jidher għalhekk li tassew kien Raħal Naxar. Ma jfissirx li għandna nerġgħu niktbuh hekk biex ma nqajmux terremoti jew splużżjonijiet.

Niflu bl-istess manjiera l-isem **Tal-Ħandaq**. Kulħadd jgħidlek li ħondoq huwa qisu wied xi ftit jew wisq dejjaq u fond. Iżda f'Tal-Ħandaq dan il-wied dejjaq u fond fejn issibu? Fi Sqallija l-kelma *ħandaq* dejjem tfissret fid-dokumenti ta' Cusa (l-editur tagħhom) bħala 'vallone'.[4] Fl-Għarbi suppost li l-kelma kienet tfisser 'foss ta' belt jew fortizza'. L-istorja tgħallimna li meta l-Għarab fis-seklu għaxra ħadu l-gżira ta' Kreta f'idejhom u żammewha għal xi sebgħin sena, l-ewwel li għamlu kien li ħaffru il-foss tal-Imdina tagħhom,[5] u hekk l-imdina ta' Kreta bdiet tissejjaħ 'il-ħandaq'. Meta Kreta reġgħet waqgħet f'idejn l-Insara bdew jużaw l-alfabet latin u l-isem kienu jiktbuh bħala Candja u jippronunzjawh bil-mod taljan. Jidher li qabel ma ġraw dawn it-tibdiliet xi ħadd ġie Malta minn Kreta u ngħata l-laqam u wara aktarx il-kunjom Ħandaq, li weħel bħala l-isem ta' xi artijiet li kellu hawn Malta. Maż-żmien kulħadd hawn Malta nesa r-rabta mal-belt Għarbija ta' Kandja. Niftakru li f'Tal Ħandaq instabu xejn inqas minn mitt naħa kull waħda b'isem għaliha, u għalhekk bil-fors kienet tinfirex fuq art wisq ikbar minn xi daqsxejn ta' ħandaq jew ħondoq. Wara xi sekli meta ġie ieħor minn Kreta tlaqqam bil-laqam iktar modern ta' Kandja, u l-artijiet li kiseb, hu jew familtu, issejħu Ta' Kandja.

L-iktar li niddejjaq meta ħaddieħor, mejjet jew għadu ħaj, jagħti l-ewwel idea li tiġih f'rasu mingħajr ma joqgħod jaħseb it-tifsira taqbilx max-xeħta jew sura tal-art, biex ngħid hekk. Hekk **Wied Għammieq** tista' tgħid kulħadd ifissru bħala Wied Fond jew Għoli meta jidher mill-mappi kif ukoll minn żjara fil-post li kull ma għandu fond jew għoli huwa xi sular waqt li hemm diversi widien oħra kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex li huma ħafna iżjed għoljin jew fondi u l-ebda wieħed minnhom ma jissejjaħ *għammieq*. Hu magħruf ukoll li l-kelma *għammieq* m'hijiex biċċa mill-vokabularju Malti għalkemm issibha fl-Għarbi u fid-dizzjunarji tal-Għarbi. Għalija it-tifsira hija dubbjuża għall-aħħar. Wara sibt li f'In-Nadur, Għawdex, kien hemm lokalità **Ta' Gamichi** u Gamichi nafu li kien kunjom aktarx Grieg b'tifsira marbuta ma' 'żwieġ' (eg. poly*gamy*, mono*gamy*). Wied Għammieq għalhekk aktarx ifisser 'Il-Wied tal-familja Gamichi'. Hawn naraw ukoll tibdil fil-ħoss tal-ewwel ittra, l-istess tibdil li nsibu fi kliem ieħor qadim ħafna bħal: Għawdex (Gaudos), għonnella (gonella), **Għargħur** (Gargur), Għariexem (Gerasimu), **Bieb il-Għarreqin** (Il-Grekin). F'din il-kelma Gamichi hemm ukoll tibdil fil-ħoss ta' l-aħħar konsonanti, illi fil-bidu aktarx kellha ħoss li jaqbel mal-leħen 'k' jew 'q' iżda taħt l-influenza tal-Isqalli ġie jixxiebah ma' 'ċ'.

**Għeriexem** ħawwadni mhux ftit. Għal snin sħaħ ħsibt li l-ewwel sillaba kienet tfisser għar, u kienet turi li kien hemm xi għar f'dik in-naħa. Il-bqija tal-isem kien forsi l-isem ta' xi ħadd li kien joqgħod fih. Wara ftit żmien mhux ħażin sibt xi ħadd fid-dinja Għarbija li kellu isem jixtiebah ħafna, jiġifieri 'Exim'. Iżda bqajt naħseb fuq it-tifsira, u maż-żmien bdejt insibha iżjed u iżjed diffiċli biex naċċettaha meta ntbaħt, l-ewwel li ma kien hemm l-ebda għar hemmhekk, u t-tieni li d-dokumentar dejjem jagħtina kelma waħda u mhux tnejn. Għalhekk għedt li sata' kien il-każ li l-kelma li

[2] A. Preca, *Malta Cananea* (Malta, 1904), 532.

[3] M. Gandhi u O. Husain, *The Complete Book of Muslim and Parsi Names* (New Delhi, 1994), 319, taħt il-kelma Nashr, bit-tifsira 1. spreading. 2. publishing, fragrance; odour; scent; taħt il-kelma Nāshir, 1. one who scatters; 2. exposer; announcer; broadcaster; publisher.

[4] Ara l-ktieb tiegħi *Kliem Malti Qadim* (Malta, 2006).

[5] V. Christides, *The Conquest of Crete by the Arabs (ca. 824) A Turning Point in the Struggle between Byzntium and Islam)*, (Atheni, 1984), 91.

ridt biex infisser dan l-isem kellu jkun isem wieħed ta' bniedem. Daqsxejn ta' ħarsa fl-indiċi ta' ktieb dwar il-patrijiet griegi fi Sqallija mill-ewwel issuġġerieli l-isem Nisrani Griek Biżantin **Gerasimu**, bit-Taljan dan jieħu is-sura Ġerasimo. Meta wieħed iqis li Ġerasimu qatt ma sata' jagħtina Għeriexem, iżda Gerasimu jasal preċiż fejn irriduh. Għalhekk ikkonkludejt li l-isem meħtieġ kien eżatt Gerasimu. Minn hemm 'l quddiem deherli li l-problema solvejtha.

Wara **Għariexem** nieħdu l-każ ta' **Ta' Kappara**. Hawnhekk kważi kulħadd jgħidlek li hemmhekk kien hemm ħafna kappar, iżda ħadd ma jispjiega għaliex kellu jkun hekk. Il-kappara hija xitla li tikber kważi kullimkien fil-gżejjer Maltin. Ħadd ma jinduna li l-isem m'huwiex Tal-Kappar iżda Ta' Kappara. Kulħadd jaqbel li *kappara* għandha żgur x'taqsam max-xitla tal-*kappar,* u li l-kunjom tnissel minn laqam. U daqshekk. Ħadd ma jasal biex jagħrbel iktar. Ħadd ma tidħollu f'rasu li l-kunjom Ciappara qabel ma ġie taħt l-influenza qawwija tal-Isqalli kien jinħass Kappara, u għalhekk Ta' Kappara jew Tal-Kappara tfisser biċċa art marbuta ma' dak il-kunjom fis-sura ewlenija tiegħu. Ir-rabta kienet jew waħda bħala sid l-art jew l-oħra ta' qbiela.

Biss xi kultant jekk wieħed jaħseb xi ftit iktar fil-fond jibdew jinbtu d-dubji f'eżempji oħra. Ngħidu aħna fuq **Ġnien is-Sultan** nibdew l-ewwel naħsbu li kien proprjetà tas-sultan, jiġifieri is-sultan ta' Sqallija, għalkemm fi żmien il-Għarab minflok sultan fi Sqallija kien hemm emir. Madankollu għall-biċċa l-kbira tan-nies daqshekk u biżżejjed. Ma jaħsbux iktar fuq il-problema. Sa kemm insibu li kien hemm ġonna oħra li kienu tas-sultan, art fewdali bħal Ġnien is-Sultan, iżda dawn kellhom ismijiet oħra. Għaliex f'dan il-ġnien insibu l-kelma *sultan* u mhux fl-oħrajn. It-tifsira għandha tkun li *sultan* f'dan l-isem ma tirriferix lis-sultan iżda kien l-isem personali f'xi żmien jew ieħor ta' sid Ġnien is-Sultan forsi anki qabel ma waqa' f'idejn is-sultan u l-qaddejja tiegħu. U tassew insibu l-isem *sultan* mogħti bħala isem lill-irġiel fid-dinja Għarbija. U kien jismu Sultan mhux Sultana għax dan ta' l-aħħar daħal meta minn isem sar kunjom u billi hawn kien sar isem ta' ġnien baqa' ma tbiddilx..

Madankollu hemm drabi meta wieħed ma jistax jgħid b'ċertezza liema hija t-tifsira t-tajba. Ngħidu aħna **Għajn Tuffieħa** tista' tkun l-għajn qrib is-siġra tat-tuffieħ, u wieħed għandu mnejn ikun imxaqleb li jgħid din tkun l-iktar tifsira sempliċi u naturali. Iżda nafu li l-kelma kienet sikwit tingħata bħala isem ta' persuna. Liema tifsira għandna nagħżlu mingħajr tagħrif ieħor li mhux dejjem se jkollna? Ikollna nħalluha fid-dubju. Każ ieħor diffiċli huwa dak ta' **Marsaskala.** Għamel żmien meta kulħadd kien jiktbu b'żewġ kelmiet *Marsa Qala.* Dawn nistgħu inqisuhom bħala kelmiet bejn wieħed u ieħor bl-istess tifsira. Iżda *Qala* jekk tinkiteb bil-għajn *qalgħa,* tfisser fortizza, jiġifieri il-Marsa tal-fortizza, forsi waħda qadima fejn fis-seklu sbatax tela' it-Torri ta' Marsaskala. Iżda m'hemm ebda ħjiel li kien qatt jeżisti dan it-torri jew fortizza qabel il-bidu tas-seklu sbatax. Għalhekk se jkollna naqtgħuha li l-isem ewlieni Marsa Qala huwa tat-tip doppju, jiġifieri żewġ kelmiet bl-istess tifsira. Il-kelma *skala* daħlet mal-miġja tal-Ordni u ma jidherx li kien hemm xi rabta ma dik il-ġrajja.

Hemm il-każi ukoll diffiċli ta' **L-Imtaħleb** u **Mutarxen,** (Ħal) Tarxien. Dawn it-tnejn jidher li għandhom magħquda ma' l-isem il-possessiv Malti fis-sura ewlenija u qadima tiegħu *mta*$^{c}$ . Wieħed m'għandux jinsa li l-isem tal-benefiċċju **Ta' Ħalab** jirrappreżenta preċiż l-isem Imtaħleb kif ġie wara xi żmien. Fuq Mtaħleb jgħidulek għax kien hemm produzzjoni tal-ħalib. Fuq Ta' Ħalab għadhom ma qalu xejn, naħseb għax ma jafux bih; xorta għandhom mnejn jgħidu li kien hemm produzzjoni tal-ħalib. Jinsew li fiż-żmien nofsani il-ħalib ma kienx iżomm iktar minn xi sagħtejn. Għalhekk naħseb li kieku il-post aktarx kien jissemma Tal-Ġobon b'tifkira tal-produzzjoni tiegħu minflok tal-ħalib. Hi kif inhi din li mmorru ma l-ewwel idea bħal f'dan il-każ iġibilna l-iżbalji, u żbalji kbar mhux żgħar. Il-kelma *Ħalab* wara kollox tirriferi għall-belt Sirjana ta' Aleppo, u għalhekk l-artijiet f'Malta Ta' Ħalab jew Mutaħleb jirriferu aktarx għal xi familja li aktarx ġiet minn hemm jew kellha x'taqsam ma' hemm. Kull m'għandna nagħmlu hu li nsibu l-kunjom tagħha fil-gżejjer Maltin fiż-żmien nofsani. Fil-fatt, nista' ngħid b'ċerta ċertezza li l-kunjom *Calabachi* huwa preċiż dak li rridu. L-ewwel konsonanti, l-ittra 'C' li forsi ma' l-ewwel daqqa t'għajn naqrawha bil-ħoss ta' 'k', irridu naqrawha bil-ħoss ta' eħħe, ħoss li ma jeżistix fit-Taljan. L-aħħar sillaba 'achi' skond Rholfs tirrappreżenta id-diminuttiv fil-Grieg Biżantin, qisha s-sillaba Taljana '-ino'. Għalhekk minn Mutaħleb għal Ta' Ħalab, minn Ta' Ħalab għal Calabachi, u minn dawn kollha għall-belt sabiħa Sirjana Aleppo. U l-ħalib naħseb ilu li qras.

Niġu issa għal **Ħal Tarxien**. Meta ftit ilu xi ħadd ħareġ igħid li *tarxien* hi mnissla minn *tirxa* jiġifieri ħaġra kbira, kulħadd biex ngħid hekk belagħha għax kulħadd kien ra il-ħaġar kbir tat-tempji ta' Ħal Tarxien. Għalhekk lil kulħadd it-tifsira dehret ta' min jemminha. Ħadd ma ta każ lill-fatt li din il-kelma *tirxa* tista' tgħid ħadd ma kien sema' biha qabel u teżisti, jekk xejn, biss f'dan l-isem ta' Ħal Tarxien. Ħadd ma ħaseb li it-*tirx*, biex insemmihom hekk la jriduhom hekk, ħadd ma kien jaf bihom sa ma ħabat magħhom wieħed bidwi fl-ewwel snin tas-seklu li għadda, għax sa dak inhar kienu mirdumin u kien ilhom sekli mirdumin fil-ħamrija. U tirxa kienet xi blata kbira li jibqa minn xi rdum wara li jinqatgħu u jaqgħu blatiet oħra. Issa kif rajna għandna sura miktuba ta' l-isem Mutarxen. L-

ewwel nofs ta' din il-kelma hija l-kelma *muta*ᶜ jiġifieri 'ta", il-possessiv Malti. Għalhekk l-ittra 't' trid tinqala' 'l barra, u hekk insibu li m'għadx fadlilna biżżejjed ittri ta' l-għerq tal-kelma *tirxa*. Ngħiduha wkoll illi li kieku ma kellniex il-kelma seħbitha Mutaħleb konna aktarx nibdew naħsbu li forsi min kitibha kien ħa żball u għalhekk ma nibqgħux nagħtu każha iktar. U bilħaqq mnejn qed inġibuha l-ittra 'n'? Li baqgħalna nagħmlu hu li nsibu tifsira tal-kelma Rxan jew Rxien (jew Irxan jew Irxien). Kien forsi isem, kunjom jew laqam? Nixtieq niddeċidiha jien iżda jonqosni l-evidenza. Li naf hu li lejn is-sena 1434 hemm dokument li jsemmi dawn l-inħawi Arġel, *servi* jiġifieri qaddejja ta' żmien il-fewdaliżmu, plural ta' *raġel*. Hemm eluf minnhom fid-dokumenti ippublikati minn Salvatore Cusa. Għal dan kollu jidhirli jien li għalxejn nibqgħu nixxenqu għat-tnissil ta' Ħal Tarxien mill-kelma *tirxa*. U għall-bdil ta' l-elle (l-aħħar konsonanti ta' rġiel) f'enne araha tagħmel l-istess ħaġa fil-kelma *meġil, miġen, mwieġel, mwieġen*.

F'dawn iż-żewġ ismijiet Mutarxen u Mtaħleb jidher li hemm ħjiel tas-sura bikrija tagħhom f'kif kienu jew baqgħu miktuba fl-ewwel dokumentazzjoni tagħhom. Kurjuża kif Mtaħleb rebħet fuq Ta' Ħalab (ikolli nghid li jonqos li wieħed jipprova li kienu l-istess post). Fil-każ ta' **Bieb l-Għarreqin**, l-Imdina, wieħed isib li t-tifsira baqgħet ħajja f'moħħ in-nies, meta jien, ngħid għalija, ridt nagħmilha tal-bravu, bħal tant nies oħra f'każijiet oħra, u ridt nargumenta li billi bl-Għarbi hemm kelma oħra għall-Griegi din kellha tfisser xi ħaġ'oħra. Daqshekk nistgħu nkunu bravi meta m'għandniex għalfejn. Għalhekk bdejt ngħid li Għarreqin kienet tirriferi għal xi ħanut qrib dan il-bieb tal-Imdina fejn kienet tinħadem l-għata tar-ras li jużaw l-Għarab u anki l-Lhud msejħa *l-urraqa*ᶜ. Iżda wara snin iltqajt ma' l-użu tal-kelma *Grekin* minn kittieba Għarbin tas-seklu ħdax u kelli nerġa' naħsibha. Nitlobkom taħfruli jekk kont tajt lil xi wħud minnkom din l-idea ħażina.

Niġi issa għall-isem illi tant qajjem saħna minn x'uħud. Qed ngħid għal **Ħal Għargħur**, li mijiet ta' nies jinsistu li għandna ngħiduha u niktbuha Gargur. L-użu tal-kelma Gargur mingħajr il-kelma Ħal kienet biss użanza Ingliża. Qabel l-Ingliżi meta il-kelma Ħal jew Raħal inqabżet dejjem kienu jdaħħlu flokha il-kelma taljana *casale*, raħal. U fl-antik nett sikwit insibu li flok il-kelma Gargur kienu jużaw il-kelma Grigori, u t-tifkira tar-rabta bejn dawn iż-żewġ kelmiet baqgħet ħajja matul is-sekli. U bilħaqq ma hemm ebda rabta ta' devozzjoni lill-qaddis Grigori: il-kelmiet San Grigori jew San Girgor jien ma ltqajtx magħhom fl-isem tar-raħal, għalkemm jista jiġri li xi ħadd għad isibhom. Jekk Gargur huwa Grigori, Grigori kien bniedem normali mhux qaddis. Hemm għalqa Ta' San Girgor iżda dan m'huwiex l-isem tar-raħal iżda isem dik l-għalqa. Madankollu sibt li l-kelma Gargur għadu użat fil-Ġordan bħala kunjom. X'għandna nagħmlu, nibqgħu ngħidu u niktbu Ħal Għargħur bħalma naħseb jien jew naqilbuh għal Gargur jew Ħal Gargur kif iridu xi nies iżda mhux kulħadd? Li ngħidu Għargħur mingħajr il-Ħal hija ħmerija għax hemm għaxriet ta' rħula oħra li għandhom il kelma Ħal u fiż-żmien nofsani kien hemm xi mija minnhom. U fis-Siġġiewi hemm l-imkien magħruf bħala **Ħarramija**, jiġifieri Ħal Ramija, r-raħal ta' Ramia, kunjom dokumentat f'Malta fis-seklu tlettax.

Meta ma nagħrfux it-tifsir tal-kunjomijiet sikwit naqgħu fi żbalji kbar. Hekk ħadd ma jaf bl-eżatt u b'ċertezza xi jfisser il-kunjom **Xiberras**. Għalkemm m'hemm ebda dubju li hu ta' nisel Għarbi għadni qatt ma sibtu sħiħ f'kontest Għarbi. L-aqwa kitbiet ta' dan il-kunjom huma dawk li jiktbuh Xehab ir-Ras. Il-kelma *xehab* tfisser fl-Għarbi kewkba kbira jew tiddi b'dawl qawwi. Għalhekk issib Xehab id-Din, kewkba tiddi tar-reliġjon. Ippruvajt nasal biex nifhem xi tfisser il-kelma *Ras* f'dan il-kontest iżda ma rnexxilix. Kemm Erin kif ukoll Aquilina jippruvaw iqabblu is-sura jew dehra tal-lokal mat-tifsira tal kelma, l-ewwel iġibha Xebb ir-Ras għalkemm jgħid li forsi kellha aħjar tinkiteb Xehb ir-Ras, iżda it-tnejn li huma qishom iktar iridu jġibu t-tifsira mill-post milli mill-kunjom, ngħidu aħna għolja fuq ir-riħ ta' xi witja bla ma tiġihom f'rashom jispjegaw għaliex hemm tant u tant għoljiet oħrajn li qegħdin fuq ir-riħ ta' xi witja, u m'humiex imsemmijin bħala **Ta' Xiberras**. U hemm dokumenti li juruna li l-art kollha mill-Braqxija 'il ġewwa lejn Sant'Iermu kienet f'idejn il-familja Xiberras. U hemm fergħa tal-familja Xiberras li għadha tiftakar fiċ-ċerimonja li kellha minn żmien il-granmastri li kienet tixhed dan.

U bil-ħaqq dak l-isem stramb li fixkel tant għorrief **Ta' Braxia** m'huwiex ħaġ'oħra ħlief **Ta' Braqxija**, jiġifieri tal-familja Ta' Berqax, dokumentat bħala kunjom fis-seklu ħmistax. Monsinjur Saydon ħaseb li kien xi kunjom lhudi. Tgħid ma wasalx iż-żmien li naslu li niktbuh sewwa? Kif inhu miktub daż-żmien l-anqas nistgħu biss nippronunzjawh. Ta' Berqax kienet familja tat-tajjeb li ħalliet artijiet biex daħlu f'Malta l-patrijiet Franġiskani Ta' Ġieżu lejn tmiem is-seklu ħmistax, jiġifieri qabel is-sena elf u ħames mija.

Nixtieq ukoll li fejn laqam hawn Malta jixbah laqam, isem jew kunjom Għarbi m'għandniex naqbdu dizzjunarju biex insibu mingħalina xi jfisser, iżda rridu ngħarbluh dejjem f'kuntest Għarbi, iktar u iktar meta m'hemmx qtugħ twil bejn żmien l-Għarab u dak li fih insibuh dokumentat. Hekk meta nsibu il-laqam **Ta' Ħlas** fis-seklu ħmistax hawn Malta u nfittxuha f'kotba Għarbin barra minn Malta nerġgħu insibu dan l-istess laqam jew isem, ikollna għalhekk naraw x'setgħet kienet tfisser f'kuntest Għarbi, billi kollox jurina li

m'hemmx qtugħ bejn żmien l-Għarab u dak nisrani ta' l-aħħar sekli taż-żmien nofsani. U din imbagħad għandha mnejn turina kif knisja żgħira f'nofs Malta ġiet marbuta ma' dan l-isem li forsi bdiet devozzjoni nisranija li ma kellha x'taqsam xejn mal-kunjom jew laqam Għarbi u t-tifsira ewlenija u bikrija tiegħu.

Nieħdu l-isem **Ħal Dejf** l-kunjom qadim issa minsi Dejf jew Dgħejf, jidher ċar li l-isem tar-raħal jirriferi għall-kunjom, jiġifieri r-raħal ta' xi ħadd imsemmi jew kunjomu kien Dejf jew Dgħejf (kif hawn min qed jiktbu). Insibu wkoll minn dokumenti ta' qrib is-sena 1511 li l-kunjom inqata' għax inbidel mal-kunjom barrani Magro u Magri, li t-tnejn ifissru Dgħejf tal-laħam u torbot mal-kelma dgħajjef. Issa fl-Għarbi dan seta' kien laqam aktarx rari. Ħafna iżjed komuni kien l-isem Dejfullah, jiġifieri 'Milqugħ minn Alla', *guest of God*, bl-Ingliż. Billi l-isem Dejfullah hu daqsxejn twil kien jitqassar f'Dejf, ngħidu aħna f'diskors bejn l-aħwa jew ħbieb, li huwa l-kunjom tagħna. Meta bidluh ma' Magro n-nutara u qassisin naħseb ftit li xejn kienu jafu Għarbi u l-anqas ma kellhom ebda interess li jkunu jafu, ħsiebhom kien biss li jibdlu kunjom Għarbi b'wieħed Sqalli, iżda l-isem tar-raħal baqa' kif kien. Hekk kien dejjem jiġri f'ċirkustanzi bħal dawn. L-isem tar-raħal għandu jinkiteb **Ħal Dejf**. U bil-ħaqq, jeħtieġ nagħmel tibdila fid-dizzjunarju fejn ħallejt studjuż ieħor katalan jiżvijani meta fisser 'Rafal adaif' bħala rafal pobre, magre', u insejt li f'Malta l-irħula kważi kollha kienu mibnija fuq il-kunjom jew laqam ta' xi ħadd.

Niġu għal **Ħal Qormi**. Qormi huwa kunjom is-soltu miktub Curmi, u jorbot isem dan ir-raħal fis-sura bikrija tiegħu ma' din il-familja. U l-kunjom Curmi xi jfisser? M'hemmx wisq fejn titħabat. Qormi hija s-sura aġġettivali ta' l-isem geografiku Krimea, jiġifieri bniedem mill-Krimea jew kellu xi rabta mal-Krimea kien jissejjaħ Qormi. Ma ninsewx li għal sekli sħaħ il-Krimea kienet kolonja tal-Ġinwiżi li kellhom fl-ewwel nofs tas-seklu tlettax kważi ħakma sħiħa f'Malta, u għal snin sħaħ anki il-kastell ta' Sant'Anġlu kien f'idejhom. Federiku Piscatore kien minn dik il-belt ta' Ġenwa u għalhekk nistgħu, anzi għandna, nqisuh bħala Ġinwi. F'Malta il-Ġinwiżi ħallew tifkiriet oħra tagħhom fl-inħawi Ħal Ġinwi, u tal-Ġinwi u tal-Ġinwin.

Dan jgħodd ukoll għal għadd ta' ismijiet ta' nħawi bħal **Għajn Rażul**, **Ta' Sliema**, **Ta' Randan**. Rażul, Salama u Randan huma kollha ismijiet komuni ta' rġiel Għarbin. Rażul m'għandu xejn x'jaqsam ma San Pawl, Salama m'għandhiex x'taqsam mas-Sliema it-talba magħrufa b'dak l-isem, u l-anqas ma' Daressalam, u Randan hija tibdila ċkejkna ta' l-isem Għarbi Ramadan li f'Malta bħala kunjom baqa' jitbiddel sa kemm ħa is-sura ta' Randun u ħafna jaħsbuh li ġej minn Franza u minn kunjom Franċiż.

Li kunjomijiet Maltin ta' nisel Għarbi ġew jixtiebhu ma' xi isem barrani hu fatt magħruf sewwa. L-iżjed eżempju magħruf huwa dak ta' **Mintoff**. Dan tnissel mis-sura ewlenija **Mintuf**, u diffiċli biex tifhem kif bniedem seta' tnittef la l-bniedem m'għandux rix xi jnittfulu. Biss kittieb Għarbi tas-seklu għaxra jgħid li f'Bagdad kien hemm wieħed għalliem li kellu d-drawwa waqt id-diskors tiegħu li jmelles u jiġbed u jnittef xagħriet mid-daqna tiegħu hekk li l-istudenti tiegħu qalgħuhielu il-Mintuf. Kien biss fis-seklu tmintax li daħlet id-drawwa hawn Malta li tiżdied ittra 'effe' ma' l-aħħar ittra tal-kelma hekk li ħadet dehra ta' xi kelma jew isem mir-Russja jew xi pajjiż ieħor Slav. Fil-fatt issibha l-ewwel bħala Mintuf fil-gżira t'Għawdex fin-naħa tal-Għasri u dan kien fis-seklu ħmistax. Qabel kienet dehret ukoll fi Sqallija fis-seklu tlettax u kif rajna f'Bagdad fis-seklu għaxra.

Billi ftit huma l-Maltin li jafu xi ftit Għarbi, argumenti sikwit iqumu fuq it-tifsir eżatt anki meta nkunu qtajniha sewwa li hu ta' nisel Għarbi. Ngħidu aħna qegħdin jargumentaw xi tfisser fl-Għarbi l-kelma **Rabat**. Hemm min inissilha mill-kelma Għarbija 'ribat', u jgħid li din kienet ċentru fejn kienu jinġemgħu l-ġellieda Misilmin, *il-muġahidin*, ngħidu aħna qishom il-fortizzi jew forsi il-bereġ tal-kavalieri fuq in-naħa tal-Insara. Iżda trid titnissel minflok mill-kelma Għarbija 'Rabat', li tfisser biss kwartier jew ħara ta' belt, ngħidu aħna f'Tunes, ir-Rabat tal-Insara. Minn naħa l-oħra hu fatt magħruf li l-belt Rabat tal-Marokk tnisslet mill-kelma 'ribat': dan hu dokumentat; ix-xebh fil-kitba bl-alfabet Latin ta' din il-belt fil-Marokk hu biss kumbinazzjoni.

Igħidulek li San Ġwann t'Għuxa ħdejn Bormla tfisser San Ġwann li jgħin (lil xi ħadd, 'almoner'), iżda fl-Għarbi din il-kelma ma ssibhiex. Jista' jkun li t'Għuxa hija dak li baqa' mill-kunjom De Osa, jew Dosa, kunjom li kellu wieħed mis-serġenti tal-kastell ta' Sant'Anġlu fis-seklu erbatax u li ngħata art lejn dik in-naħa? It-titular li kien hemm fil-kappella ttieħed hemm minn xi xini mal-miġja tal-Ordni f'Malta u ma jidhirx li kellu x'jaqsam ħlief illi seta' ħoloq il-ħsieb ta' San Ġwann li jgħin lil ħaddieħor. **L-Isla** u **Ir-Rinella** huma żewġ ismijiet oħra fejn ir-rabta mal-Għarbi m'hijiex waħda dritta bħal f'mijiet ta' ismijiet oħra hawn Malta jew Għawdex biex ma ngħidx eluf. L-Isla tnisslet mit-Taljan jew forsi mill-Katalan (niftakru fil-mijiet ta' suldati Katalani f'Sant'Anġlu fis-sekli erbatax u ħmistax). Iżda 'isola' f'dawk l-ilsna tfisser gżira kif nifhmu dik il-kelma daż-żmien fil-Malti minkejja l-fatt li l-Isla m'hijiex gżira iżda peniżula. Huwa biss fil-Għarbi li il-kelma għandha ż-żewġ tifsiriet kemm ta' gżira kif ukoll ta' peniżula u għalhekk tixbah l-ismijiet l-oħra li kellna Malta ta' **Il-Gżira ta' l-Imsida, Il-Gżira tal-Marsa**, u **l-Gżira ta' San Tumas**. Fil-każ ta' l-Isla, l-isem naħseb kien **Il-Gżira tal-**

**Birgu**. Meta bdiet tingħad bit-Taljan jew bil-Katalan jew x'kien (m'għandniex għax naħsbu li kien bil-Franċiż) ma kienx baqa' għalfejn tingħad il-kelma 'tal-Birgu'. **Rinella** bit-Taljan tfisser ramla żgħira, 'arena piccola', bil-Malti Rmejla, kif hemm f'pajjiżi Għarbin band'oħra.

Hemm imbagħad l-irħula **Ħal Għattar** u **Ħ'Attard**, wieħed fuq ir-riħ tas-Salina u l-ieħor f'nofs Malta ħdejn Ħal Balzan u Ħal Lija. Wieħed jibda jitħasseb fuq ir-rabta ta' bejniethom jekk qatt kien hemm. L-*għattar* fil-fatt kien l-uffiċċjal li kellu ħanut tal-ħwawar u xtieli li kienu jintużaw fil-fejqien minn xi mard, l-apotekarju, u l-kelma kienet kelma Għarbija li ssibha fid-dizzjunarji bla taħbit. Issa kienet drawwa ukoll li l-gvern kien iħalli xi għalqa biex tgħin bid-dħul tagħha ħalli dan l-uffiċċjal idaħħal xi ħaġa tal-flus meta l-uffiċċju nnifsu ma kienx iġiblu qligħ biżżejjed.. Għalhekk Raħal Għattar kien marbut ma din id-drawwa, waqt li Ħal Attard issawwar wara li l-laqam *Għattar* xebbhuh mal-kunjom ta' oriġini Ewropea jiġifieri *Attard, Attardi* jew *Attardo* hekk li l-laqam inqata' u ntesa u postu ħadu l-kunjom barrani. Każ ieħor fejn kelma Għarbija welldet żewġ ismijiet hija l-kelma **Kbir**, li sikwit kien jingħata lil xi tarbija ftit wara t-twelid eżatt għax kienet ikbar min-normal. Dan jispjiega għaliex kellna Raħal imsemmi **Ħal Kbir** mhux 'il-bogħod mis-Siġġiewi, għalkemm ma jidhirx li qatt kien kbir, u għandna lokalità msemmija **il-Qrendi**, 'Grande' jew 'Grandi', fejn studjużi tal-Malti sabuha bi kbira li jammettu li setgħet kienet traduzzjoni ta' l-istess kelma 'kbir'. Il-kunjom *Grandi* ssibu xi darba jew darbtejn fost l-ismijiet ta' nies hawn Malta fis-sekli erbatax u ħmistax, ħaġa li l-istudjużi tal-Malti naħseb ma kinux jafuha s'issa. Li ssib *Grandi* bħala kunjom band'oħra bħal fl-Italja m'għandux x'jaqsam għax aħna dejjem irridu norbtu kull ma nkunu qed ngħidu ma' Malta jew Għawdex u mhux ma x'imkien ieħor.

Ħalli ngħidu wkoll li waqt li Raħal Għattar kellu x'jaqsam ma' l-uffiċċju u l-ħanut ta' dak li kien jiġbor u jbiegħ il-ħwawar bħala duwa fil-mard, **Raħal Saptan** kellu x'jaqsam, aktarx bl-istess manjiera, ma' art mogħtija biex tinżamm dik l-istituzzjoni fejn kienu jinżammu l-morda, jiġifieri l-Isptar. Qegħdin ngħidu li d-dħul mill-għelieqi ta' dawk in-naħat kellhom jgħinu biex jitħallsu l-ispejjeż tal-Isptar. Żgur mhux għax l-isptar kien mibni hemmhekk, jew li kien hemm xi rabta mal-kunjom Spiteri.

**Il-Qammieħ** ħawwadni bil-kbir. Min imur hemm jintebaħ li m'hux xi post fejn jista'jitkabbar ħafna qamħ, għax tista' tgħid li hu dak li daż-żmien jissejjaħ 'garrigue' jew xagħra bil-Malti. Jien fid-dizzjunarju deherli li l-isem jorbot ma' xi ħadd li jaħdem fil-kummerċ tal-qamħ. Illum forsi iktar nahseb li qed jirriferi għall-*granaro*, l-uffiċjal li kellu jaħseb fil-ħażna u t-tqassim tal-qamħ, u din il-kelma b'din it-tifsira eżatta issibha fil-bandi ta' l-Ordni. Tistgħu jekk tridu ssibuha fil-ktieb tiegħi fuq l-Ilsiera fil-każijiet fejn xi ilsir fi żmien l-Ordni kien ordnat jinżel fil-fosos tal-qamħ u intilef minn sessieħ u miet bit-tort jaqa' fuq il-*granaro*, jiġifieri l-qammieħ. Jekk kien negozjant naħseb li kien jaqlagħha tajjeb minn-negozju. Jekk kien uffiċjal seta' kellu dħul biss minn xi merħla nagħaġ jew mogħoż li kienet titħalla tira' f'dawn l-inħawi. Ninsewha dik li jgħid Erin li jingħad din l-art kienet tajba għat-tkabbir tal-qamħ. Ma kinetx.

Dan it-tip ta' tifsir ħafna drabi jiġri wkoll fejn ikollna referenza għal xi knisja taħt l-isem ta' xi qaddis. Hekk **Qasam San Pawl** Għawdex kellu fih artijiet tal-katidral ta' San Pawl ta' l-Imdina f'Malta u ma kienx hemm f'dik in-naħa xi knisja oħra ta' San Pawl sa fejn huwa magħruf. Madankollu f'ħafna każijiet nibqgħu ma nafux il-fatti kif kienu eżatt.

Kurjuż il-każ ta' **L-Għalqa tal-Abbatija** fid-Dejr ħdejn ir-Rabat Ta' Malta. Hawn għandek anki wieħed fost l-aqwa studjużi ta' l-istorja tal-Kristjaniżmu f'Malta, u li jien naqbel miegħu kważi f'kull dettall, itambar fuq l-importanza storika ta' din l-għalqa qisu qed jgħid li tintrabat mat-tifsira ta' l-isem Dejr, jiġifieri monasterju, u jkompli jargumenta li t-tnax-il post b'dan l-isem ta' *dejr* li forsi bi stagħġib tiegħi iktar minn tletin sena ilu sibt li kienu jeżistu fil-gżira ta' Malta, il-biċċa l-kbira minnhom illum minsija jew mibdula ma' kliem bħal *djar*, kellhom x'jaqsmu mal-bidu mill-ġdid u t-trawwim tal-kristjaniżmu f'Malta fi żmien in-Normanni u wara. Jien kont darba flejt din il-kelma *dejr*. Mill-ewwel sibt li fl-Għarbi, jiġifieri fil-Malti qadim, kienet l-iktar tfisser monasterju, iżda sibtha diffiċli biex naħseb li f'dak iż-żmien seta' kellna daqshekk monasterji.[6] Sibt ukoll li diffiċli ssib xi rabta tagħhom mar-reliġjon, la f'pittura, la fi statwi u l-anqas f'oqbra jew bħala proprietà, ħlief fil-kas ta' l-inħawi **tad-Dejr** fejn hemm ikonografija taż-żmien nofsani, skond l-esperti kemm ta' żmien ta' qabel l-Għarab u kemm taż-żmien ta' wara. Għalhekk naċċetta li hemm rabta tan-naħa Tad-Dejr mar-reliġjon u forsi ma' monasterju. Iżda għall-oħrajn m'hemmx. U dik il-famuża Għalqa tal-Abbatija kienet tal-monasterju tas-sorijiet Benedettini ta' l-Imdina. Tad-Dejr ma kienx hemm monasterju fiż-żmien nofsani imwaħħar, kienx hemm qabel ma ġew il-Misilmin ma nafx. U **San Ġorġ ta' Dejr Magħlaq** ma jfissirx li kien hemm xi monasterju ta' San Ġorġ iżda biss saret referenza lil Dejr Magħlaq biex turi fejn kienet din il-kappella ta' San Ġorġ għax b'dak l-istess isem kien hemm knejjes oħrajn band'oħra.

U nkompli daqsxejn oħra fuq din il-kelma **dejr**. Sibt li f'kitba Għarbija

[6] G. Wettinger, 'Some Maltese Medieval Place-names of Archaeological Interest', *Atti del colloquio internazionale di archeologia medievale*, (Palermo, 1976), 344-47, 361.

jinsab imniżżel li f'ċerta gżira żgħira qrib it-Tunisija kien hemm nuqqas sħiħ ta' nies għax kull ma kien fiha kien għadd kbir ta' nagħaġ u mogħoż, magħrufa bil-Għarbi u bil-Malti qadim bħala *għanem*. Għalhekk id-dejr li kien hemm kien issemma bħala id-Dejr tal-Għanem, il-monsterju tan-Nagħaġ u l-Mogħoż. Lili din it-tifsira ma niżlitlix avolja kienet maqluba bil-Franċiż minn wieħed Għarbi. Snin wara irnexxieli insib li fis-Sirja fis-seklu ħmistax kien hemm u forsi għadhom hemm żewġ dizzjunarji li jfissru il-kelma *dejr* miktub b'daqsxejn ta' tibdila fil-pronunzja kienet tfisser eżatt razzett. Li Malta kellha tnax-il razzett fi żmien l-Għarab taqbel preċiż ma dak li għandna naħsbu li kellha Malta. Il-kristjaniżmu reġa' xtered fi żmien in-Normanni jew wara mhux permezz tal-postijiet dejr iżda aktarx minn kappelli fl-għerien u kappelli oħrajn mhux fl-għerien.

Niġu issa għal żewġ ismijiet li qajmu plejtu mhux ħażin. L-ewwel waħda hija l-isem ta' Ħaġar Qim. Aquilina jgħid li Qim tfisser 'standing', **Ħaġar Qim**, 'standing stone'. Erin jidħol f'ħafna dettalji, u jikkwota dizzjunarji Għarbin u jxebbaħha mal-kelma *gim*, bla ma jgħid kif din tintuża. L-emfasi dejjem hi li tfisser wieqaf; jikkwota lil Agius de Soldanis li jfissirha bħala 'imqawmin', u lil Caruana li għalih Ġebel Qim kellha x'taqsam ma 'venerazjoni, culto'. Issa fid-dizzjunarju tiegħi ta' l-ismijiet ta' l-inħawi fil-gżejjer Maltin, hemm l-isem **Ħaġar Wieqaf** mogħti lill-*ħaġra wieqfa* l-Qala, Għawdex. Għaliex f'Ħaġar Qim flok il-kelma *wieqfa* tintuża l-kelma *qim*? Aħna lkoll nafu li din il-kelma *qim* tintuża biss bħala tagħjira, hija magħduda bħala kelma oxxena li llum tingħad biss f'ċirkostanza ta' ġlied, u għandha tifsira ħafna iżjed eżatta minn 'standing' kif jgħid Aquilina, u li minn din il-kelma għall-venerazzjoni hemm baħar jaqsam, u l-kliem l-oħrajn *imqawmin, wiqfin*, setgħu ntużaw iżda tħallew barra. Saħansitra fi Sqallija ssib il-frażi الحجر الطويل الواقف, il-ħaġar it-twil il-wieqif, fid-dokumenti ta' Cusa ta' żmien in-Normanni, referenza li jien daħħalt kemm fid-dizzjunarju kif ukoll f'dak l-aħħar ktieb tiegħi *Kliem Malti Qadim*. Għalija l-frażi *ħaġar qim* hija l-ekwivalenti f'kontest ta' bdiewa u raħħala u ċ-ċajt tagħhom ta' kuljum għall-frażi maħluqa f'kuntest ta' studju u serjetà minn arkeoloġi u antropoloġi tal-frażi *ġebla fallika*, phallic stone. Jibqa' l-problema żgħira ta' pronunzja, *qim* jew *gim*? Aquilina sabha fid-dizzjunarju ta' Beaussier bħala kelma tal-Għarbi tat-Tunisija bl-istes ħoss u tifsira bħal fil-Malti.[7]

Hemm imbagħad l-ismijiet **Nigret** u **Ngieret**, li tant qajmu kwistjonijet. Jien stess iddiskutejthom fit-tul fil-ktieb fuq l-ismijiet. Kulħadd qisu jaqbel li għandhom x'jaqsmu mal-lewn iswed, izda hemm min jara fihom iċ-ċawl, għasfur iswed li kien hemm żmien meta kien ibejjet f'Malta iżda ilu nofs seklu ma tidher waħda, u hemm min jaħseb li kien hemm żmien meta n-nies kellhom l-irziezet biex ikabbru ċ-ċawl fihom, idea li iddieħak biha Erin, iżda xorta l-idea żammet f'imħuħ xi nies. Irridu nifhmu li hemm fenominu li tissejjaħ fehma folklorista rigward tifsir ismijiet l-imkejjen, li nies iħossuhom miġbuda lejha u li għandhom xi dmir li ma jħalluhiex tintesa u tmut. Ma għadniex nemmnu fil-ġganti, iżda l-Ġgantija issemmiet għalihom u naħseb li sa ddum tibqa' tissemma għalihom. Xi ħsara hemm sa kemm nafu x'qegħdin nagħmlu? Kien ili tista' tgħid il-karriera kollha tiegħi nagħmel tiftix fuq l-ilsiera f'Malta iżda kien biss f'dawn l-aħħar snin li għaraft kemm kien hawn nies ta' razza sewda fil-privat fost l-ilsiera. Fl-istess ħin is-suwed kienu dejjem minoranza żgħira fil-pajjiż. Għalhekk jidher li ġara li l-ismijiet ta' xi nħawi kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex baqgħu marbuta mat-tifkira ta' xi iswed, xi familja ta' suwed, li kienu jgħixu hemm. Hemm kelmiet ta' nisel Għarbi bħal *wasif, usif*, il-kelma *iswed, l-iswed, sewda, is-sewda,* iżda f'xi żmien daħlu kelmiet mill-Latin, mill-Isqalli jew mit-Taljan, bħal *negrito, negrita*. U jidher li dawn daħlu kmieni hekk li sawru l-morfoloġija tagħhom fuq is-sura Għarbija, ngħidu aħna *Nigret, Ngieret*. Ngħidu din ukoll, waqt li nafu li dak li kien jikkmanda l-Misilmin li ġew u ħadu Malta lejn is-snin 869-870 AD, kien imlaqqam al-Ħabaxi, jiġifieri l-Abissin, jew *Etiopico*, iswed, u seta' kien ilsir tas-sultan. Nafu wkoll li l-aħħar darba li l-ilsiera nġiebu Malta kien fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża fis-seklu dsatax u dawn kienu magħrufa fid-dokumenti bħala *nagrito, negrita, negriti, negrite*. Inġiebu hawn mill-Eġittu u aktarx kienu Nubjani. M'għandniex ninsewhom. Demm is-suwed tħallat ukoll ma' tagħna ma' tul is-sekli.

Biex nagħlaq naħseb l-aħjar li niġbor ħafna milli għedt fil-ħsieb aħħari li biex ir-rabta ta' ismijiet l-inħawi f'Malta tkun daqs tant marbuta ma' ismijiet ta' sidien u nies oħra li kellhom x'jaqsmu mal-post, kwazi kollha ismijiet jew Għarbin jew ta' nies ta' wara żmien il-Għarab, wieħed ikollu għax jaħseb li din tixhed kolonjaliżmu sħiħ fejn in-nies ta' qabel l-Għarab ma tħalltux magħhom iżda spiċċaw biex jew inqatlu jew tkeċċew minn Malta mingħajr ma ħallew ebda rabta maż-żmien ta' wara. Fejn għandna ismijiet personali Griegi bħal Gerasimu dawn setgħu kienu ta' dawk in-nies ta' żmien in-Normanni jew ta' wara li kienu Nsara għax ġew minn barra bħala Nsara jew kienu qalbu għall-kristjaneżmu f'dawk iż-żminijiet ta' wara l-1127.

© Godfrey Wettinger

[7] J. Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, I, 437.

# AKTAR INTIETEF

## FOLKLORISTIĊI MILL-GĦASRI



Toni Calleja

**Għal did-darba xtaqt nibda l-kitba tiegħi billi nsemmi xi ħaġa dwar il-bibien tal-knisja parrokkjali ta' l-Għasri. Fil-faċċata imponenti tagħha, l-knisja parrokkjali għandha tliet bibien: wieħed kbir fin-nofs, li n-nies tar-raħal jirreferu għalih bħala *l-Bieb il-Kbir*, u tnejn fil-ġnub, wieħed kull naħa, popolarment magħrufa bħala:**

### IL-BIEB TAN-NISA, U L-BIEB TA' L-IRĠIEL.

Il-bieb tan-nisa hu dak ta' fuq il-lemin, jew in-naħa ta' San Pawl, u l-bieb ta' l-irġiel hu dak tax-xellug, in-naħa ta' San Pietru.

Id-drawwa li dawn iż-żewġ bibien jissejħu b'dan l-isem hi qadima daqs il-knisja nfisha. Qabel bdew jużaw il-knisja l-ġdida, l-Għasrin kienu jinqdew bil-knisja bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju fejn allura kulħadd, irġiel u nisa, kien jidħol mill-bieb il-kbir, tan-nofs. Meta, pero, kien ikun riħ nofsinhar xi nitfa qawwi, il-bieb il-kbir kien jinżamm magħluq, u minflok kien jinfetaħ dak tal-ġenb.

Il-knisja l-ġdida, illum il-knisja parrokkjali, bdiet tintuża nhar id-9 ta' Jannar 1916, jiġifieri dakinhar stess li kienet ikkonsagrata. Il-knisja l-ġdida, msejħa "l-knisja ta' fuq", kellha aktar minn bieb wieħed. Iz-zija Ċikka (ta' l-Aħmar: 1895-1977) kienet tgħidli li meta bdew jiddubbaw bil-knisja l-ġdida, l-Viċendarju Dun Karm Caruana (taz-Zopp: 1911 – 1921) kien għamel appell minn fuq l-artal biex in-nisa u l-irġiel jidħlu minn bibien differenti. Għax qallhom: "Fir-rabta l-qadima hekk kienu jagħmlu fit-Tempju ta' Ġerusalemm, in-nisa jidħlu minn bieb u l-irġiel jidħlu minn ieħor." Bħala eżempju semmielhom l-istorja ta' meta Ġesu ntilef fit-Tempju. Il-Madonna ħasbet li t-tifel kien ma' Ġużeppi, u missieru ħaseb li kien ma' ommu – "għax l-irġiel u n-nisa kienu jgħaddu minn bieb differenti".

Ġużeppa Sultana (ix-Xappa tad-Daqqaq: 1908 – 1992) kienet tgħidli: "Il-Viċendarju kien bniedem strett u ta' dixxiplina, u kulħadd fehem x'kienet ir-raġuni ta' l-appell tiegħu. Għan-nies ta' l-Għasri ta' żmienu, l-appell ta' Dun Karm kien ifisser ordni, u bilfors kellna nisimgħu minnu."

Huwa fatt magħruf li l-Viċendarju Dun Karm Caruana kien ġeluż ħafna li ma tmurx tinħoloqlu xi għamla ta' permissivita' bejn iż-żewġ ġeneri fil-viċi-parroċċa ta' l-Għasri afdata taħt il-kura spiritwali tiegħu (1). Imma tant kien strett li l-prekawzjonijiet u l-miżuri addottati minnu kienu xi drabi sproporzjonati. Naturalment kien żmien ieħor, u dak li qed ngħid għall-Viċendarju ta' l-Għasri, ftit jew wisq, jista' faċilment jingħad għal kull saċerdot ieħor responsabbli mill-kura ta' l-erwieħ.

U min iddeċieda x'bieb jieħdu n-nisa u x'bieb jieħdu l-irġiel? Diġa għidna li l-bieb tan-nisa hu dak int u dieħel, fuq il-lemin tal-knisja, waqt li l-bieb ta' l-irġiel jiġi dak ta' fuq ix-xellug. Min ikun sajjem mit-tagħrif storiku ta' kif seħħew l-affarijiet, faċli jgħidlek li l-għażla kienet kwistjoni ta' etikett; in-nisa, dawk tas-sess ġentili, fuq il-lemin, u l-oħrajn, l-irġiel, fuq ix-xellug. Veru li l-preambolu jimpara tajjeb, imma ma naħsbux li xi ħadd qagħad jikkonsulta l-kalatew biex jiddeċiedi! U lanqas hu maħsub li l-għażla kienet xi ħaġa premeditata mill-bennej Ġorġ Galea (tal-Merkant: 1864-1955). Qiegħed ngħid hekk għax waqt il-kors tal-bini, f'dak li kellu jkun il-bieb tan-nisa, għamel żewġ imsielet, waqt li f'dak ta' l-irġiel għamel biss misluta waħda! F'xogħol kbir, l-aktar minħabba l-ġebel ta' l-irkaptu, fejn daqqa jeħtieġlek taħdem

fuq ġenb u daqqa fuq ieħor, faċli li l-bennej jaħrablu dettal hekk żgħir. Żgur ma kinitx xi ċajta ta' Ġorġ. L-Imgħallem Ġorġ tant kien bniedem biżbetiku li ċ-ċajt ma kienx ħabibu. X'aktarx li kollox kien żball ġenwin da parti tan-naġġar, li nesa joħroġ il-misluta u ħalliha bunja (2). Mażżmien, il-fatt li bieb wieħed għandu żewġ imsielet u l-ieħor għandu tnejn, irrenda ruħu bħala punt ta' referenza, u fatt kurjuż li jnissel ċertu simpatija fost l-Għasrin. Ġaladarba ħaslet ġiet hekk, tkun ħasra jekk issa xi ħadd jobromlu jirranġah!

Għall-mistoqsija tagħna jekk kienx Dun Karm ukoll li ddetermina liema bieb kellhom jieħdu n-nisa u liema l-irġiel, il-kotra ta' dawk intervistati wieġbu li ma kellhomx ħjiel. Fin-nuqqas ta' provi li għandna, jkollna nirrikorru għad-deduzzjoni loġika: Dik il-ħabta li kienet tinbena l-knisja, fil-misraħ (illum Pjazza s-Salvatur) kien hemm żewġ ħwienet tal-merċa; tajbin u mbabbdin. Wieħed faċċata tal-knisja sewwa; ħada fejn illum hemm it-*telephone box*, u ieħor fil-ġenb, fil-kantuniera tat-trejqa li llum tieħu għall-kunvent tas-sorijiet. Ta' l-ewwel kien magħruf bħala "taċ-Ċamperlina" (Marija Sultana - 1867-1946), u l-ieħor "tal-Merkanta" (Tereża Galea - 1835-1915, omm Ġorġ, il-bennej tal-knisja). F'nofsinhar, il-ħaddiema tal-knisja kienu jmorru f'xi wieħed minn dawn iż-żewġ ħwienet biex forsi jixtru b'xi sitħabbiet tonn, jew sonża tal-majjal mmellħa biex jieklu biha, jew biex forsi jieħdu dik il-qatra mbid. Billi dawn iż-żewġ fniedaq jiġu fuq ix-xellug tal-knisja, għall-qorob, il-ħaddiema kienu jgħaddu dejjem minn dak li biż-żmien kellu jkun *il-bieb ta' l-irġiel*.

Il-knisja ħadet xi tlettax-il sena biex tlestiet; u bil-ħaddiema, naturalment irġiel, dieħla u ħierġa mill-istess żbokk, mhux għaġeb li l-bieb tax-xellug kien ikkapparrat minnhom b'mod naturali. Għax kif jgħid il-qawl: **L-għada** (3) **li titrabba fiha, l-kefen ineħħiha**. B"dan il-mod, in-nisa ma kellhomx għażla oħra. Kellhom bil-fors jitqannew bil-bieb l-ieħor. Biss





lanqas jistgħu igorru, għax daqqilhom aħjar. Mhux biss akkwistaw id-dħul iktar rispettabbli tal-lemin, iżda wkoll il-bieb taż-żewġ imsielet. Prosit ħej...offi għalihom!

## WARA L-ERA DUNKARMJANA

Fis-16 ta' Diċembru, 1921, l-Għasri tgħolla għad-dinjita' ta' parroċċa. Xahar wara, fit-18 ta' Jannar 1922, l-ex-Viċendarju Dun Karm Caruana ntbagħat lejn id-dar, in-Nadur, u minfloku ħa l-inkarigu tal-parroċċa l-ġdida, bħala vigarju kurat, Dun Ġużepp Portelli (tal-Ħaddied ta' l-Għarb (4). Fi żmien ġimgħa, Dun Ġużepp ried iħejji l-meħtieġ, fosthom il-fonti tal-magħmudija, peress li fil-jum tal-25 ta' Jannar 1922, wara ħafna dewmien, kellu jidħol fis-seħħ id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa. Ma kienx hemm żmien x'jintilef, u bħala l-fonti tal-magħmudija kien addattat il-ħawt ta' l-ilma mbierek **tan-naħa tal-bieb ta' l-irġiel**. Meta tteħdilhom il-fonti ta' l-ilma mbierek minn-naħa tagħhom, xi wħud mill-irġiel għamlu l-kuraġġ, u biex ikunu servuti xorta, bdew jgħaddu mill-bieb tan-nisa huma wkoll. Għax bħalma jgħid il-qawl: meta jorqod il-qattus, il-ġrieden joħorġu. Issa ma kienx baqa' Dun Karm li jista' jaqbdek u jaħtfek xi ħatfa ħatfun!

Għall-ġieh ta' l-istorja rridu ngħidu li anke fi żmien Dun Karm, f'okkażżjonijiet partikolari l-irġiel ġieli daħlu mill-bieb tan-nisa. Peress li l-antiporta wara l-bieb ta' l-irġiel damet ħafna ma saret, ferm wara dik ta' wara l-bieb tan-nisa, il-bieb ta' l-irġiel ma kienx jinfetaħ meta kien ikun riħ qawwi li jaqbel u li jibqa' dieħel dritt ġol-knisja. Okkażjoni oħra kienet tkun meta, fl-ewwel snin tal-knisja, is-sepulkru kien jintrama fid-daħla tal-bieb ta' l-irġiel, faċċata ta' l-artal tal-Karmnu. Aktar tard beda jintrama fil-kappella ta' San Ġwann. Imma fil-*Bullettin tal-Ħadd Parroċċa ta' l-Għasri* tal-20 ta' Marzu 1988 (Nru. 49) daqsxejn ta' aħbar qasira kienet tgħid hekk: "Għall-ewwel darba s-Sepulkru ġie armat fil-kappella ta' San Ġużepp u mhux fil-kappella ta' San Ġwann bħas-soltu. **B'hekk l-irġiel spiċċalhom l-iskomdu fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa li jsibu l-bieb tagħhom magħluq**."

Barra minn hekk, fuq in-naħa tal-bieb tan-nisa kien hemm, taħt l-Għaxar Stazzjon tal-Via Sagra, gwarniċ b'lista ' twila ta' talb għall-erwieħ (5). Ftit mill-irġiel u n-nisa kienu jfallu li jagħmlu din id-devozzjoni. Imbagħad kien hemm Santa Tereża li billi kienet għadha qaddisa ġdida, kien hemm ħafna devozzjoni lejha. U kien hemm Sant'Antnin u l-Ecce Homo, li kemm l-irġiel u kemm in-nisa kienu jgħidu xi ġakulatorja quddiemhom qabel ma joħorġu.

Il-ħabib tagħna Frenċ Galea (ta' Marċell: 1926-..) li fi Frar tal-1950 emigra lejn l-Awstralja u reġa' lura Għadex għall-ħabta tal-1967 jgħid: "In-nisa, mill-bieb ta' l-irġiel ma kinux jidħlu, għax kienu jridu jgħaddu minn qalb ċorma rġiel li aktarx kienu jagħtuhom il-vot waqt li jkunu deħlin. Jien kont bqajt b'ħalqi miftuħ meta rajt is-Sorijet (sależjani tal-Għasri) jidħlu mill-bieb ta' l-irġiel meta ġejt lura mill-Awstralja. Niftakar kont għidt f'qalbi: Kemm jinbidlu d-drawwiet!"

## IL-BIBIEN INFUSHOM

**Il-Bieb il-Kbir:** Fl-istorja interessanti tiegħu dwar il-bini tal-knisja l-ġdida tal-Għasri, Dun Ġużepp Zammit jgħidilna li: "Meta waslu biex jagħmlu l-bieb tan-nofs, ma sabux injam għaliex kien hemm il-gwerra. Għalhekk kien jeħtieg li jaqtgħu minn dawk it-twavel ħoxnin ta' l-armar. U hekk għamlu. Qatgħu ħafna planki u twavel ta' l-armar, u ħaduh il-Qala għand l-aħwa Mercieca, imsejħin "ta' Manweli", li f'dak iż-żmien kienu mastrudaxxi tajbin ħafna. Dawn malajr bdew ix-xogħol ta' dan il-bieb." (6) Nafu wkoll li bħala rigal talli ħa x-xogħol, il-mastrudaxxa Salvu Mercieca, irregala leġiju tas-sieq, sabiħ ħafna, li għadu jintuża u jitgawda fil-knisja sal-lum.

**Il-Bieb tal l-Irġiel:** Jingħad li dan il-bieb kien tal-kappella ta' San Ġwann Evanġelista mibnija fiċ-ċimiterju tal-Kruċjati, eżistenti "fuq it-Tomba", ir-Rabat t'Għawdex, fil-ġenb ta' Pjazza Santu Wistin. Flok dan iċ-ċiminerju llum hemm il-kumpless ta' l-Oratorju Don Bosco. Il-benefizzju u l-utensili ta' din il-knisja, inkluż il-bieb u l-kwadru titulari, kienu akkwistati u ttrasferiti fuq artal ta' l-istess qaddis li kellu jitwaqqaf fil-knisja l-ġdida tal-Għasri. (7)

**Il-bieb tan-nisa:** Għajdut popolari fl-Għasri jgħid li dal-bibeb kien bieb ta' ġnien ta' waħda sinjura Maltija (8). Fuq dan il-fatt għandi din l-istorja xi ngħid: Fl-1923, il-Kappillan Dun Ġużepp Galea għamel il-gallarija ta' l-orgni tal-knisja. L-Għasrin, peress li ħafna kienu kontra tiegħu, kull opra li kien jagħmel kienu jaraw kif jimmankawhielu, u fuq din il-gallarija bdew jgħidu li ġiet tal-ħabba gozz. Qalu li kienet magħmula mill-injam tal-kaxxi tal-pitrolju, jiġifieri minn injam ħażin. Darba minnhom, il-Kappillan ma felaħx iktar, u qal minn fuq l-artal: "Mela ħaddieħor (b'referenza għall-Viċendarju Dun Karm Caruana) għamlilkom bibien tal-ġnub qishom ta' mandra u m'għidtu xejn; u għall-gallarija ta' l-orgni li għamilt jien għamiltu plejtu sħiħ. Imma jien naħfrilkom b'qalbi kollha!" Oriġinalment, il-bibien tal-ġnub kienu koroħ u lixxi għall-kollox. Inġabu għall-istat li jinsabu fih illum fis-snin 1970-71, minn Frenċ Galea (ara l-Bullettin tal-Ħadd Parroċċa ta' l-Għasri Nru. 41 tat-3 ta' Jannar 1971, pp. 1-2). Meta semma' li l-bibien kienu qishom ta' mandra kellu f'moħħu lil dak tan-nisa, li kien ta' ġnien, jew mandra, kif kienu jirreferu għal "ġnien" ħafna nies fl-Għasri. Din l-istorja qaluhieli z-zijiet tiegħl – Kelina (1895-1977) u Ċikka Calleja (1899-1985), ta' Triq il-Fanal, l-Għasri. Skond dawn iz-zijiet ukoll, il-Kappillan Galea kien iħobb jgħid li l-gallarija ta' l-orgni kien għamilha "għand l-aqwa mastrudaxxi li kien hemm ir-Rabat

## BIEB TA' KNISJA, BIEB IMQADDES.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nirriproduċi kitba li, għad li hija mwaħħla fuq il-bieb tal-knisja ta' San Stiefnu f'Londra, tiswa għal kullimkien:

**O Alla, agħmel li bieb din id-dar ikun wiesa' biżżejjed biex minnu jgħaddu dawk kollha li jeħtieġu l-imħabba u s-sħubija; dejjaq biżżejjed biex iżomm barra l-għira, is-suppervja, u l-firdiet kollha tagħna. Agħmel li l-għatba tiegħu tkun lixxa biżżejjed biex ma tkunx ta' tfixkil, la għat-tfal u lanqas għal riġlejn li jkunu se jogħtru; imma ara li tkun qawwija biżżejjed biex titfa' lura l-qawwa tax-xitan. O Alla, agħmel li bieb din id-dar iqabbadna t-triq li tieħu għas-saltna eterna tiegħek.**

(1) Ara per eżempju: T. Calleja, 1985 – Is-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ, fil-Korpus 2 (1985), p.23; attenzjoni għall-paragrafu li jibda "Fis-sajf, wara l-ispjega tal-katekiżmu..."

(2) Ġebel maħruġ 'l barra fil-bini bl-iskop li jkun imnaqqax wara li x-xogħol ikun diġa lest.

(3) "Il-Għada" tfisser "id-Drawwa"

(4) L-Arkivji Nazzjonali t'Għawdex, GB, 01/19 (1910) *fol. 238*

(5) Ara l-artiklu tiegħi *Intietef Folkloristiċi mill-Għasri* fl-Imnara Nru. 30, 2006.

(6) Ġ. Zammit, *L-Għasri u Ġrajjietu*, fil-Bullettin tal-Ħadd Parroċċa ta' l-Għasri, Nru 66, 7 ta' Marzu 1971.

(7) Arkivju Nutarili Valletta, kitba nutarili fl-Atti tan-Nutar Givanni Chapelle, tal-15 ta' Marzu, 1906.

(8) Korrispondenza: F. Galea lil T. Calleja, 14 ta' Jannar, 1981, p.2.

© Toni Calleja

BERTOLDU FIL-FOLKLOR

# L-IŻBIRR U BERTOLDU

**George Cilia**



*Giulio Cesare Croce kien bin ħaddied f'raħal imsejjaħ San Giovanni, f' Persiceto, li hi provinċja ta' Bologna. Twieled fl-1550 u għalkemm niesu ma kinux tat-tajjeb, fittxew li binhom jitgħallem xi ftit skola. Mid-dehra fdawh f'idejn għalliem li ma tantx kien moħħu fit-tagħlim, imma aktar kien ħsiebu biex iqabbad lill-istudenti jagħmlulu x-xogħol fid-dar. Kien għalhekk li Giulio wara li miet missieru, mar jaħdem ta' ħaddied ma' zijuh. Beda jħażżeż xi versi, żufjettużi u popolari, u sar magħruf tant li l-familja nobbli Fantuzzi kienet tistiednu għal xi festini li kienu jorganizzaw għall-mistednin tagħhom. Ftit ftit, Giulio abbanduna l-ħanut ta' zijuh u beda jdur is-swieq u l-fieri ta' l-irħula viċin, idoqq il-vjolin, u jgħanni l-versi li jkun kiteb hu. Kellu 14-il wild minn żewġ nisa, u għalkemm sar famuż, miet fil-faqar fl-1609*

**Fl-aħħar tas-seklu sittax, il-kittieb magħruf Taljan Giulio Cesare Croce, kiteb u xandar rumanz komiku bl-isem ta'** *Le Sottilissime Astusie di Bertoldo*. **Ir-rumunz kien fuq raġel raħli, wisq ikrah iva, imma stuż u fin, makakk, u fl-istess waqt, għaqli. Il-ftuħ kien jirrakkonta kif ir-Re tal-Lombardija dehirlu li kellu jżomm lil Bertoldu fil-palazz tiegħu, għas-sens umoristiku u fl-istess ħin għaqli li kellu fit-tweġibiet pronti tiegħu, tweġibiet kultant malizzjużi u ħżiena. Għal xi żmien, dan ir-rumanz kien l-aktar ktieb popolari fl-Italja u inqaleb f'diversi lingwi. Għalkemm ħrafa, il-karattru u l-karriera ta' Bertoldu jixbħu lil dawk ta'** ***Court Jester*****. Dan il-"baħnan privat" kien jeżisti tassew fil-Palazzi rjali sal-bidu tas-seklu tmintax, infatti r-Re Alboino ta' Verona kien laħħaq lill-*****Jester*** **tiegħu kunsillier fil-Palazz ta' pajjiżu.**

**F'Malta, Bertoldu kien magħruf ukoll u ma naqsux il-kitbiet fuqu jew b'referenza għalih. Fis-sbatax ta' Awissu 1861 ħarġet l-ewwel kopja ta'** ***"Bertoldu – Folliet Buffu Seriu Criticu, Politiku, Liberali, ecc,ecc."*** **Fis-16 ta' Diċembru 1896 ħareġ** ***"Bertoldu – Giurnalett Umoristiku u Filodrammatiku"*****. Fil-15 ta' Novembru, 1916 kellna** ***"Bertoldinu – Student tal-Liġi u l-Mediċina, Foljett Zuffjettus u Varju"*****.**

**Se nikkwota waħda mill-poeżiji li dehret fil-fuljett ta' l-1862:**

*Elf mit git, u elf mit hena*
*Nigtekilcom, ja Maltin.*
*Se tispicca din is-sena*
*Elf tmin mia tnei u sittin.*
*Biex inzomcom ferhanin*
*Gibt il-Banda tal-Bazuin.*
*Fosthom hemm fkir Argentier*
*U imma Nafras bil-braghier.* (1)

**Il-Miklem Malti ta' Erin Serracino Inglott jagħti deskrizzjoni hekk lil dan il-karattru:** ***"Bertoldu", magħruf ukoll "Pirtoldu", raġel baħnan, għalih liebes, iżda qisu m'hux, bit-taqtigħ jew xedd ħażin, li jieħu kollox bi kbir u ma jagħmilx għajr ħmerijiet".***

**Fil-librerija tiegħi, mal-kotba tal-Mogħdija taż-Żmien tas-snin għoxrin, sibt dan il-ktieb:** ***Bertoldu bil-Malti*****, Tipografia "San Paolo" 1926. It-tradutur G.N.L. jgħid fid-daħla li ħafna qarrejja xtaqu li jkollhom dawn il-ħrejjef bil-lingwa tagħna, għalhekk daħal għal dan ix-xogħol ħelu tal-ġrajjiet ta' Bertoldinu bil-qalb kollha. Jidher li l-praspar gustużi inħabbu u saru parti mill-folklor Malti.**

**Fl-istorja niltaqgħu mar-Re, ir-Reġina, Bertoldu, Fagottu, Messaġġier, Aurelia, Lisa, nisa ħbieb tar-Reġina, sefturi, u l-iżbirri. Fost id-djalogi kollha finezzi, pronti fit-tweġibiet malizzjużi u xi kultant ħżiena u makakki, niltaqgħu ma' din it-taħdita bejn ir-raħli Bertoldu u l-Iżbirr. Bertoldu, b'ordni tar-Reġina, ġie mdaħħal fi xkora u marbut, biex l-għada jintefa' fix-xmara. Kellu għassa miegħu lill-iżbirr, u b'dieqa kbira bdew djalogu bejniethom, sakemm l-iżbirr spiċċa biex ħareġ lil Bertoldu mill-ixkora u daħal hu f'postu.**

**IT-TAĦDITA BEJN BERTOLDU U L-IŻBIRR.**

**Wara li Bertoldu nsulta u waqqa' għar-redikulaġni n-nisa ħbieb tar-Reġina li ressqu talba quddiem ir-Re biex jinħatru kunsilliera fil-palazz, ir-Reġina, mgħaddba, ordnat li Bertoldu għandu jieħu l-piena tal-mewt billi jiddaħħal fi xkora u jiġi mitfugħ fix-xmara. Bertoldu għamel ta' bir-ruħu li ma kienx jaf li hemm l-iżbirr għassa ma' l-ixlora u beda jirrakkonta kif sab ruħu hemm bla ħtija. L-iżbirr isaqsih:**

**Sbirr:** ***X'inti kigħed tgħid, xbin? Għaliex int kigħed ġewwa dik l'ixkora?***

**Bert:** ***Eh ħia, ma għandux jimpurtak min daun id-duwjjak tiegħi.***

**Sbirr:** ***Għadilli jien nagħmel ta' sbirr, jena bniedem ucoll, u naf inħen għal hemm ta' shabi, u jecc ma nistax intic għajnuna b'idejja, nista lumanc inħennic b'xi chelmiet ħelwa.***

Bert: *Ftit tista inti thennini, għax għoddu wasal iż-żmien li jagħmlu dac li għandhom jagħmlu.*

Sbirr: *Imħatra iridu jiffrustauc.*

Bert: *Agħar.*

Sbirr: *Barra minn hawn, iridu igħallkuc?*

Bert: *Agħar.*

Sbirr: *Jibgħatuk għal għomrok il-ħabs?*

Bert: *Agħar.*

Sbirr: *Jaksmuc bcejjec?*

Bert: *Agħar.*

Sbirr: *Jaħarkuc?*

Bert: *Elf darba agħar.*

Sbirr: *Xil-belliegħa jistgħu jagħmlulec agħar minn hekk?*

Bert: *Iridu, bil-Malti, jagħtuni s-sieħba, izewġuni.*

Sbirr: *Din, iva, hi ta min igħanniha fuk il-chitarra; għidli chif iridu jaghmlu biex izewguc? Għandi xeuka nisimgħec.*

Bert: *Għandek taf, immela, illi jiena sinjur minn dari, iżda ikraħ daqs xadin. Issa billi l-bini tiegħl huwa hdejn u imiss ma ta wieħed ġentlom li għandu bintu sabiħa wisk, u billi ra l-ġid tiegħu, deffes f'rasu li għad li jien raħli u ikraħ, għandu izeuwiġieli din bintu, u bosta cliem digia għamilli, m'hux għax jogħġbu wiċċi, imma għal ġidi, għaliex mill-bkija, jixtieq jarani mdendel. Għandi bini, flus u bhejjem, dawn jirrendu izied minn sitt elef scud fis-sena.*

Sbirr: *Ma irid jatic xejn dota?*

Bert: *Iva irid. Jiena ngħidlek kollox, basta haun. Imma ma nistax nitchellem ġio din l-ixcora jekk ma tiftaħħiex ftit li nista noħroġ rasi u imbagħad tarġa tagħlaqha, malli tkun smajt.*

Sbirr: *Għala le, isbaħ din (iħoll l-ixkora) thaddet bla biża, imma ħej, scuzani, għandek wiċċ ikraħ uisk.*

Bert: *Dan x'pont hu; jeu aħna rġiel jeu ma aħniex, oħroġni mill-ixkora.*

Sbirr: *Oħroġ, isa immela. Jena ma rajtx icreh minnec f'għomri. Il-għarusa ratec?*

Bert: *Hia ma ratni katt, u sabiex ma taranix daħluni ġio din l-ixkora u iridu iġibuha haun f'din il-camra, iġibu ix-xhieda u itejġuni hawn fid-dlam; u imbagħad malli itejġuna u hi tcun kalet "sinjur si" joħorġuni mill-ixkora u icolla bilfors tibka miegħi. Ir-Reġina mbagħad iddokkli elfejn dobla ta' Spanja sħan sħan, li hia ueghdet tatini jecc jirnexxi dal partit sabieħ. Jekk inti cont galantom miegħl cont chiecu nagħmlek sinjur sa għada filgħodu.*

Sbirr: *B'liema mod trid tagħmilni sinjur?*

Bert: *Jena rsolvejt li ma irridiex bl'ebda mod għaliex jena smajt li sabiħa bħax-xemx, u hec kigħed naħseb li ma tcunx colla tigħi. U forsi malli tarani hecc icraħ, iġiagħalni immur infettaħ l-istoppa. Imma jecc trid tidħol ġio l-ixkora min flochi, jena incedilek din ix-xorti.*

Sbirr: *Xi wieħed iblaħ sa l'aħħar jista icun li jagħmel bluha bħal din. Issa jekk jaraw li m'jenix inti, ma jakbdunix u igħoddu chemm il għadma għandi?*

Bert: *Ma għandekx taħseb f'dan għax malli tcun izzeuuigt lix-xebba, huma jaraw li inti raġel sewwa u ma intix icraħ bħali. Hia imbagħad malli tarac ma tgħidx li ma tridecx, u ġia dac li icun sar, sar, int timbocca elfejn dobla u tibda f'dak il mument tigbed ir-renta għaliex missiera xieħ, iħallilec collox f'idejc, u hua jokgħod jitgħaxxak bikom. U hekk, inti tista il kuddiem tgħix ta' sinjur mingħajr ma tagħmel ta sbirr izied. Sengħa li ħatt ma jaħmila.*

Sbirr: *Le le, idħol għal xogħlok fl'ixcora.*

Bert: *X'inti iblaħ? Ma tafx li min ma ifittix ma isibx? Taħseb li missiera uara iżżwieġ jagħmel xi ħmerija? Jewwilla ir-reġina li tħobb dak li tcun wegħdet, tonkos minn chelmita? Għożż tajjeb din ix-xorti għax mhux dejjem tiġina vintura bħal din. Idħol immela fl-ixcora u taħsibx ħaġ'oħra, jena raġel li nimxi dejjem fid-dritt u ancas jecc toktolni ma ngħid chelma b'oħra.*

Sbirr: *Inti pinġejtieli hecc sabiħa li għalcemm ma nitħajjarx nakbad taħt idejja din ix-xorti. Jena smajtom dejjem jgħidu li min ma jippruvax katt ma jasal f'xejn. U ma tistax taf forsi hu mictub li għandu icolli din ix-xorti.*

Bert: *Jecc din ix-xorti ġejja mis-sema għalic, għaliex ma takbadiex taħt idejc? Neħilsuha ħija, għamel dac li trid, jena ma irridx iżied inlaklak għal xejn. Arani jena dieħel fl'ixcora, ejja eħlisni, ejja orbot, għax issa ankas jecc ittini id-deheb collu tad-dinja, marridx.*

Sbirr: *(jirisolvi jidħol fl'ixcora) Ma irridx iżied integħma uisk. Iva irrid nidħol ġo l'ixcora għax meta ncun iżżeuuiġta, hia tcun tiegħi.*

Bert: *Ejja eħlisni (taparsi) ejja orbotli l-ixcora għax irrid nidħol.*

Sbirr: *U stenna għedtlec; għax irrid nidħol jena.*

Bert: *Ħa immela, jena ma irridx nonkos mil carita, isa idħol u titchellimx, okgħod stenna dac li għandu jiġri u imbagħad għada filgħodu tara x'incum għamilt għalic.*

Sbirr: *Issa kigħed titchellem chliem ta' anġlu (li sbirr jidħol ġewwa l-ixkora) imma nara li inti l-istess tiubija. Ajma, ajma, għoddu csirt*

***għanki. Ma jinpurtax, ftit ser idumu ma jiġu niesa.***

**Bert:** ***Bejn sagħtejn jew tliet sigħat l'actar, issa titchellem xejn, sabiex collox imur chif imiss, zomm ilsienek, għaraf rieġl ruħek.***

**Sbirr:** ***Jena ma nitchellimx, u okgħod siechet inti ukoll ħalli tiġi l-għarusa.***

**Bert:** **(bilmod)** ***Ġewwa hu il-gamblu. Halli infittex immur.***

**Sbirr:** ***X'għedt?***

**Bert:** ***Xejn, xejn*** **(Bertoldu joħroġ).**

**IL-MEWT TA' BERTOLDU**

**Malli r-reġina sabet fl-ixkora lill-iżbirr, indunat bil-praspura makakka ta' Bertoldu, u ordnat lis-sefturi jilgħabulu xebgħa bil-bsaten u wara jiġi mitfugħ fix-xmara. Ir-Re, beżgħan li s-saltna tiegħu se tiġi rvinata, qabad lil Bertoldu u qatagħhielu għall-mewt bit-tgħalliq. Imma r-Re reġa' ħafirlu u sa ġagħal ir-reġina taħfirlu wkoll. Riedu joqgħod dejjem ħdejh biex jieħu l-pariri tiegħu. Billi kien imdorri jiekol ikel tar-raħal, meta beda jiekol mill-ikel tajjeb tar-Re, Bertoldu marad u miet.**

**Intom qarrejja folkloristiċi, wara li assistejtu għal dil-bravura ta' Bertoldu, nixtieq nistaqsikom: Kieku kellu jitfaċċa ġo pajjiżna xi Bertoldu ieħor, taħsbu li kien jirnexxilu jdaħħal lill-iżbirr fl-ixkora?**

**© George Cilia**

**(1) Skond id-dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Aquilina, il-kelma *bragier* tfisser *A sort of belt supporting hernia*. Jidher li Nafras kien laqam ta' xi ħadd magħruf mill-qarrejja (qisek bħal meta llum tgħid *iċ-Ċaqnu*). Kien magħruf li Nafras kien "arġentier fqir" u li kien jilbes ħżiem ma' qaddu għax kien miftuq jew bażwi. Min jaf jgħidilna min kien?**

# MIKLEM MARBUT MAL-LOGĦBA TAL-FUTBOL

## Steve Borg

**F'żgħożiti għamilt numru ta' snin nilgħab il-futbol. Kont nilgħab fuq wara, bħala difensur, ħafna drabi bil-flokk numru tlieta. Fost it-timijiet li lgħabt magħhom hemm *Marsascala A.F.C., Zabbar Crystal Blues, St. Patrick's, Fgura United*, u l-*Corinthia Group*. Din il-lista ta' kliem, jew Miklem, li qed inniżel hawnhekk, ħadtha minn dak li, bħala plejer, smajt jintqal bl-aktar mod naturali minn fomm il-plejers sħabi jew minn ta' kontra waqt li kont inkun magħhom fil-milja tal-logħba fil-qalba tal-grawnd.**

Il-Corinthia Group kien l-aqwa tim li qatt lgħabt fih, għax kien fih ta' l-inqas erba' plejers li kienu fit-tim nazzjonali Malti. Ninkedd ħafna meta nisma' lil xi kummentaturi sportivi jitkellmu fuq it-TV u sikwit jivvintaw kliem b'Malti ħażin, li qatt ma smajtu jintqal, la minn dawk li fuqhom iddur il-logħba – il-plejers infushom, u lanqas mill-partitarji li jsegwu l-logħob. U għalhekk ħażżiżt din il-ġabra ta' kliem, u t-tifsira tagħhom, biex niġbor dak li tassew huwa kliem Malti marbut mal-logħba tal-futbol:

**MALTA MAGĦŻULA:**

Hekk jissejjaħ it-tim nazzjonali Malti.

**IL-KARTA:**

Din ikun fiha l-ismijiet ta' min se jilgħab u trid tingħata qabel ma tibda l-logħba lir-referi jew lil xi uffiċjal ieħor. Bl-Ingliż magħrufa bħala l-*line-up*.

**JARMI:**

Jiġifieri jtajjar il-ballun 'il bogħod mill-periklu tal-kaxxa, preferibbilment barra l-grawnd. Ħafna drabi wieħed jarmi meta jkollu sieħbu mweġġa' ma' l-art, jew inkella t-tim ikun taħt pressjoni kbira.

**IĦABBAT:**

Meta l-plejer jagħti l-ballun mill-ewwel lura lil sieħbu li jkun għadu kif qassamlu; ħafna drabi 'l quddiem minn fejn ikun irċevieh. Bl-Ingliż jissejjaħ *wall-pass*.

**IĦASSRUHOM:**

Meta lil tat-tim l-ieħor tħassrilhom demmhom b'damdima ta' rebħa b'ħafna gowlijiet.

**SALLBU:**

Tintqal meta plejer jagħti xutt għar-rokna ta' fuq li jkun diffiċli ħafna għall-gowler biex isalva; tant li jkollu litteralment jissallab għalih.

**IĦOŻŻU:**

Tgħajjira lill-gowler wara li jaqla' gowl, biex huwa jżidu ma' l-oħrajn li jkun qala'.

**JAQTA' L-LUMI jew JOĦROĠ GĦALL-FRIEFET:**

Tintqal għall-gowler, anki tat-tim tiegħek, li jkun ħareġ fil-vojt fil-kaxxa meta suppost li jkun qata' kross li jkunu temgħuh.

**GALLARIJA:**

Meta gowler jagħmel xena, ngħidu aħna jintefa' ma' l-art biex jilqa' ballun tassew faċli.

**JGĦAQQAD:**

Meta plejer ikollu l-ħila jaqbeż lil ta' kontrih b'mossa li tħawdu, tant li jgħaqqadlu l-menti ta' moħħu u jġibhomlu kobba.

**JGĦALLIMHA:**

Qisha bħal ta' qabilha – meta plejer juri l-ħila tiegħu li jaqbeż avversarju

b'mossi żejda li aktar jużahom biex juri l-klassi tiegħu milli biex javvanza.

**JAQLEB:**

Meta plejer jitma' l-ballun mill-ġenb tal-grawnd għal ġol-kaxxa avversarja.

**IŻELLEĠ:**

Meta plejer jixkana lil ta' kontrih u jżellgu mal-ħaxix jew mat-torba biex iwaqqfu milli jilgħab.

**FL-IXKORA:**

Plejer mixtri biex jilgħab ħażin.

**RABUXXATA:**

Meta plejer jaqbad balloon ġej mill-għoli, jinqata' għal dahru fl-ajru u jixxuttja l-ballun b'dahru lejn il-lasta.

**AMBIZZJUŻ**

Wieħed li jżomm il-ballun wisq għandu mingħajr ma jqassmu lil sħabu, u ħafna drabi jispiċċa jitilfu.

**JILGĦAB GĦALL-GAZZETTI**

Meta plejer jilgħab għal għajn in-nies, biex jissemma fil-gazzetti li ta xi xutt lejn il-lasta, anki akkost li ma jqassamx lil sieħbu li jkun f'qagħda aħjar minn tiegħu li jixxuttja.

**MAĦDUM/MIMSUĦ**

Tintqal meta jkun hemm ħjiel li xi plejer ikun mixtri.

**BIL-FALZ.MIBRUM**

Dak li bl-Ingliż jissejjaħ *banana shot.*

**SE NIEKLU/SE JAGĦLFU**

Meta qabel il-logħba jkun hemm indikazzjoni li l-kumitat se jagħti xi ħlas bħala inċentiv lit-tim biex jilgħab bil-qalb u jirbħu l-loghba.

**L-AĦĦAR RAĠEL**

Dan hu r-raġel li joħroġ lil sħabu 'l barra mill-kaxxa biex jonsob lil ta' kontrihom u jwaqqagħhom *off-side.*

**MIN JGĦAJJATHA**

Dan ikun l-aħħar raġel, dak li jagħti l-ordni lil sħabu biex joħorġu 'l barra mill-kaxxa u 'l bogħod mill-lasta tagħhom.

**BIKKIENA**

Tintqal meta l-gowler ta' kontra jibda jagħmel l-għeġubijiet u jilqa' x-xuttijiet li jingħataw lejn il-lasta tiegħu.

**GĦANDNA BRIMBA**

Tintqal meta jidħol il-ħsieb li hemm plejer li se jixtri lil sħabu stess biex jilgħabu ħażin, u jinseġ għanqbuta ta' plejers mixtrija.

**SINJORINA**

Plejer jew *referee* li jkun naqra effemminat u naqra ċapsa, u mhux tajjeb għall-logħob għax jibda jgħajjat hekk kif imissuh.

**BALLARIN**

Plejer li jagħti l-impressjoni li huwa tajjeb imma fil-fatt ikun nieqes mill-ħila u jkun qiegħed fil-grawnd biex jiżfen fin-nofs u mhux jilgħab.

**TIJATRINI**

Meta plejer jgħaġġibha u jagħmila ta' mweġġa' u miġugħ meta ma jkunx.

**JEĦODLU ISMU**

Meta plejer jiġi muri l-karta s-safra mir-*referee.*

**JIFFINTA**

Jagħmel ta' bir-ruħu li se jagħmel mossa, u jagħmel oħra minflok.

**JEQRED QISU ĦOBLA**

Plejer li ma jiqafx igerger mar-referee u jilmenta għal kull ħaġa ta' xejn.

**ĠABUĦ ŻUGRAGA**

Meta plejer ikun qed jagħqad fil-vojt fil-grawnd mingħajr ma jaqbad art fil-logħba.

**IVENVEN**

Meta plejer jagħti xutt b'saħħtu u l-ballun itir sparat.

**ĦRUĠ IX-XFAFAR**

Espressjoni li tfisser li l-plejers, ħafna drabi d-difensuri, jibdew jaqtgħu is-saqajn ta' l-avversarji biex iwaqqfuhom, ħafna drabi għax ikunu ħfief aktar minnhom u jkunu qed jaqbżuhom spiss. Plejer li kien jilgħab fuq wara ma' Malta magħżula, kien imlaqqam appuntu "x-Xafra",

**KARAWETTA**

Plejer bla ħila ta' xejn; jiswa daqs karawetta.

**QAĦBA F'XALATA**

Plejer li mhux juri nteress fil-logħba u qiegħed hemm għad-divertiment u mhux għall-irġulija.

**LOGĦOB ĦAJ**

Meta l-logħob ikun b'saħħtu u selvaġġ, fejn jista' malgħajr iweġġa' xi plejer.

**MEĦUD ĠO L-GĦODDA**

Meta plejer jaqla' xutt b'saħħtu ġol-bajd u jibda jwaħwaħ. Jintqal ukoll: Milqut fil-vetrina, jew Laqatlu l-boċċi, li tfisser l-istess ħaġa.

**TA' L-ILMA**

Tinftihem għal dak l-uffiċjal tat-tim li joħroġ bl-ilma u l-isponża hekk kif xi plejer jaqa', jixkana u jinstelaħ.

**TAL-FAXEX**

Jista' jkun l-istess raġel ta' l-ilma, jew inkella ieħor li jkollu l-faxex u l-ingwent għal li jista' jinqala'.

© **Steve Borg**

# DRAWWIET FIL-BIRGU TA' L-IMGĦODDI

**Lorenzo Zahra**

**Xtaqt niġbor ftit tagħrif fuq xi drawwiet li niftakar jien fil-belt qadima tagħna – l-Birgu. Xtaqt nibda mill-bidu tas-sena, u nimxi, pass pass sa tmiemha.**

**IL-BIDU TAS-SENA**

Dari, nhar il-ħdax ta' Jannar fil-ħdax ta' filgħodu, l-Parroċċa kienet iddoqq mota bil-qanpiena l-kbira biex tfakkar il-ġrajja ta' terremot li kien inħass mal-gżira kollha u li kien għamel ħsarat diversi. Għadni niftakar tajjeb li fil-knisja tas-sorijiet Benedittini – il-knisja ta' Santa Skolastika – kien hemm, mal-faċċata, fissura li kienet riżultat ta' dik it-theżżiża.

Hawn irrid insemmi li kull nhar ta' Ħamis filgħaxija kienet tindaqq mota bil-qanpiena l-kbira msejħa "il-Mota tal-Ħamis". Kienet tindaqq biex tfakkar it-twaqqif ta' l-Ewkaristija minn Ġesu. Allura niftakar fid-djar il-ġenituri jaħarqu xi fergħa tas-siġra taż-żebbuġ u jduru biha mad-dar u jbaħħru.

**FRAR**

Fil-lejl tal-Kandlora lit-tfal kienu jgħidulhom li joħroġ il-Kawkaw jew il-Gawgaw. Dan ma kien ħadd għajr il-Babaw li kienu jbeżżgħu it-tfal bih. Fil-Kandlora il-Kappillan kien jagħti xemgħa li l-parti t'isfel tagħha kienet tkun miżbugħa bil-porporina lewn id-deheb. Ix-xemgħa li kienet tingħata lil xi wħud benefatturi kienet tkun inżejna u mpittra b'disinji ta' fjuri. Ix-xemgħa li jagħti l-Kappillan kienet tinżamm fid-djar, imdendla f'xi rokna. Meta kien jagħmel xi maltemp tal-biża' bit-tfaqqigħ tas-sajjetti, ix-xemgħa kienet tinxtegħel u kienet tingħad it-talba: "Santa Barbara, la deni u lanqas ħsara."

**Il-KARNIVAL**

Fil-Karnival fit-tlett ibliet kien isir għors sħiħ bil-kumpannijiet jiġġerrew mat-toroq. Fil-Birgu kienu jiġu wkoll xi Żabbarin, liebsin jew ħomor ta' xjaten, jew bojod ta' mewt. It-tfal kienu jibżgħu minnhom. Il-Karnival kien okkażżjoni biex raġel jilbes ta' mara u mara tilbes ta' raġel. Il-grupp *Jazz* tal-banda tal-Birgu kien jidħol il-Belt biex idoqq waqt iż-żfin li kien isir fil-*Main Guard.*

**RAS IR-RANDAN**

F'Ras ir-Randan kulħadd kien jersaq lejn il-knisja biex il-qassis jagħmillu ftit irmied fuq rasu u jfakkru li "trab kont u trab terġa' ssir". Is-sawm kien aktar osservat mill-lum. Niftakar li anke tal-ħalib - dak li kien jiġi bil-mogħoż jiġru fit-toroq u jħammġu kullimkien – fir-Randan ma kienx jgħajjat l-għajta tas-soltu "Hawn tal-Ħalib", imma kien jgħajjat: "Hawn ta' l-Abjad".

Fir-Randan dari ma kienx isir żwieġ.

Dari wkoll, f'waħda mill-ġimgħat tar-Randan kienet issir il-festa tal-*Via Sagra*, li fil-Birgu, peress li kellna fratellanza apposta, kienet issir gwappa. Kienu jsiru erbatax-il priedka, mhux minn fuq il-pulptu, imma minn fuq il-presbiterju. Xi drabi l-predikatur kien joqgħod jixxenja minn-naħa għall-oħra tal-presbiterju, u bejn priedka u oħra kienu jitkantaw ir-responsorji. Dawn ir-responsorji kienu msemmija ħafna, u għal bosta nies kienu aktar ta' attrazzjoni milli ta' devozzjoni. Dan għax ir-responsorji kienu ħafna drabi solijiet kantati u għalihom kienu jinġiebu l-aqwa tenuri u baxxi, anke dawk li jkunu ġew biex ikantaw l-opri fit-teatru.

**ĦADD IL-PALM**

Nhar Ħadd il-Palm, fil-Parroċċa ta' San Lawrenz kienu jsiru l-Kwaranturi – 40 siegħa ta' adorazzjoni li kienu jibdew mill-Ħadd u jwasslu sa l-Erbgħa filgħodu. Il-kappella kienet tintrama tassew sabiħ (hekk għadu jsir, almenu dwar it-tiżjin). L-erbgħin siegħa kienu jintemmu l-Erbgħa tat-Tniebri filgħodu. Kif jintemmu, kienu jitniżżlu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Oratorju tal-Kurċifiss lejn il-Parroċċa. Il-vari kienu jkunu ġa lesti, mlibbsin u armati. It-tfal, li ma kienx ikollhom skola, kienu jinġabru jaraw dan it-trasport tal-vari lejn il-knisja.

L-Erbgħa tat-tniebri wara nofsinhar, waqt l-uffiċċjatura tal-Kanoniċi fil-kor – fejn allura kienu jilbsu l-muzzetta l-vjola – kienu jitkantaw il-lamentazzjonijiet bil-Latin, minn xi tfajjel b'vuċi tajba u b'dak is-soltu ton tradizzjonali.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira mbagħad, l-Adorazzjoni tas-Salib kienet issir b'ċertu solennita'. Il-Kanoniċi kienu jinżlu fil-kor, rashom mgħottija b'muzzetta tas-suf abjad u bla żarbun.

Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet iddur sewwa mal-Birgu, tant li kienet tidħol ukoll lejn il-Pjazzetta u terġa' lura minn Strada San Lorenzo. Dan għaliex meta l-Ammiraljat Ingliż ħa x-Xatt kollu f'idejh, kien bena l-kolonnat li minħabba fih din il-purċissjoni m'għaddietx aktar mix-Xatt.

Sibt il-Għid fil-Birgu kien imsejjaħ Sibt il-Gloria. Allura l-Banda tal-Palma f'xi l-għaxra kienet tmur lejn il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu u minn hemm kienet takkumpanja bil-marċi l-vara ta' Kristu Rxoxt, li kienet tinġieb lejn il-parroċċa. Dan kien ikun il-bidu tal-festa ta' l-Għid il-Kbir.

L-għada, Ħadd il-Għid filgħodu kmieni kien joħroġ it-tanbur, jew aħjar – il-katuba. Maż-żerniq din kienet iddur mat-toroq biex tħabbar il-qawmien mill-mewt ta' Ġesu. It-tanbur kien jiġġerra mat-toroq kollha tal-Birgu. Xi l-għaxra ta' filgħodu mbagħad, kienet toħroġ il-proċessjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt u, kif għadu jsir sal-lum, tingħata dik il-ġirja b'attrazzjoni speċjali. Minn kull fejn tgħaddi l-vara, t-tfal kienu jgħollu l-figolli u

jgħidu lil Ġesu "Berikhieli, berikhieli". Dan kollu kien isir sa żmien il-Papa Piju XII.

Wara l-Għid jibdew il-festi. Il-festa ta' San Ġużepp kienet issir mill-Fratellanza Giuseppina li dari kienet numeruża ħafna, b'mastrudaxxi mustaċċuni għas-sengħa. Fil-Ħdud, xi wħud minn dawn l-imgħallmin kienu jilbsu s-sidrija bil-polka tad-deheb, u b'xi domna mdendla magħha, u bit-tomna, u joqogħdu l-pjazza, jitkellmu fuq is-sengħa tagħhom.

**SANTU KRUĊ**

Nhar Santu Kruċ, il-festa tas-salib imqaddes, kienet issir processjoni bis-salib, bl-istatwa ta' Santu Rokku u relikwa tas-salib ta' Kristu taħt il-baldakkin. Din il-proċessjoni kienet wegħda tal-kleru u tal-poplu b'radd il-ħajr għall-ħelsien ta' epidemija. Malli tidħol il-proċessjoni, l-poplu kien ikanta għal tliet darbiet "Misericordia" fuq l-artal tal-Kurċifiss.

Tul ix-xahar ta' Mejju kienet issir priedka kuljum minn qassis jew patri differenti filgħaxija, għax dari ma kienx isir quddies filgħaxija. U f'dan ix-xahar ukoll kienet issir il-festa tal-Madonna tal-Karita'. Din kienet issir minn fratellanza apposta, u kull fratell kien ikollu "baċir" imżejjen. Dawn il-baċiri, lejlet il-festa kienu jinġiebu mill-knisja tat-Trinita' fi Triq San Lawrenz akkumpanjati mill-banda. Kull baċir kien ikollu statwetti b'episodji mill-vaġelu u kien ikun imżejjen b'ħobż ta' l-injam. Il-baċiri kienu jitqiegħdu fl-oratorju ta' San Ġużepp. L-għada kienu jinħarġu fil-proċessjoni, u kull fratell kien jinkariga persuna biex iġġorlu l-baċir, u hu jakkumpanja bix-xemgħa. Oriġinarjament il-baċiri kienu tilari bil-ħobż li mbagħad kien jitqassam lill-foqra, imma biż-żmien saru dekorattivi. Il-baċiri kienu oġġetti personali tal-fratelli li kienu anke jżommuhom fi djarhom. B'xorti tajba għad baqa' wieħed li narawh fil-Mużew tal-Parroċċa.

Lapsi kien żmien il-bandli. Dari d-djar kienu kollha b'xi bitħa, u t-tfal kienu jsibu mezz kif jorbtu ħabel biex jitbandlu.

Fix-xahar ta' Ġunju, l-festa tal-Qalb ta' Ġesu kienet tkun tassew gwappa. Kienet saret magħrufa ma' Malta kollha għas-solennita' tagħha. Fuq l-artal maġġur kienet tintrama raġġiera kbira, u fil-għoli kienet titqiegħed l-isfera bl-Ostja Kkonsagrata fuq dinja, jew globu, miżmuma minn grupp ta' anġli. Il-gwerra qerdet mhux biss lil din l-opra hekk sabiħa u artistika, imma wkoll lis-solenita' li biha kienet iċċelebrata l-festa. Anke fil-knisja tal-Lunzjata, għal din il-festa kien jintrama pavaljun kbir, b'ġilandra mill-isbaħ.

Wara kienu jibdew l-għaxar Erbgħat ta' San Lawrenz, b'ċerimonja kull filgħaxija bi tħejjija għal Jum San Lawrenz. Il-jum ta' qabel l-ewwel Erbgħa kien magħruf bħala "Jum il-Mota", għax kienet tindaqq mota bil-qniepen kollha tal-parroċċa biex tgħarraf lid-devoti li l-għada se jkun l-ewwel Jum ta' l-Erbgħa f'ġieħ il-Levita padrun tal-Birgu.

Jgħaddu l-Erbgħat u tasal il-festa. Din ukoll tibda b'mota ġenerali bil-qniepen kollha tal-Parroċċa, mota li tindaqq filgħaxija qabel tibda n-novena – jiġifieri disat ijiem qabel il-festa. In-novena kienet tibda b'quddiesa fis-sitta ta' filgħodu u tkompli b'funzjoni u priedka fuq San Lawrenz wara nofsinhar. It-8 ta' Awissu kien imsejjaħ Jum l-Antiviġilja. Dan għaliex għal bosta snin, lejliet il-festa kien obbligu ta' sawm. Fil-Birgu bosta kienu jsumu billi jieklu biss il-frott, u oħrajn ma kinux jieklu ikel imsajjar bin-nar. Filgħodu fil-knisja, l-istatwa ta' San Lawrenz kienet titqiegħed fuq l-artal u qassis kien ibiddel il-ħwejjeġ ta' l-istatwa u jlibbisha l-ħwejjeġ tal-festa. Bosta tfal kienu jinġabru jarawh ilibbes l-istatwa bil-libsa eleganti u sabiħa tal-festa. Il-funzjoni fil-knisja kienet tkun bil-*piena orchestra*. Fit-8 t'Awissu kienu jibdew ukoll il-festi esterni billi l-banda kienet takkumpanja statwa tal-qaddis li mbagħad titqiegħed fuq kolonna għolja f'post prominenti.

Lejlet il-festa filgħodu kienet issir ukoll l-aħħar priedka tan-novena. Din allura kienet tkun speċjali, billi s-suġġett tagħha kien ikun ir-rebħa tal-Birgu fl-Assedju l-Kbir. Il-poplu kien isejħilha "l-priedka ta' l-Assedju". Wara kien jitkanta t-*Te Deum* li jkun ifisser li ntemmet in-novena, u mad-daqq tal-qniepen jibda l-marċ tal-banda. Kif il-banda tasal il-pjazza kien ikun hemm ballun kbir li jinfetaħ b'musketterija u minnu joħorġu għadd ta' għasafar.

Wara nofs in-nhar issir translazzjoni u għasar b'mod pontifikali – jiġifieri li fuq l-artal ikun hemm iċ-ċelebrant megħjun minn żewġ djakni, u jkun hemm ukoll erba' persuni oħra lebsin il-kappa. Nhar il-festa, l-Arċipriet ta' San Lawrenz kien igawdi privileġġ li jqaddes pontifikali – bħall-isfqijiet – li jkun ifisser li flok żewġ djakni jkunu erbgħa lebsin it-tuniċelli. Naturalment dawn l-istili ta' ċerimonji nqatgħu minn wara ż-żjara tal-Kardinal Lepicier fl-1936.

Nhar San Lawrenz kienu ħafna dawk li jsegwu ċ-ċaqliq tal-kwiekeb – kwiekeb feġġejja msejħa 'Dmugħ ta' San Lawrenz". Oħrajn kienu jfittxu fil-ħamrija biex isibu frammenti żgħar ta' ġebel imbaskat imsejjaħ il-"Faħam ta' San Lawrenz". Billi dak iż-żmien kien hawn faqar konsiderevoli, fil-festa kien jitqassam il-"Ħobż tal-Fqar." Il-festa ta' San Lawrenz, fil-port, kienet waħda marittima, u bħall-Imnarja, kienet okkażżjoni għall-għarus li jieħu l-għarusa għal din il-festa. Kienu jiġu ħafna Għawdxin li kienu jorqdu barra taħt tined apposta, u dak in-nhar il-bibien tal-Birgu ma kenux jingħalqu mis-suldati.

Kien hemm żmien meta wara s-sena 1813 il-festa tbiddlet għal pelligrinaġġ bit-talb u l-orazzjoni u bla ebda mużika; u fil-proċessjoni kienu joħorġu mhux biss l-istatwa ta' San Lawrenz, imma wkoll dik ta' Santu Rokku.

Sa mis-sena 1893, fl-aħħar jiem ta' Awissu bdiet issir festa oħra esterna – festa f'ġieħ San Duminku. Kienet issir mill-knisja tal-Lunzjata. Din il-festa sabet l-

appoġġ ta' każin ieħor tal-banda, u r-riżultat kien firda kbira fost il-popolin żgħir tal-Birgu. Kienu ħafna l-okkażjonijiet ta' għajb li nħolqu biss kawża ta' dawn iż-żewġ festi reliġjużi.

**SETTEMBRU**

Il-Birgu dejjem kien hemm nies ta' sentimenti patrijottiċi. Ir-rebħa ta' l-Assedju baqgħet stampata fil-qlub ta' nies din il-belt. U kien hawn li nibtet il-festa tal-Vitorja tal-Assedju. Kienet issir minn bosta snin qabel proċessjoni bi kwadru antik tal-Madonna msejjaħ "tal-Vittorja" waqt li l-Arċipriet nhar is-7 ta' Settembru mhux biss kien iqaddes għal ruħ dawk li mietu fl-Assedju, imma wkoll kien joħroġ ibierek l-inħawi tal-pjazza li parti minnha kien iċ-ċimiterju. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ingħaqdu ma' ċelebrazzjonijiet esterni bil-baned u bin-nar, u hekk feġġet il-Festa Nazzjonali fil-Pjazza, b'diskorsi minn patrijotti Maltin. Ġara pero li kawża tal-firda li kienet twieldet bil-festi esterni ta' San Lawrenz u San Duminku, din il-festa Nazzjonali spiċċat okkażjoni oħra ta' firda u mietet fuq ommha, waqt li ngarret minn bliet u irħula oħra fostna.

Il-Birgu għandu wkoll inħawi li twieldu mill-ġrajjiet u użanzi folkloristiċi. Hekk ngħidu aħna: **Il-Prexxa** – il-post minn fejn daħlu t-Torok fl-Assedju meta għamlu fetħa fis-sur ta' Kastilja. **It-Toqba** – li kienet saret apposta biex bil-lejl fl-Assedju jinġarr il-proviżjon u għajnuna oħra lejn Sant'Iermu. **Il-Pjazza** – kienet il-lok fejn jiltaqgħu d-difensuri, waqt li **l-Pjazzetta** kienet fejn tinġabar il-maġġuranza tal-poplu. **Il-Ballett** – fejn, skond it-tradizzjoni, beda l-Karnival. **Il-Ġenna** – post qrib il-knisja fejn jintrefgħu il-vari. **Il-Banju tal-Paġġi, id-Daħla, il-Bir tas-Skieken, il-Palazz ta' Bettina** – fejn twieled u trabba l-Kardinal Xeberras, **it-Triq ta' Lhud** – fejn il-Lhud kellhom il-*ghetto* tagħhom, **id-Dar tal-Qalb ta' Ġesu, il-Fortini, il-Hwejna** - dawn huma kollha postijiet marbutin ma ġrajjiet folkloristiċi.

Ma xtaqtx inħalli barra d-daqq tal-Lawdijiet fil-Birgu. Dan kien sinjal bid-daqq ta' qanpiena żgħira kull meta titwieled tarbija. Jindaqqu l-Lawdijiet b'sinjal ta' tifħir lil Alla għat-twelid ta' persuna ġdida.

B'hekk dorna dawra mas-sena u tajna tagħrif fuq xi drawwiet qodma fil-Birgu.

**Kelma ta' l-aħħar: Xi ftit snin ilu l-Gvern kien qatagħha li fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur isir mużew tal-Folklor. L-Għaqda tal-Folklor ħadmet ħafna għal dan il-għan u nġabru ħafna oġġetti li kellhom x'jaqsmu mal-Folklor. Sar xogħol mill-*Public Works Department* biex il-Palazz jissewwa. Jiddispjeċini li l-aperturi kollha, minflok issewwew, saru ġodda, u l-ħitan li f'bosta minnhom kien hemm il-grafiti tbajdu bil-ġir. Intant il-Palazz infetaħ bħala Mużew tal-Folklor u niftakar li f'sala tal-*piano nobile* tqiegħdu l-karrijiet tal-mejtin. Il-Mużew infetaħ nhar il-5 ta' Diċembru, 1981 – sebat ijiem biss qabel l-elezzjoni.**

**Żmien wara daħlet l-idea ta' Mużew tal-Etnoloġija, li jsir fil-Berġa ta' Franza l-Birgu stess. Xi oġġetti fil-mużew tal-folklor ntbagħtu Għawdex u oħrajn għebu fl-inventarji. Magħhom għeb ukoll il-Mużew tal-Folklor. Jingħad li l-Palazz tal-Inkwiżitur hu wkoll mużew etnoloġiku u tal-ġrajja inkwiżitorjali. Il-Berġa ta' Franza saret Mużew ta' l-Ilsien Malti...iżda baqgħet BLA LSIEN**

© Lorenzo Zahra

**APPREZZAMENT**

# ĠORĠ MIFSUD-CHIRCOP

Nhar l-Erbgħa, d-19 ta' Diċembru, 2007, tħabbret il-mewt ta' Ġorġ Mifsud-Chircop, li f'ħajtu ħadem bla heda b'riżq l-ilsien u l-folklor Malti, b'mod partikolari l-Għana. Miet fil-għomor ta' 56 sena. Sa minn xhur qabel, diga' kellu ħjiel tal-marda kiefra li ħakmitu, għalkemm dan ma żammux milli jibqa' għaddej bil-ħidma tiegħu sa l-aħħar.

Dr. Mifsud-Chircop kien ukoll antropologu, etnografu, u lecturer il-Junior College u l-Universita'. Għallem ukoll fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi. Ir-riċerka tiegħu wettaqha mhux biss f'Malta, imma wkoll f'Gottingen, Palermo, u Sheffield. Sa mill-1998 ħa ħsieb il-Festival Nazzjonali ta' l-Għana. Kien attiv fl-Għaqda ta' l-Għalliema tal-Malti, u għal sentejn kien il-President tagħha. Bejn is-sena 2003 u 2005 serva wkoll bħala membru fil-kumitat ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor. Kellu diversi programmi fuq ir-radju u kien awtur ta' bosta studji u pubblikazzjonijiet bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan.

Probabli li Ġorg Mifsud-Chircop jibqa' l-aktar magħruf għall-interess li kellu fl-għana, u għal kemm ħadem għaliha biex timxi 'l quddiem. Tista' tgħid li kull għannej kien jafu. Beda jorganizza l-Festival Nazzjonali ta' l-Għana fl-1998, u siefer lill-għannejja Maltin biex jgħannu barra minn Malta.

Il-funeral sar is-Sibt 22 ta' Diċembru, 2007, fil-knisja parrokkjali tal-Mosta, u għaliħ attendew bosta qraba, ħbieb, studenti, u rappreżentanti minn kull qasam tal-ħajja kulturali u soċjali; fosthom diversi membri tal-Kumitat ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor. Id-destinn kellu jisirqilna, qasir il-għomor, folklorista li ta bixra moderna lill-folklor Malti.

ĠUŻI GATT

# Il-GORBOĠ

**Karmenu Pace**

**Xi kultant, f'kull ilsien mitkellem, ikun hemm xi kliem li t-tifsira tiegħu tvarja minn imkien għall-ieħor u minn raħal għall-ieħor. Hekk, ngħidu aħna, il-kelma GORBOĠ tfisser post taħt xi indana taraġ, jew f'xi rokna fil-bitħa, fejn wieħed jista' jrabbi xi fenka (hekk jifhmuha s-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ). Għal oħrajn tfisser kamra qrib ir-razzett fejn wieħed irabbi xi majjal (il-Wardija). Patri Mikiel Fsadni O.P. fil-ktieb tiegħu *Il-Girna*, jfisser il-kelma *gorboġ* bħala kamra miżjuda ma' xi girna, jew ħdejha, biex dak li jkun ikollu aktar wisa' – ngħidu aħna fejn isajjar. Għal xi nassaba, l-gorboġ ifisser dik il-kmajra, parti mill-kumpless tan-nassaba, li tkun biswit id-dura fejn ikunu bilqiegħda. F'din il-kmajra jżommu l-gabjuni, xi ftit ikel, u jkunu jistgħu jiskennu fiha f'każ ta' xi ħalba xita.**

Ħafna nies ilissnu l-espressjoni: "dak jgħix f'daqsxejn ta' gorboġ", u jkunu jridu jfissru li wieħed ikun jgħix f'dar ċkejkna ħafna. Aquilina u Serracino Inglott fid-dizzjunarji tagħhom jagħtu l-kelma gorboġ bħala kmajra fejn irabbu l-fniek jew il-ħnieżer, jew inkella bħala daqsxejn ta' kamra żgħira x'aktarx mitluqa u żdingata. Il-kelma *gorboġ* għandha l-plural *griebeġ*, u d-diminuttiv *grejbeġ*.

Jien kont dejjem nistaqsi lil nnifsi: għaliex fin-naħa ta' fuq ta' Malta hemm tant giren, imma n-naħa t'isfel ma ssibhomx? Jekk il-bdiewa tan-naħa ta' fuq (Il-Mellieħa, l-Imġarr, iċ-Ċirkewwa, eċċ.) ħassew il-ħtieġa li jibnu girna biex jistkennu, jistrieħu, jew jerfgħu xi ħaġa fiha, il-bdiewa tan-naħa t'isfel (is-Siġġiewi, l-Qrendi, ż-Żurrieq, l-Imqabba, l-Gudja, Ħal-Għaxaq, Birżebbuġa, eċċ.) ma kellhomx l-istess ħtiġiet? Mela għala ma nsibux giren in-naħa tan-Nofsinhar ta' Malta?

Jien naħseb li t-tweġiba bdejt insibha waqt it-tiftix li bdejt nagħmel dwar il-*gorboġ* fl-inħawi tal-Qrendi. Jekk issaqsi lill-bdiewa tal-Qrendi x'jifhmu bil-kelma *gorboġ*, tweġibha waħda toħroġ minn fomm kulħadd: "Il-girbiċ hu bħal kamra żgħajra u baxxa magħmula mis-sejjieħ biex il-bidwej jistkenn ftit fijhe". Lanqas qatt ma jgħaddi minn ras xi ħadd mill-Qrendi li l-kelma *gorboġ* għandha xi tifsira oħra. It-tifsira li tajt hawn fuq trabbejna fiha, qiegħda f'ħalqna, u għalina tinħass minn ewl id-dinja. Imma f'irħula oħra l-kelma *gorboġ* għandha tifsiriet diversi. Jien nixtieq nitkellem biss fuq it-tifsira tal-Qrendin, u dawk li jifhmuha bħalna. Għalina l-*gorboġ* hu daqsxejn ta' kmajra fl-għelieqi, mibnija bil-ġebel tas-sejjieħ, li fiha l-bidwi jista' jistkenn mix-xemx u x-xita.

Fit-tiftix tiegħi f'din l-aħħar sena sibt madwar 100 gorboġ imxerrdin f'dawn l-imkejjen: Il-Qrendi, l-Imqabba, ż-Żurrieq, Bubaqra, Ħal-Far, Ħal Luqa, l-Gudja, Ħal Għaxaq, Birżebbuġa, s-Siġġiewi, Ħal-Qormi, r-Rabat, u Ħad-Dingli. F'Għawdex: San Dimitri, n-Nadur,, u l-Qala. Hemm postijiet li għadni ma mortx: Ħaż-Żabbar, Ħal Safi, l-Mosta, u f'Għawdex: Ta' Sannat, San Lawrenz, u postijiet oħra. Minn dan it-tagħrif li ġbart nista' nasal għal xi konklużjonijiet:

X'inhuma l-karatteristiċi ta' gorboġ? Gorboġ huwa binja fl-għelieqi. Fil-binja huwa sempliċi u kull wieħed hu uniku. Ikun mibni bil-ġebel tas-sejjieħ u ġeneralment ikollu daħla baxxa, bejn wieħed u ieħor xi metru. Il-ħitan tiegħu jkunu mtellgħin dritti. Is-saqaf ikun magħmul mill-qxur tal-blat, jew inkella minn xorok maħduma. Ħafna drabi jkollu wkoll toqba li sservi kemm għall-arja, u kemm biex wieħed jiftaqad jew jgħasses minnha. Fil-fatt hemm griebeġ li jissejħu "tal-erbat irjieħ" għax ikollhom "tawwala" ma kull ġenb. Din it-toqba fil-ħajt tissejjaħ tawwala (Ħal Għaxaq), l-għassiesa (l-Qrendi), s-sejjieħa (ż-Żurrieq), jew in-nemmiesa (s-Siġġiewi). Il-gorboġ qatt ma jkollu bieb jingħalaq imma biss daħla li titgħatta b'xi xkora. Qatt ma jkollu miżieb (sibt wieħed biss – f'Tal-Qortin, Bubaqra). Fil-biċċa l-kbira, s-saqaf fuq barra jkun miksi b'taħlita ta' ħamrija u żrar, jew ġebel irqiq, li mbagħad, bil-ħaxix li jikber fuqu, ma jħallix l-ilma tax-xita jinfed għal ġewwa. Għalkemm minn barra ħafna drabi l-gorboġ jidher ikkupplat, minħabba din il-kisja li għadni kemm semmejt, minn ġewwa, s-saqaf ikun dejjem ċatt. Jekk (minn ġewwa) s-saqaf ikun imtarraġ, jew imkilleb bl-irtalli, allura dik tkun girna, mhux gorboġ. Ħafna griebeġ issibhom mibnija direttament fuq il-blat, mingħajr il-ħtieġa ta' pedamenti, u ġeneralment huma magħmulin baxxi: mhux aktar minn ħames piedi għoli.

L-Għan ewlieni tal-gorboġ hu dak li jipprovdi kenn temporanju lill-bidwi li



**Gorboġ "maqrut", mibni fil-fond ta' żewġ ħitan, il-faċċata tiegħu mqammra u tħares lejn in-Nofsinhar. Imsaqqaf b'erba' xorok li jserrħu rjushom fuq il-kileb li hemm ma' tliet iġnub tiegħu.**

jkun 'il bogħod minn daru. Kenn biex idabbar ftit rasu mix-xemx tikwi, jew jimtedd u jistrieħ kwarta għall-ħin ta' nofsinhar. Kien iservih biex jistkenn minn xi ħalba xita mhux mistennija; biex jerfa' fih xi magħlef żerriegħa; jew biex xi tfal żgħar li jkollu miegħu joqogħdu fih sakemm ilesti. Hemm min kien juża l-gorboġ biex iżomm fih xi żerriegħa tal-patata għall-frisk sakemm jasal żmien iż-żrigħ; jew xi koċċ basal niexef biex jaħżnu għall-frsik u ma jitħassarx. Imma l-gorboġ kellu wkoll il-funzjoni li wieħed seta' jagħmel għassa minnu ma' xi uċuħ li seta' kellu fir-raba'; bħal basal, patata,bħajra, eċċ. Meta s-saqaf tal-gorboġ kien ikun ċatt biżżejjed, ġieli ttella' xi għarix fuqu; u sibt griebeġ li anke kellhom fuqhom dura tal-kaċċa.



**Il-gorboġ ta' wara l-Imnajdra, b'daħla tħares lejn l-Ilvant, maqtugħ nofsu fil-blat. L-uniku wieħed li sibt imsaqqaf bil-ħnejjiet, bix-xorok (maħduma u minġura) jdura magħhom. Iħares fuq barriera tal-qawwi, u forsi kien użat mill-ħaddiema u bħala post fejn jerfgħu l-għadda.**

Il-gorboġ hu interesanti għax kull wieħed għandu l-individwalita' tiegħu; hu mibni mill-materjal tal-post; u juri kreativita', sengħa, u ħsieb f'binjietu. Fil-ġerarkija tal-bini x'aktarx li jiġi l-aħħar - warajh forsi jiġi l-għarix, magħmul mill-qasab u mill-ixkejjer, u li jservi biss għal ftit ġimgħat biex wieħed jagħmel l-għassa minnu.
Għalkemm l-ebda gorboġ m'hu bħall-ieħor, meta tkun flejt ħafna minnhom tkun tista' tagħżel bejn diversi kategoriji.

a) Il-gorboġ mibni fil-ħajt tas-sejjieħ – id-daħla tiegħu tkun ċatta mal-ħajt, imam ġewwa jkun jiftaħ anke sa tlettax-il pied, hekk li tista' toqgħod mqar familja sħiħa fih. Xi drabi, minn fuqu jkun għaddej ir-raba' wkoll. Dan it-tip ta' gorboġ issibu fejn ir-raba' jkun imtarraġ.

b) Il-gorboġ mekkuk – Dan it-tip ikun mibni f'nofs katina li tifred għalqa minn oħra; u jkun mibni mżaqqa, biex jirbaħ ftit tal-wisa'.

c) Il-gorboġ maqrut – Dan ikun mibni ġo rokna, u jkun għamla ta' trianglu jew nofs qamar, hekk li mid-daħla, l-bidwi jkun jista' jara l-għalqa kollha quddiemu.

d) Il-gorboġ b'daħru mal-ħajt – Dawn il-griebeġ ikollhom tliet naħiet maħruġa 'l barra *in arja* u d-dahar ikun iserraħ jew jagħmel parti mill-ħajt tas-sejjieħ ta' wara.

e) Il-gorboġ ta' nofs l-għalqa – li jkun mibni fin-nofs biex jintlaħaq minn kullimkien u, permezz tat-tawwala, l-bidwi jkun jista jnemmes ma' kull riħ u jara xi jkun qed jiġri ma' l-għalqa kollha.

f) Il-gorboġ ta' żewġ daħliet – Dawn ma tantx tara minnhom. Ikollhom daħla kontra l-oħra, jew maġenb l-oħra.

g) Il-grejbeġ - jew dawk il-griebeġ żgħar u baxxi ħafna li jista' jkun li ma sarux biex jagħtu kenn lill-bniedem, imma lil xi annimal, bħal ngħidu aħna xi kelb, jew għall-ħażna.

Hemm ukoll epoki differenti tal-griebeġ. Hemm dawk antiki ħafna, bit-tisqifa magħmula minn qxur kbir ta' blat mhux maħdum. Hemm dawk inqas antiki, fejn il-qxur inħadmu għamla ta' xorok jew kaptelli, imma l-wiċċ baqa' l-qoxra naturali tal-blat. Imbagħad hemm dawk aktar riċenti, bix-xorok maqtugħa mill-barriera u maħduma għax-xafra bil-mannarett, jew minġura. U hemm dawk moderni u kontemporanji, għax għad hemm ftit każi fejn xi ħadd bena gorboġ b'ġebel u teknika moderna (dawn m'humiex ta' interess kbir għalija). Il-qedem tal-gorboġ joħroġ mit-tisqifa, u mill-kwalita' tal-ġebel li bih ikun mibni.

Biex nagħlaq: jien tal-fehma li meta n-naħa ta' fuq ta' Malta kienu jibnu l-giren, il-bdiewa tan-naħa t'isfel kienu jibnu l-griebeġ; u r-raġuni ewlenija għala ta' fuq bnew mod, u ta' isfel bnew ieħor, kienet il-kwalita tal-materjal għall-bini li kien jeżisti fin-natura. In-naħa ta' fuq hu magħruf għall-blat tal-qawwi, u n-naħa t'isfel hu magħruf għall-ġebla tal-franka. Tan-naħa ta' fuq sabu mezz kif ikillbu l-ġebel u jsaqqfu b'dak il-mod, u n-naħa t'isfel ma kellhomx għalfejn jagħmlu hekk għax sabu l-qxur tal-blat lest, u setgħu jaqtgħu ix-xorok mill-franka (mill-blat tal-qawwi mhux faċli taqta' x-xorok). Għalija, l-girna u l-gorboġ huma żewġ binjiet differenti li żviluppaw matul is-snin skont il-ħtiġijiet tan-nies tal-post u l-materjal li sabu madwarhom fin-natura.



**Żewġ griebeġ imdaħħlin fil-ħajt, antiki, jidhru li nbnew meta kien qed jitfassal ir-raba' mtarraġ ma' l-għolja taż-Żelliqat. Il-Ħamrija tal-ħabel raba' ta' fuqhom tgħattilhom is-saqaf. Għandhom daħla baxxa, bil-blata mqiegħda fuq ħisja maqtugħa fil-ġebel ta' taħthom. Huma msaqqfin b'kaptelli wisgħin pied u nofs u 8 pulzieri ħoxnin. Id-dħul iħares lejn it-tramuntana.**



**Gorboġ fit-triq li minn tal-Għolja tagħti għall-barriera ta' Żuta (Ħad-Dingli). Il-ħitan minn barra mmejlin 'il ġewwa. Fih tawwala ma' kull riħ, u hu wieħed mill-ftit li għandhom is-saqaf ibbattmat.**



**Gorboġ wara s-Salib ta' l-Għolja, mibni mill-blat qawwi ta' l-inħawi, msaqqaf b'xorok tal-qasba li jserrħu fuq il-kileb. Madwaru jidher li kien hemm attività qawwija ta' qtugħ ta' blat (sinjali ta' raded).**



**Gorboġ fin-niżla ta' Garibaldi, wara l-kmamar tan-nar ta' Sant'Andrija. Għandu tisqifa nteressanti, b'żewġ xorok traversi biex jagħlqu l-irkejjen ta' wara, u xorok oħra jserrħu fuqhom qishom imrewħa. Fih żewġ tawwaliet, waħda minnhom tħares fuq l-għalqa ta' taħtu.**



**Gorboġ modern (1916) u allura bid-daħla kemmxejn għola minn ta' l-antiki. Ix-xorok moderni wkoll; dojoq u minġura.**

**© Karmenu Pace**

**NIXTIEQ ĦAFNA LI MIN JAF FEJN HEMM XI GORBOĠ JIKKUNTATTJANI BIEX INKUN NISTA' NIEĦU NOTA TIEGĦU – Tel. 21685148, 79048885, menu@maltanet.net**

It-Toponomastika ta' Malta:

# IL-PORT TA' MARSAXLOKK U MADWARU

Alex Camilleri

**Jixraq li nibda dan l-artiklu billi nfakkar fl-għamla tal-gżira ta' Malta donnha ħuta, l-istess bħalma kont għamilt fit-tieni artiklu ta' din is-sensiela. Dakinhar kont qed nikteb dwar denb il-ħuta (l-Aħrax tal-Mellieħa), filwaqt li din id-darba jmiss lil ħalqha: *Il-Port ta' Marsaxlokk* u x-xtut li jdawruh. Bħalma jixhed isem il-post, iż-żjara tagħna se teħodna lejn port naturali kbir fix-xlokk ta' Malta, magħmul minn golf b'ħalq wiesa' li jinferaq f'żewġ fergħat ewlenin fuq ġewwa: daħla mdaqqsa li tibda mir-raħal ta' *Marsaxlokk*, u ġabra ta' daħliet iżgħar li madwarha żviluppaw ir-raħal ta' *Birżebbuġa* u l-port industrijali ta' *Kalafrana*. Matul l-aħħar erbgħin sena, dan ta' l-aħħar tbiddel f'wieħed mill-portijiet ewlenin tal-pajjiż, bit-taqlibiet soċjali u l-bidliet ambjentali qawwijin li dan kollu jġib miegħu. Minkejja dan, ix-xtut 'il barra mill-port, kif ukoll xi rkejjen imwarrbin ġo fih stess, għadhom iżommu l-bixra naturali tagħhom, għalkemm anke dawn huma xi ftit jew wisq mhedda.**

## MAPPA.

### *Marsaxlokk*

Jixraq li nibdew propju b'Marsaxlokk, li ħa ismu mill-port innifsu. Bl-Għarbi u bil-Malti qadim, "marsa" tfisser port jew post fejn tista' tankra, filwaqt li "xlokk" (mit-Taljan *"scirocco"*) hija d-direzzjoni fejn jiftaħ il-port. Billi Marsaxlokk huwa qabel kollox raħal tas-sajjieda, ċ-ċentru tiegħu (inkluża l-knisja parrokkjali tal-*Madonna ta' Pompei*) jinsab sewwasew f'ras ***Id-Daħla ta' Marsaxlokk*** li sservi wkoll bħala l-port tad-dgħajjes. Din ġieli tissejjaħ ukoll ***Id-Daħla ta' Sant' Andrija***, għal statwa kbira ta' dan il-qaddis li tidher fil-misraħ ewlieni tar-raħal. L-istess statwa tat ukoll isimha lil għajn ta' ilma salmastru li hemm max-xatt faċċata tagħha, appuntu ***L-Għajn ta' Sant'Andrija***. L-għajn innifisha hija żbokk naturali fejn l-ilma tal-pjan jitħallat mal-baħar; illum tinsab imdawra b'vaska msaqqfa (u mniffda mal-baħar) fejn is-sajjieda spiss iħallu l-biegħa tagħhom titlaħlaħ għall-frisk. Fuq il-lemin tal-għajn (jekk tkun qed tħares lejn il-baħar) jibda ***Ix-Xatt***, illum bankina twila u wiesgħa mal-baħar fejn nhar ta' Ħadd jintrama' s-suq ta' Marsaxlokk; xi ritratti qodma juru li minfloku dari kien hemm ramla. Fuq in-naħa l-oħra tal-misraħ, tista' tgħid li tibda x-xaqliba magħrufa bħala ***Il-Magħluq***, fl-imgħoddi laguna artifiċjali magħluqa fejn kien jitrabba l-ħut (l-istess bħall-Magħluq l-ieħor li hemm f'Marsaskala). Hawn seħħ tibdil qawwi għax il-parti l-barranija tal-laguna (***Il-Magħluq tal-Qasab***) tħammlet u nfetħet biex illum isservi ta' menqa għall-opri tal-baħar. F'dan it-taqlib intradmet ukoll ***Il-Belliegħa***, ħofra żgħira li kienet mal-ġenb intern tal-laguna qrib fejn illum hemm il-bandli. Il-ġenb tan-naħa l-oħra, fejn hemm il-fdal ta' binja żgħira ta' Żmien il-Gwerra, tħalla bħala ħarrieġa tawwalija (***Ir-Ras***) li tkennen il-menqa u li tintgħaraf minħabba statwa tal-Madonna li tqiegħdet fil-ponta xi snin ilu.

L-art watja u baxxa ta' wara l-Magħluq tal-Qasab minn dejjem kienet maqgħad ta' l-ilma, għax għal ġo fiha jaqilbu l-artijiet għoljin ta' ***L-Imsewweb*** (isem li juri ċarċir ta' l-ilma għal isfel) u ***Tas-Silġ***. Mat-tarf tal-wita għadu jidher gandott tawwali (***Il-Kanal***) li jżomm għadira salmastra s-sena kollha u li għaldaqstant joffri ambjent fejn ix-xtieli ippuntati tas-simar u ħlejjaq oħra tal-għadajjar salmastri jgħixu fl-istat salvaġġ. Illum, il-Kanal u l-artijiet baxxi li jdawruh huma mħarsin bħala riserva naturali żgħira. Ix-xtajta mrammla ta' biswithom (***Ir-Ramla ta' Marsaxlokk***) niftakarha tibqa' ħierġa aktar 'il barra lejn il-baħar, iżda tħammil bla rażan f'qiegħ il-baħar lejn il-bidu tad-disgħinijiet wassal għal erożjoni qawwija max-xatt. Għadu jidher xi ħjiel ta' fejn kienet tasal l-art, ngħidu aħna blata żgħira b'marbat li dak iż-żmien kienet ma' xifer ir-ramla filwaqt li llum trid tgħum biex tilħaqha. ***It-Torri tal-Kaċċatur***, bini qadim li llum jintuża bħala restorant, jifred l-artijiet baxxi tal-Magħluq mill-għelieqi mtarrġin ta' fuqhom (***Il-Wilġa***, isem spiss mogħti lil dan it-tip ta' art); aktarx li kien parti mir-riserva tal-kaċċa li dari kien hemm fil-Magħluq. Aktar lejn il-Lvant (fuq in-naħa l-oħra tat-triq li twassal lejn l-impjant ta' l-elettriku), l-art għat-telgħa jgħidulha ***Il-Ballut***, dettall interessanti għax donnu jindika li fl-imgħoddi hawn seta' kien hawn xi masġar tal-ballut bħal fil-każ ta' lokalitajiet oħra b'dan l-isem.

Lura lejn ix-xaqliba l-oħra tar-raħal, ***It-Torri Vendome*** jew ***It-Torri tal-Pont*** għadu jispikka fi tmiem ix-Xatt minkejja li safa maqrus bejn binjiet oħrajn. Dan it-torri baxx u wiesa', illum każin tal-*football*, inbena fis-seklu XVIII bħala parti minn proġett ambizzjuż (imbuttat bil-qawwa mill-kavallier Philippe de Vendôsme) li kien jaħseb għal għadd liema bħalu ta' trunċieri madwar il-Gżejjer Maltin. Warajh jibdew l-inħawi ta' ***Il-Kavallerizza***, isem Taljan li jfisser skola għar-rikkieba taż-żwiemel; din il-binja kbira kienet inbniet fi żmien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt u għadha hemm minkejja xi bidliet li dawruha f'villa. Qribha tinsab ukoll ***Il-Barumbara ta' Lambert***, torri tawwali li skond ismu kien jintuża għat-trobbija tal-ħamiem. Mill-Kavallerizza jibda wied baxx (ma nafx x'jgħidulu) li jniżżlek lura lejn il-baħar biswit ***Il-Ponta tal-Qrejten***, ras żgħira isimha magħha ("qrejten" hija d-diminuttiv ta' "qortin", li tfisser ħarrieġa ta' art) fejn hemm il-każin tal-*waterpolo*. Wara din il-ponta tintemm il-parti mibnija ta' Marsaxlokk u titfaċċa ***Il-Fossa***, ramla ċkejkna li madwarha jolqtok il-lewn ħamrani tal-blat artab magħmul minn ħamrija preistorika iffossillizzata. L-istess roqgħa gieli jsejħulha wkoll ***L-Għar l-Aħmar***, għalkemm l-għar innifsu (żgħir u b'ċagħkija ġo fih) jinsab aktar lejn ***Il-Ponta tal-Marbat***, li tkennen ir-ramla min-nofsinhar u li fiha wkoll xi mrabat tal-azzar imwaħħlin fil-blat. Issa ninsabu qrib it-tarf ta' ***Ir-Ras***, l-ilsien kbir ta' art li joħroġ lejn ix-xlokk mill-artijiet għoljin ta' ***Il-Marnisi*** (mit-Taljan "marnosi", jiġifieri taflin) u jifred lil Marsaxlokk mill-bosta qaliet ta' Birżebbuġa. Mill-Ponta tal-Marbat 'il quddiem jibda rdum wieqaf u tafli li jibqa' sejjer sa taħt ***It-Torri ta' San Luċjan***, torri kbir li nbena mill-Gran

Mastru Wignacourt fl-1610 fit-tarf nett tar-Ras biex iħares lil dawn l-inħawi mill-attakki tal-furbani Torok. Kien wieħed mill-ewwel u l-akbar torrijiet li nbnew mill-Kavallieri, u fis-Seklu XIX l-Ingliżi komplew dawruh b'fortizza qawwija (***Il-Fortizza ta' San Luċjan***). Minn taħt il-fortizza toħroġ ponta tawwalija u rqiqa (***Il-Ponta l-Kbira***), b'sikka taħtha. Bi drittha, iżda maqtugħa għal kollox mill-art, hemm ukoll sikka oħra msejħa ***Il-Ħaġra*** jew ***Il-Blata***, li titla' ħesrem mill-qiegħ fond ta' nofs il-port u bilkemm tixref 'il fuq minn wiċċ l-ilma; tintgħaraf minħabba arblu qisu lanza li kien twaħħal fuqha biex iwissi lill-baħħara. Wara t-Torri ta' San Luċjan, l-irdum jerġa' jitbaxxa u ma jibqax daqstant tafli, u hemm sensiela ta' għerien żgħar mal-baħar sewwasew fil-punt imsejjaħ ***Tad-Debbra*** li jħares lejn Birżebbuġa.

Qabel ma nkomplu mexjin mal-baħar, tajjeb li nagħtu ħarsa fil-qosor lejn l-artijiet aktar għoljin li jifirdu lil Marsaxlokk mil-limiti taż-Żejtun. Bla dubju, l-aktar magħrufa fost dawn hija l-għolja msejħa ***Tas-Silġ***, għax fuqha nbniet il-knisja tal-*Madonna tas-Silġ* maġenb ***Il-Palazz ta' Testaferrata***, li llum jaqdiha bħala kunvent. Titwila bir-reqqa lejn dan ta' l-aħħar malajr turi li qabel il-palazz kien hemm torri, li għadu jingħaraf fit-tarf tal-binja. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq, l-artijiet ***Ta' Bir Rikka*** (kultant imdawrin f'***Ta' Berikka***) jħaddnu fihom waħda mill-ogħna żoni arkeoloġiċi fil-Gżejjer Maltin, li tidher fil-kotba bħala "Tas-Silġ". Il-fdalijiet li jinsabu hawn jibdew minn tempju ta' żmien Ħaġar Qim u jibqgħu sejrin sa pedamenti medjevali; jingħad li ***Bir Rikka*** nnifsu huwa ġibjun ta' Żmien ir-Rumani. Aktar lejn il-punent, hemm ukoll il-fdalijiet ta' tempju ieħor preistoriku, din id-darba misturin qalb il-ħitan tas-sejjiegħ bejn żewġt irħula antiki tal-kampanja, ***San Niklaw*** u ***Ħal Ġinwi***. San Niklaw (li jagħmel maż-Żejtun) għadu jidher sew bil-kappella u l-misraħ tiegħu, filwaqt li minn Ħal Ġinwi għad fadal biss xi rziezet imxerrdin. L-artijiet li jdawruh (***Tal-Wiċċ*** u ***Ta' Ħal Ġinwi***) jagħtu għal fuq ***Il-Wied ta' Ħal Ġinwi***, wied kbir u sabiħ mimli siġar tal-ħarrub li jibqa' nieżel għal ġo Marsaxlokk stess. Id-Daħla ta' Sant'Andrija mhix għajr il-bokka mgħarrqa tiegħu. Jekk taqsam il-wied, għadhom jidhru żewġ barumbari qodma, u mbagħad fejn tofroq it-triq tilħaq il-kappella ta' *San Pietru*. Aktar 'il fuq, f'***Ras il-Wied*** (isimha magħha) tara n-niċċa ta' ***Santu Kristu*** f'salib it-toroq. Minnha tibda t-triq dejqa li taqsam l-artijiet tal-Marnisi sa ma twassal lura lejn il-Kavallerizza u San Luċjan; matulha jinsab ***Il-Palazz ta' San Duminku*** (jew ***Il-Palazz tal-Marnisi***), palazz ieħor privat ta' Żmien il-Kavallieri.

## *Birżebbuġa, Il-Qajjenza u Kalafrana*

Bilkemm tilħaq taqbeż San Luċjan li ma jaħsdukx minnufih it-tankijiet tal-gass fl-artijiet ta' ***Il-Fiddien*** u warajhom il-labirint ta' bini f'***Il-Qajjenza*** li jibqa' sejjer kważi sa xifer il-baħar u jinfirex max-xatt sal-batterija ***Ta' Ferretti***, trunċiera ta' l-1716 mistura wara ħajt għoli u msemmija għall-kavallier Francesco Maria Ferretti li kien ħallas għall-bini tagħha. Minn hawn 'il ġewwa tidħol f***il-Qala ta' San Ġorġ***, bajja kennija mifruqa fi tnejn minħabba lsien baxx ta' art taħt il-kappella qadima ta' ***San Ġorġ*** li tat isimha lil dawn l-inħawi. Il-kappella nnifisha hija magħluqa ġo trunċiera oħra tonda pariġġ Ta' Ferretti, u hija l-edem fost it-tliet kappelel li jittawlu għal fuq din il-qala (l-oħrajn, iddedikati lil San Ġużepp u lill-Madonna, inbnew fis-Seklu XIX). L-ilsien li jixref għal ġol-baħar bejn iż-żewġ daħliet fih xhieda importanti tal-bidliet li seħħew fil-livelli ta' l-art u tal-baħar fi żmenijiet reċenti: grupp ta' fosos (*silo pits*) u par kalati (*cart ruts*) li mill-preistorja 'l hawn sfaw nofshom mgħaddsin taħt l-ilma; jingħad li fl-imgħoddi (qabel ma ntradmu biex fuqhom saret triq ġdida) l-istess kalati kienu saħansitra jerġgħu jitfaċċaw fuq in-naħa l-oħra ta' l-ewwel daħla. L-istess daħla, jiġifieri bejn iż-żewġ trunċieri li semmejna, tinsab sewwasew taħt ***It-Telgħa tal-Geru*** (jew ***In-Niżla tal-Geru***, skond jekk tħarisx lejha minn għajnejn Birżebbuġin jew inkella Żwieten, iżda dejjem bil-G bla tikka) li twasslek lejn Bir id-Deheb. Fiha ramla żgħira (***Ir-Ramla ta' San Ġorġ***) sewwasew fejn jiżbokka ***Wied Dalam*** (jew ***Il-Wied ta' Dalam***), wied twil u fond li jibda minn Ħal Għaxaq u jserrep 'l isfel fi triqtu għal hawn wara li miegħu jingħaqad wied ieħor iżgħar (***Il-Wied ta' Qamru***) li jinżel mill-artijiet tal-Marnisi u ***Ix-Xerriek***. Isem il-wied jidher marbut sew ma' dak ta' ***Għar Dalam***, għar naturali fond li jinsab mal-ġenb tiegħu sewwasew taħt it-Telgħa tal-Geru. Skond id-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina, isem dan l-għar ġej mill-kelma antika "dalam" li tfisser iljunfant, minħabba li ġo fih kienu nstabu mhux biss fdalijiet preistoriċi iżda wkoll għadam ta' iljunfanti u annimali oħra li maż-żmien inqerdu minn dawn il-Gżejjer. Iżda filwaqt li din kienet tassew fost l-aktar sejbiet importanti f'Malta, isem l-għar huwa eqdem u m'għandux x'jaqsam magħha; aktarx li hu biss isem Semitiku ta' tifel jew raġel. Ta' min jgħid ukoll li fuq in-naħa l-oħra tat-Telgħa tal-Geru (sewwasew fix-xaqliba msejħa ***In-Nigret***) hemm ieħor fost l-akbar għerien naturali fil-Gżejjer Maltin, ***Għar il-Friefet***. Dan huwa għar fond fuq tliet livelli li tħaffer mill-ilma li jiskula taħt l-art, u dari kien magħruf għall-kotra ta' friefet il-lejl li kienu jgħammru fih qabel ma majnaw għal kollox meta l-inħawi nbelgħu mill-bini tal-Qajjenza.

Id-daħla l-oħra fin-nofsinhar tal-Qala ta' San Ġorġ isservi ta' port żgħir għad-dgħajjes iżda qatt ma rnexxieli nsir naf x'jgħidulha. Għal ġo fiha jiftaħ wied saħansitra akbar u aktar imdawwar minn dak ta' Dalam: ***Wied Żembaq*** (skond Aquilina, isem ta' fjura), kultant imsejjaħ ukoll ***Il-Wied ta' Majru*** jew ***Wied Pultu*** (għal binja qadima msejħa ***Ir-Razzett ta' Pultu***, li kienet inbniet minn ċertu Ippolito Novantieri). Dan il-wied jibda mill-inħawi ta' ***Ħas-Sabtan*** fil-Gudja, fejn jingħaqdu ***Wied Ħas-Sabtan*** (jew ***Wied Mażeżu***) u ***Il-Wied ta' Burżinu*** li t-tnejn jinżlu minn ħdejn ir-*runway* ewlenija ta' l-ajruport. L-għolja tawwalija u dejqa ta' bejn Wied Żembaq u Wied Dalam hija għanja ferm bħala wirt arkeoloġiku u storiku. It-tarf tagħha jittawwal għal fuq San Ġorġ u jissejjaħ ***In-Nadur*** (post fl-għoli mnejn tista' tgawdi veduta tajba, għall-għassa). Il-fdalijiet preistoriċi importanti (tempu ta' żmien Ħaġar Qim u raħal fortifikat ta' Żmien il-Bronż) li jinsabu fuqu ukoll ħadu l-istess isem: ***Borġ in-Nadur***. Mhux wisq 'il bogħod hemm aktar kalati, qabar antik u xi żewġ dolmens, u f'***Ta' Kaċċatura*** (bi dritt Għar Dalam) hemm torri żgħir qadim (***It-Torri***) u l-fdal ta' villa Rumana mill-isbaħ b'ġibjun kbir imsaqqaf.

Lura max-xatt, wasalna fil-qalba tar-raħal modern ta' Birżebbuġa, mibnija

fuq medda kbira ta' art (***Il-Gżira***) maħruġa għal ġol-baħar bejn il-Qala ta' San Ġorġ man-naħa tat-tramuntana u ***Ir-Ramla ta' Birżebbuġa*** (ramla mdaqqsa, isimha magħha) man-naħa tan-nofsinhar. Hawn ta' min jgħid li r-raħal innifsu ġieli jsejħulu "Burżebbuġa", iżda sa fejn naf din il-verżjoni ma tidhirx f'kitbiet qodma u għaldaqstant l-isem tal-post aktarx li għandu x'jaqsam ma' bir aktar milli ma' art watja (bur). Fir-ras tal-Gżira għad hemm il-fdal ta***t-Trunċiera tal-Gżira***, batterija oħra tonda mibnija fl-1716 li fi żmienha kienet mgħammra bil-kanuni, u mbagħad imiss ***Il-Ponta tan-Ngħaġ*** (jew ***Tan-Ngħaġ*** biss) fejn hemm il-pixxina tal-*waterpolo*. F'waħda mit-trejqiet fil-qrib tinsab il-knisja *Tad-Duluri*, l-ewwel knisja parrokkjali li damet isservi sakemm inbniet waħda ġdida u akbar (*San Pietru*) fl-inħawi ***Tal-Pajtier***, qrib it-tarf tar-raħal li jagħti lejn l-art għolja ***Tal-Brolli*** (jew ***Il-Brolli***). Fir-Ramla ta' Birżebbuġa jbattal ilmijietu ***Wied il-Qoton***, wied ieħor twil iżda baxx. Dan il-wied għandu żewġt irjus ewlenin li tnejn li huma jibdew minn Ħal Far: ***Wied il-Kbir*** jinżel mill-artijiet ***Tal-Qalgħa*** u ***Ta' B'Xejn***, filwaqt li ***Il-Wied ta' Qlima*** (muri fil-mapep bħala Il-Wied tal-Klima) iserrep bil-mod bejn ***Ta' Salvun*** u ***Tal-Ġebel***. Dawn iż-żewġ widien jingħaqdu qrib ta' razzett qadim imsejjaħ ***Il-Palazz***, fejn tibda t-Triq tal-Ġebel. Fil-viċin, jinsab ukoll ***It-Torri ta' Wied il-Qoton***, torri antik tal-misħun li dari kien fil-kampanja iżda llum jinsab imdawwar bil-bini. M'għandniex xi ngħidu, l-artijiet ***Ta' Wied il-Qoton*** u ***Ta' Wied il-Kbir*** issemmew għall-widien ta' ħdejhom.

Fl-aħħar tletin sena, il-bini l-ġdid ta' Birżebbuġa nfirex ukoll għal fuq l-artijiet ta' ***Il-Girgħien*** u ***Tal-Papa***, u għaldaqstant wasal sa ***Wied il-Buni*** (jew ***Il-Wied tal-Buni***), l-aħħar fost il-widien li jferrgħu għal ġol-port. Dan il-wied jibda mill-artijiet għoljin ***Ta' Wied il-Buni***, ħdejn ir-raħal ċkejken ta' ***Bengħisa*** li jingħaraf bħala ġemgħa ta' djar qodma maqtugħin mill-bqija ta' l-abitat u miġbura madwar il-kappella *tal-Kunċizzjoni* u l-misraħ żgħir ta' quddiemha. Minn hemm, il-wied ikompli nieżel biswit l-art imħarbta ***Ta' Giligejla*** (fejn hemm l-arbli tat-telekomunikazzjoni), u jiftaħ f***il-Qala ta' Wied il-Buni***, li fil-fatt mhix għajr rokna żgħira fix-xatt imkenna taħt sur twil iżda baxx tas-Seklu XVIII. Minn hawn 'il quddiem jibda l-port industrijali ta' Kalafrana, aktarx l-aktar naħa tal-Gżejjer Maltin li rat taqlib qawwi. Minn Żmien l-Ingliżi sal-miġja tal-port ħieles, hawn tqattgħet u twittiet medda kbira ta' art, sar irdim liema bħalu fil-baħar, u kien xkanat kulma kien jinsab fl-inħawi. Għaldaqstant, illum naraw biss wita artifiċjali u mollijiet wesgħin, iżda l-post ma kienx minn dejjem hekk. Sas-snin '70, Kalafrana nnifisha kienet għadha teżisti bħala menqa mdaqqsa (isimha magħha – "kala" hija varjanta ta' "qala", filwaqt li "frana" Aquilina jorbotha mal-kelma Taljana għal ċediment ta' l-art) u warajha kien hemm wied ċkejken (***Wied Kalafrana*** jew ***Il-Wied tal-Piti***, imsemmi għal sid l-art) li jagħti għal ġo fiha. Aktar 'il barra max-xatt kien hemm ***Il-Ħobża***, ***L-Aħrieq*** u ***Ix-Xifer*** jew ***Ras Ġiljan***, ilkoll ismijiet marbutin mal-forma tax-xatt: l-ewwel waħda tindika r-ras kemmxejn għolja li kienet tkennen id-daħla ta' Kalfrana, l-oħra aktarx plural ta' "ħarq" jew xaqq, u ta' l-aħħar turi xoffa ta' art maħruġa 'l barra fil-baħar li dari kienet tintuża bħala posta tal-għassa. Dawn, flimkien ma l-għelieqi ta' madwarhom, ilkoll spiċċaw. Magħhom intilfu wkoll xi binjiet storiċi bħa***t-Trunċiera l-Ġewwenija*** (batterija ta' l-1716 li kienet teżisti bejn il-Qala ta' Wied il-Buni u Kalafrana, murija f'xi kitbiet storiċi bħala l-batterija ***Ta' Mniek***); it-trunċiera "ta' Fresnoy" f'Kalafrana stess; u ***It-Trunċiera tal-Ħrieq***, oħra bħalhom li kien hemm bejn Kalafrana u l-bokka tal-port (sewwasew ħdejn l-Aħrieq) u li tat isimha lill-artijiet ***Ta' Balbani*** (uffiċċjalment, il-batterija kienet imsemmija għall-kavallier Cristoforo Balbani li kien ħallas parti mill-ispejjeż biex inbniet). L-istess ġara lill-fogazza li kienet maqtugħa fil-blat f'Ras Ġiljan u lil trunċiera oħra li kien hemm. S'issa, ir-raba' ***Tal-Ħarrub*** u ***Ta' Miguma*** (bejn Kalafrana u Bengħisa) ħelisha minn din ix-xorti.

## *Bengħisa u madwarha*

Hekk kif tħalli l-bokka tal-port u ddur ma' l-ilqugħ twil li llum ikennen il-port ħieles ta' Kalafrana (sewwasew bi dritt il-Ponta ta' Delimara), jibdew ix-xtut miftuħin beraħ ta' Bengħisa. Ix-xifer preċiż fejn l-ilqugħ innifsu huwa mqabbad ma' l-art jissejjaħ ***Il-Ponta ż-Żgħira***, ismu miegħu peress li mhux għajr it-tarf ċkejken ta' peniżola qasira u wiesgħa magħrufa bħala ***Ir-Ras*** jew ***Ras Bengħisa***. Illum, din il-ħarrieġa kbira ta' art hija okkupata kważi għal kollox mit-tankijiet taż-żejt, u għadu jintgħaraf biss il-blat ta' max-xatt matul ix-xaqliba l-barranija tagħha (bejn il-Ponta ż-Żgħira u Wied ix-Xaqqa). Hawnhekk kien jinsab ***It-Torri ta' Bengħisa*** (ieħor fost it-tlettax-il torri tal-Gran Mastru De Redin) u sur baxx tas-Seklu XVIII li kien iħares id-dawra sħiħa tar-Ras; it-tnejn li huma kienu twaqqgħu fi Żmien l-Ingliżi u llum l-uniku ħjiel li għad fadal tagħhom issibu f'xi ritratti qodma. Mir-Ras, sewwasew mill-biċċa li jgħidulha ***Tas-Sikka*** (ftit metri 'l bogħod mill-Ponta ż-Żgħira), toħroġ ukoll ***Il-Ponta ta' Bengħisa***, waħda mit-truf ewlenin tal-gżira. Din il-ponta tibqa' ħierġa 'l barra għal tul ġmielu minn taħt wiċċ l-ilma u tifforma ***Is-Sikka ta' Bengħisa***, jew sempliċement ***Is-Sikka***. It-tul sħiħ ta' din is-sikka jidher sew f'xi maltempata qawwija, peress li l-mewġ jibda jitkisser magħha saħansitra madwar żewġ mili 'l bogħod mill-art. Fil-baħar fond mal-ġenb tas-sikka, għad hemm il-ġewnaħ ta' ajruplan li kien twaqqa' fil-gwerra. Kemmxejn lejn il-lbiċ tal-Ponta ta' Bengħisa jinsabu ***Il-Barriera*** u ***Il-Ħofra tal-Melħ*** (jew ***Il-Mellieħa)***, it-tnejn isimhom magħhom bħalma jixhdu l-irqajja' ta' blat maqtugħ u l-fdalijiet ta' salini qodma li għad hemm max-xatt.

Jekk tibqa' ddur mar-Ras, tasal għal ***Wied ix-Xaqqa*** (jew ***Il-Kanal ta' Wied ix-Xaqqa***, inkella ***Il-Qala ta' Wied ix-Xaqqa***), qala tawwalija u dejqa li mad-daqqa t'għajn tagħti ftit lemħa lil Wied iż-Żurrieq għajr għall-iżvilupp industrijali ikrah ta' madwarha. Isimha llum jitlissen bħala "xoqqa" iżda kitbiet qodma donnhom juri li l-isem oriġinali aktarx kien "xaqqa". Kif jixhed l-isem stess, din id-daħla mhix għajr il-bokka ta' wied mgħarraq kważi għal kollox taħt il-baħar; il-kumplament tal-wied intradam taħt kwantità kbira ta' naqal u ħamrija li kien ġarr huwa stess, li difnuh għal kollox tant li ma baqax jidher. Dan il-materjal naturali, jew aħjar Depożiti Kwaternarji, maż-żmien spiċċa iffossillizzat u llum jidher mill-baħar bħala feles għoli ta' blat artab ħamrani maqrus bejn iż-żewġ ġnub tal-wied, sewwasew fuq ir-ramla ċkejkna li hemm fil-parti l-




## Mappa 1: Marsaxlokk u Delimara

1. **Il-linja l-fina bejn Ras it-Triq u Ras iċ-Ċagħak tagħti ħjiel ta' kif kien ix-xatt qabel ma sar l-impjant ta' l-elettriku.**
2. **Il-linji l-ħoxnin isegwu l-widien.**

# It-Toponomastika ta' Malta: Il-Port ta' Marsaxlokk u madwaru
*Werrej għall-Mapep*

## Mappa 1: Marsaxlokk u Delimara

1. Il-Port ta' Marsaxlokk
2. Marsaxlokk
3. Id-Daħla ta' Marsaxlokk / Id-Daħla ta' Sant' Andrija
4. L-Għajn ta' Sant'Andrija
5. Ix-Xatt
6. Il-Magħluq
7. Il-Magħluq tal-Qasab
8. Il-Belliegħa
9. Ir-Ras
10. Il-Kanal
11. Ir-Ramla ta' Marsaxlokk
12. It-Torri tal-Kaċċatur
13. Il-Wilġa
14. Il-Ballut
15. It-Torri Vendome / It-Torri tal-Pont
16. Il-Kavallerizza
17. Il-Barumbara ta' Lambert
18. Il-Ponta tal-Qrajten
19. Il-Fossa
20. L-Għar l-Aħmar
21. Il-Ponta tal-Marbat
22. Ir-Ras
23. Il-Marnisi
24. It-Torri ta' San Luċjan
25. Il-Fortizza ta' San Luċjan
26. Il-Ponta l-Kbira
27. Il-Ħaġra / Il-Blata
28. Tad-Debbra
29. Tas-Silġ
30. Il-Palazz ta' Testaferrata
31. Ta' Bir Rikka / Ta' Berikka
32. Bir Rikka
33. San Niklaw
34. Ħal Ġinwi
35. Tal-Wiċċ
36. Ta' Ħal Ġinwi
37. Il-Wied ta' Ħal Ġinwi
38. Ras il-Wied
39. Santu Kristu
40. Il-Palazz ta' San Duminku / Il-Palazz tal-Marnisi
41. L-Imsewweb
42. Ras it-Triq
43. Il-Wilġa
63. Taħt l-Irdum
64. Ix-Xatt tal-Ponta / Ix-Xatt tat-Taraġ
65. Il-Ponta ta' Delimara / Ras Delimara
66. Għall-Bokka
67. Sukba
68. It-Torri / It-Torri ta' Delimara
69. Xifer l-Infern
70. Bejn it-Taqtiegħa u l-Art
71. It-Taqtiegħa ta' Delimara / It-Taqtiegħa ta' Marsaxlokk / It-Taqtiegħa
72. It-Taqtiegħa l-Imgħarrqa
73. Tal-Qassisin
74. Il-Ponta ta' Rafel
75. Il-Kalanka tal-Gidien/ Daħlet il-Gidien/ Il-Kalanka ta' Glawdin
76. Il-Ponta tal-Gidien
77. Il-Kalanka t-Tawwalija / Il-Qala t-Tawwalija / Il-Qala t-Twila
78. Il-Ponta tat-Tawwalija
79. Ix-Xatt tat-Tumbrell
80. Għar Bella
81. Rdum l-Ibjar (?)
82. Ix-Xagħra
83. Il-Kalanka l-Fonda
84. Il-Ponta tat-Tumbrell / Ras it-Tumbrell
85. It-Tumbrell
86. Il-Kalanka tat-Tumbrell
87. Il-Kalanka tal-Qâli
88. Il-Kali / Il-Qâli
89. Ras il-Qâli
90. Il-Ħofra ż-Żgħira / Il-Ħofra
91. Tal-Basal
92. Il-Morra
93. Ras il-Fenek / Ras il-Għarbija
94. It-Toqba
95. Il-Ħofra l-Kbira
96. Il-Ħofriet / L-Iħfar / L-Eħfar
97. Il-Fortizza tal-Basal
98. Il-Fortizza tas-Silġ
99. It-Telgħa ta' l-Imqass
100. Il-Fortizza taż-Żebbuġ
101. Taż-Żebbuġ
102. Wied il-Ħofra (?)
103. L-Eħfar
104. Il-Wied ta' San Pawl
105. It-Torri ta' Bettina u l-kappella ta' San Pawl)

**Il-werrej ikompli f'paġna 32**

ġewwenija tal-qala. F'dawn id-depożiti kien instab ukoll xi għadam ta' annimali li llum m'għadhomx jeżistu, l-istess bħalma kien seħħ f'Għar Dalam. Meta ftit 'il bogħod (hekk kif taqsam it-triq wiesgħa li tagħti għal ħdejn it-tankijiet tal-port) tqatta' l-blat bħala parti mill-iżvilupp tal-port, parti mill-wied li kienet mgħottija sfat imħanxra min-nofs u issa tidher f'għamla ta' "V" fil-faċċata tal-blat bħala roqgħa ħamranija ingastata fil-blat aktar ċar ta' madwarha. Din il-ħsara bla bżonn aktarx setgħet tkun evitata permezz ta' sondaġġi tekniċi xierqa u naqra aktar galbu fix-xogħlijiet. Fil-baħar quddiem id-daħla ta' Wied ix-Xaqqa, hemm ukoll medda ta' baħar baxx bl-istess isem (***Is-Sikka ta' Wied ix-Xaqqa***); il-qiegħ aktar fond li jifridha mis-Sikka ta' Benghisa jgħidulu ***Bejn il-Qsura***. L-artijiet għoljin lejn il-punent ta' Wied ix-Xaqqa isibuhom bħala ***Ix-Xoqqiet*** (fl-1995 hawnhekk infetħet barriera kbira) u ***L-Inwadar*** (plural ta' "nadur", li diġà fissirnih).

Wara ***Il-Ponta tal-Wied*** (jew sempliċement ***Il-Ponta***) li tinsab fil-bokka ta' Wied ix-Xoqqa, jibda sies baxx li mbagħad jibqa' jogħla bil-mod lejn il-punent. Minn hawn tibda x-xaqliba l-għolja tal-gżira ta' Malta, li tibqa' sejra sa Fomm ir-Riħ u li bħalma rajna f'wieħed mill-artikli ta' qabel tissejjaħ ***Wara Malta*** jew ***Mal-Ġebel***. Sewwasew malli taqbeż il-Ponta, tara quddiemek ***L-Ilsien*** (blata tawwalija maħruġa 'l barra għal fuq il-baħar), li tista' tintlaħaq ukoll billi tixxabbat 'l isfel ma' faċċata blat kemmxejn għolja li tinsab biswitha (***Iż-Żurżieqa***, hekk imsejħa minħabba l-għamla lixxa u mżerżqa tagħha). Ftit 'il fuq mil-livell tal-baħar fid-daħla ċkejkna li hemm maqrusa bejn il-Ponta u L-Ilsien, tiftaħ il-bokka ewlenija ta' ***Għar Ġamri***, għar tassew twil (aktar minn 90 metru) u b'ħames bokok li madankollu bilkemm jidher minn barra tant kemm hu dejjaq. Dan l-għar jinfed minn wara L-Ilsien u ż-Żurżieqa, sa ma jerga' jixref f'nofs sies għoli li jittawwal għal fuq daħla wiesgħa fil-baħar, fejn insibu wkoll għar kbir: ***Għar Kilwa*** (hemm min igħidlu wkoll ***Għar Kidwa***, filwaqt li fil-mapep jintwera bħala ***Għar Qirduwa***). Hawn tispikka d-differenza qawwija bejn iż-żewġ għerien: filwaqt li Għar Kilwa tnaqqax bil-qilla tal-mewġ, Għar Ġamri (tawwali, dejjaq u ikkumplikat) huwa frott ta' l-erożjoni mill-ilma ħelu, minkejja li jinsab mal-baħar. Tabilħaqq, hawn insibu l-bidu ta' sensiela liema bħalha ta' għerien (taż-żewġ tipi) li tibqa' sejra matul ix-xtut kollha ta' bejn Wied ix-Xoqqa u Wied Żnuber (f'Ħal Far). Taħt is-sies mat-tarf l-ieħor tad-daħla ta' Għar Kilwa, u tittawwal għal fuq id-daħla, tinsab ħnejja naturali ħelwa (***Il-Ħofra***); flimkien mat-tondjatura ta' parti mis-sies, din tidher li hija l-fdal ta' għar ieħor (illum mikul u mġarraf mill-elementi) li kien hawn fl-imgħoddi. Mal-ġenb tal-ħnejja hemm minżel magħmul minn xi skaluni fil-blat, mnejn tista' tixxabbat 'l isfel lejn ***L-Artal*** (ponta żgħira li tlaqqmet hekk minħabba l-għamla ċatta tagħha) u minn hemm imbagħad tista' tinżel sal-baħar. Hemm ukoll għar żgħir fil-baħar nofs triq bejn L-Artal u ***Għar in-Ngħaġ***. Dan ta' l-aħħar huwa għar wiesa' iżda mhux fond wisq; minn surtu jidher li tħaffer bl-effett tal-mewġ, għalkemm hawnhekk l-art intrefgħet u llum l-għar jinsab f'nofs is-sies, fuq xkaffa ta' blat żonqri madwar żewġ sulari 'l fuq mill-ilma. Sewwasew fuq Għar in-Ngħaġ, taħt faċċata blat tal-franka, hemm wesgħa żgħira oħra b'żewġ għerien li bilkemm tinduna bihom (***It-Toqbiet***); wieħed minnhom huwa tassew ċkejken iżda l-ieħor jibqa' dieħel daqs 35 metru u minn ġewwa jixbaħ mhux ftit lil Għar Ħasan. Fil-qrib, sewwasew ħdejn ***It-Trunċiera*** (binja militari ta' Żmien l-Ingliżi, qrib is-sies), hemm ukoll it-tielet "toqba" ta' l-istess għamla. Huwa għar baxx ħafna, qisu katusa, u biex tidħol fih trid titmiegħek mhux ftit. Wara t-Trunċiera, is-sies jerġa' jogħla sa ma jilħaq ***Il-Fortizza ta' Benghisa***; f'nofs triq hemm ***L-Imnejżliet*** (plural diminuttiv ta' minżel) fejn minkejja li l-blat isir dejjem aktar skabruż, xi sajjieda ġieli jixxabbtu bil-ħbula għal isfel. Il-fortizza nnifisha nbniet fil-quċċata mill-Ingliżi bejn l-1910 u l-1912. Taħtha jinsabu tliet għerien imdaqqsin fil-baħar, fosthom ***Għar Bottijiet*** li mid-dehra ħa ismu minn ruxxmata mbarazz li kien intrema għal isfel fl-imgħoddi.

Il-parti tas-sies mat-tarf l-ieħor tal-fortizza tissejjaħ ***Tal-Mara***, u sporġut 'il barra minnha jispikka plier naturali daqsiex (***Il-Mara***) li jħabbatha mas-sies innifsu bħala għoli. Interessanti li ħafna Żrieraq dawn l-ismijiet ilissnuhom b'aċċent imkarkar ("mâra"), u għaldaqstant dwar it-tifsira tagħhom hemm aktar minn fehma waħda. L-aktar verżjoni popolari hija li l-pilastru minn fuq il-baħar jidher qisu mara bit-tarbija f'ħoġorha, għax fil-fatt għandu żewġ qċaċet waħda aktar għolja mill-oħra. Iżda hemm min isostni li t-tkarkira fl-isem tindika li l-kelma propjament hija "magħara", jiġifieri post mimli għerien. Li hu żgur huwa li din il-blata kbira tidher tiddomina l-inħawi ta' madwarha, u minn mal-baħar tidher sew mill-bogħod. Tassew ħasra li s-sbuħija unika ta' dan il-monument naturali tgħarrqet għal kollox meta fl-artijiet għoljin ta' fuqu (imsejħin ***L-Għanslija***, isem li jindika art moxa fejn jikber kotran il-basal tal-għansal) infetħet barriera kbira li ħalliet tiċrita tassew kerha fil-faċċata ta' l-irdum. U xi snin wara li l-barriera ngħalqet, bdiet tintuża bħala miżbla għall-irmied tal-faħam li kien jinħaraq fil-*power station*. Il-barriera nnifisha jsibuha bħala ***Il-Barriera ta' Karlu***, isem li narawh ukoll marbut ma' minżel dejjaq maqtugħ fil-blat (***It-Taraġ ta' Karlu***) li minn xifer il-barriera jinżel mas-sies sal-baħar biswit Il-Mara. Taħt l-istess barriera hemm ukoll taraġ ieħor moħbi, maqtugħ fil-qiegħ ta' għar naturali (***Il-Mina ta' Karlu***) li jinfed minn ġo fetħa dejqa mal-ġenb tal-minżel li semmejna għal fuq daħla fil-baħar ftit passi 'l bogħod. Jingħad li dawn ż-żewġ inżul inqatgħu daqs mitt sena ilu, forsi għall-kuntrabandu.

Jekk minn xfar il-barriera tħares lejn il-punent, ma tistax ma tilmaħx il-bokka tonda ta' ***Għar Tentuxa***, li tixref fil-għoli qisha gallarija f'nofs l-irdum; dan l-għar b'żewġt iħluq trid tixxabbat biex tilħqu. Hemm ukoll għar ieħor iżgħar (ukoll frott l-effett ta' l-ilma li jnixxi taħt l-art) ftit aktar 'il bogħod f'***Ix-Xaqlib***, medda art imżerżqa qisha niżla wieqfa li tispiċċa f'pizz ċatt li jittawwal għal fuq xifer l-irdum. Mixja qasira tieħdok lejn ***Wied il-Mixta***, wied żgħir iżda fond li jibda minn taħt l-artijiet ***Tar-Ranżija***, ***Iċ-Ċens ta' Wied il-Mixta*** u ***Il-Wilġa*** (qrib ir-raħal ta' Benghisa) u jaqta' fil-blat sa ma jasal sa inqas minn sular mil-livell tal-baħar; hawnhekk iferra' ilmijietu minn fuq ħoġor dejjaq u maħruġ 'il barra (***Il-Ħalq***) li jixbaħ ftit lil żennuna ta' buqar. Fil-viċin jinsabu wkoll tliet posti tas-sajd: ***Taħt il-Pizz***, ***Post il-Qampiena*** u ***Il-Ponta***. Ġol-wied innifsu hemm ukoll ***Għar it-Tafal***, jew ***L-Għar ta' Wied il-Mixta***, li kien jintuża bħala abitazzjoni fi

żmien il-gwerra u (skond xi sorsi) anke fi żmenijiet preistoriċi, u sewwasew bi drittu fuq in-naħa l-oħra tal-wied jinsab ***Għar ir-Riħ*** jew ***L-Għar ta' Bieb ir-Riħ***. Dan ta' l-aħħar tidħol għalih minn bokka żgħira moħbija wara blata, u ħa ismu minħabba ż-żiffa li kważi dejjem tonfoħ ġo fih; huwa mina naturali twila u mill-isbaħ li tieħdok lura lejn l-inħawi tax-Xaqlib, fejn tinfed l-irdum u tiftaħ bokka oħra dejqa m'ogħla tliet sulari li suritha tixbaħ lil toqba ta' muftieħ. Dan huwa l-aqwa eżempju tat-tip tiegħu fil-Gżejjer Maltin; tnissel bl-istess mod bħal Għar Ħasan (magħruf teknikament bħala *phreatic tube*), iżda mbagħad meta l-livell ta' l-ilma tal-pjan niżel, hawnhekk l-ilma kompla jaqta' aktar fil-fond sabiex ħoloq il-forma li naraw illum u li fl-istudju tal-ġeoloġija jsibuha bħala *vadose canyon*. Eżatt taħt Għar ir-Riħ hemm ukoll żewġ għerien imdaqqsin fil-baħar, filwaqt li man-naħa l-oħra tal-Ħalq (daqs metru 'l fuq mill-baħar) hemm żewġ għerien li jinfdu ma' xulxin. Minn hawn 'il quddiem jibda s-sies għoli ta' ***Blat is-Siġra***, isem aktarx marbut ma' siġra xiħa tat-tin li tikber imdendla mal-faċċata tiegħu. F'dawn l-aħħar snin, minn dan is-sies żonqri iżda mixquq tqaċċtu bosta tirxien u waqgħu għal isfel fil-baħar, li għaldaqstant huwa pjuttost baxx u ħa l-isem ta' ***L-Iskolli***. Mill-istess tqaċċit ta' blat ħelsuha bi żbrixx tliet għerien (tnejn minnhom mid-dehra ġieli jsejħulhom ***Għar il-Gawwi*** u ***L-Għar tat-Tavla***) li jittawlu mill-għoli taħt xifer imbewwaq fl-irdum tant li trid tiddendel fil-vojt biex tasal għalihom; għalkemm dawn iż-żewġ għerien partikolari qatt ma kelli l-okkażjoni li nidħol fihom (rajthom biss mill-baħar), min daħal assigurani li t-tixbita għalihom hija esperjenza tal-biża'.

Aktar 'il bogħod, dejjem fil-għoli, hemm ukoll ***Għar Imqabad***, ismu miegħu għax hemm xi skaluni maqtugħin fil-blat li jgħinuk meta tixxabbat għalih. Minn ġewwa, dan l-għar tistħajlu sala kbira u tonda u mhux fond wisq, iżda għandu bokka tabilħaqq kbira li jekk taraha minn fuq il-baħar tiżboq sew lit-tliet bokok ta' ***Għar Ħasan*** li jidhru qribu. Għar Ħasan huwa għar twil u fond, b'bosta frieghi ilkoll minquxin f'forom sbieħ mill-ilma li jiskula; fil-parti l-aktar ġewwenija jgħix ukoll għadd ġmielu ta' friefet il-lejl, filwaqt li mat-tarf nett maġenb it-tielet bokka hemm kamra qadima maqtugħa fil-blat, li tissejjaħ ***Il-Kamra tad-Daqqâq***. Skond it-tradizzjoni popolari, isem l-għar huwa marbut mal-leġġenda ta' Ħasan, Għarbi li kien baqa' jgħix fih wara t-tluq ta' l-Għarab minn Malta u li temm ħajtu hawn stess billi qabeż għal isfel biex jaħrab mill-Maltin mgħaddbin li kienu qed ifittxu lilu u lit-tfajla li kien ħataf minn Benġħisa. Iżda aktarx li l-leġġenda hija biss ħlieqa, u li l-isem huwa ferm eqdem. Ta' min jgħid ukoll li meta n-nies ta' l-inħawi jitkellmu dwar dan l-għar ilissnu l-isem bħala Għar Ħàsan (bl-aċċent fil-bidu) u mhux Ħasân. Sewwasew qrib il-bidu ta' l-passaġġ li semmejna, iżda moħbi sew, jinsab ukoll ***Għar il-Fniek***, għar ċkejken iżda kenni li aktarx ħa ismu mill-bejtiet tal-fniek salvaġġi li kultant issib fl-inħawi. Hawn ta' min jinnota x'konċentrazzjoni ta' għerien naturali imħaffrin mill-ilma ħelu tinsab f'dawn l-inħawi: Għar Ġamri, Il-Ħofra, It-Toqbiet, Il-Mina ta' Karlu, Għar Tentuxa, Għar ir-Riħ, Għar it-Tafal, Għar il-Gawwi, L-Għar tat-Tavla, Għar Imqabad, Għar Ħasan, Għar il-Fniek, u l-bosta toqob li jidhru taħt Il-Fortizza ta' Benġħisa u li mhumiex għajr għerien oħra ta' l-istess għamla iżda dojoq wisq biex tidħol fihom. Għalkemm għerien oħra bħal dawn jeżistu wkoll f'postijiet oħra (ngħidu aħna, fl-inħawi ta' l-Imtaħleb, Il-Girgenti, u x-Xagħra f'Għawdex), imkien fil-Gżejjer Maltin ma ssib kwantità daqshekk kbira miġbura f'post wieħed. Iżda fost l-għerien kollha li semmejna, Għar Ħasan biss huwa magħruf sew fost il-Maltin u bla dubju, dan in-nuqqas ta' għarfien ma tantx għen biex dawn l-inħawi u l-wirt naturali uniku li joffru jkunu apprezzati daqs kemm ħaqqhom, ħaġa li tinħass sew meta tara l-istat qawwi ta' telqa ta' ċerti bnadi u l-ħafna ħsarat kbar li tħallew isiru fl-aħħar erbgħin sena mad-dawra kollha ta' Benġħisa.

Taħt Għar Ħasan u Għar il-Fniek hemm ukoll żewġ għerien kbar fil-baħar. Imbagħad, is-sies joħroġ aktar 'il barra għal fuq il-baħar bħala ras għolja li l-baħħara jsibuha bħala ***Il-Kap iż-Żgħir*** (Il-Kap il-Kbir jinsab aktar lejn iż-Żurrieq) jew ***Il-Blata ta' Għar Ħasan***. Minnha 'l quddiem, is-sies innifsu jibdel ismu u jsir Blat il-Far jew, kif isejħulu aktar spiss, ***Blaqt il-Far***. Minn taħtu toħroġ xkaffa blat ċatta u baxxa mal-baħar li jgħidulha ***Is-Sidra***, filwaqt li l-art għolja ta' fuqu (illum żviluppata bħala qasam industrijali kbir, sewwasew fejn fil-bidu tas-Seklu XX kien inbena l-ewwel ajruport ta' Malta) tissejjaħ ***Iċ-Ċnus***. Issa ħriġna għal kollox minn Benġħisa u qegħdin ***Ħal Far***. Fil-qrib hemm ukoll ***L-Artal***, jew ***Ras l-Artal***, ismu miegħu għax maħruġ 'il barra mill-parti l-għolja tas-sies għal fuq il-baħar iżda maqtugħ minn taħt; maġenbu hemm għar ieħor kbir fil-baħar. Biex ma nitbiegħdux iżżejjed mill-Port ta' Marsaxlokk, naslu biss sa ***Wied Żnuber***, wied fond u mimli siġar li jaqsam iz-zona industrijali fi tnejn u li minn ħdejn ***Il-Ġebla Msaqqfa*** (dolmen preistoriku) jibqa' nieżel sal-baħar fejn jifforma daħla wiesgħa bejn żewġt irjus għoljin: ***Ix-Xifer ta' Fuq*** u ***Ix-Xifer t'Isfel***. Jingħad li isem il-wied ġej mis-siġar taż-żnuber li kienu jikbru hawn fl-istat salvaġġ sa ma nqerdu għal kollox fis-seklu XX minħabba sfruttar bla rażan tar-riżorsi ambjentali. Billi mill-bokka tal-wied setgħet isseħħ invażjoni mill-baħar, fi Żmien l-Ingliżi nbniet trunċiera li taqsam il-wied; tixbaħ ħafna lill-*Victoria Lines* (iżda iqsar) u tinżel għaliha minn ħdejn ix-Xifer t'Isfel, sewasew minn ***Minżel Spar***, b'taraġ maqtugħ fil-blat. Aktarx li bħala parti mill-istess proġett militari twaqqa' ***It-Torri ta' Wied Żnuber***, torri medjevali privat li kien jinsab mal-ġenb tal-wied.

## *Delimara*

L-aħħar taqsima ta' dan l-artiklu teħodna lura lejn il-ġenb l-ieħor tal-Port ta' Marsaxlokk, jew aħjar lejn il-ħarrieġa twila ta' art dejqa magħrufa bħala ***Delimara***, li tkennu mil-lvant u l-grigal. Din hija l-akbar peniżola fil-Gżejjer Maltin wara l-Aħrax tal-Mellieħa. Dwar kif tnissel isimha, hemm kemmxejn ta' kontroversja, tant li bosta verżjonijiet bħal "dejr il-mara", "dejr l-imnara", "dar Limara" u "dejr l-għamara" ġieli ssemmew minn kittieba diversi. L-art ta' Delimara tista' tgħid li tibda' minn fejn jispiċċaw Tas-Silġ u Il-Magħluq, sewwasew f'***Ras it-Triq***, mnejn tibda trejqa wieqfa li titla' minn bejn il-ħitan tas-sejjiegħ u l-għelieqi mtarrġin ta' L-Imsewweb u ***Il-Wilġa*** sa ma tilħaq il-quċċata għolja magħrufa bħala ***Il-Ħotba tal-Bies*** (jew sempliċement ***Il-Bies***, jew ***Tal-Bies***). Taħt din il-ħotba għadhom jeżistu sa llum il-fdalijiet ta' trunċiera mibnija fis-Seklu XVIII, illum imlaqqma skond l-ismijiet tal-post: ***It-***

***Trunċiera tal-Wilġa*** jew ***It-Trunċiera ta' Għajn Rajmond***. Dan l-isem jixhed li n-nixxiegħa ta' ***Għajn Rajmond*** kienet tinsab x'imkien fil-qrib, iżda qatt ma sibtha. Bi dritt Ras it-Triq kienet tibda xtajta twila u ċagħqija bil-baħar dejjem baxx ferm, iżda bil-blat ta' max-xatt dejjem jogħla lejn ix-xlokk, minn ***Taħt it-Trunċiera*** u ***Il-Fundar*** sa ***Rdum il-Bies*** li mbagħad jerġa' jitbaxxa xi ftit u jibdel ismu għal ***L-Ingernier***. Taħt l-irdum innifsu, ix-xtajta kienet tibqa' dejjem baxxa u cagħqija, sa ma fl-aħħar kienet tisporġi ***Ras iċ-Ċagħak***, ilsien tond ta' art magħmul minn ċagħak u ġebel tafli, b'għadira salmastra f'nofsu li kienet magħrufa għall-valur ekoloġiku tagħha. L-art baxxa maqrusa bejn l-irdum u Ras iċ-Ċagħak kienu jgħidulha ***Ta' Simmara***, aktarx għax-xtieli tas-simar li kienu jikbru madwar l-għadira. B'xorti ħażina, dawn l-inħawi llum bilkemm għadhom jintgħarfu, u sbuħithom tħassret għal kollox meta lejn l-aħħar tas-snin '80 l-irdum iċċarrat qisu barriera biex taħtu sar l-impjant kbir ta' l-elettriku, u x-xatt ta' bejnu u l-Magħluq intradam biex minn fuqu għaddiet triq ġdida li twassal lejn l-istess impjant. Ras iċ-Ċagħak ukoll inqerdet u flokha llum tara munzell kbir ta' terrapien, frott it-qtugħ tal-blat minn Irdum il-Bies.

Jekk tibqa' miexi max-xatt, tasal lejn ***Is-Sarċi*** (skond il-mapep, ***Is-Serċ***), rokna mkenna mal-baħar taħt wied żgħir iżda bi qlib qawwi (***Wied is-Sarċi***) li jiżbokka fiha wara li jinżel minn taħt ***Il-Fortizza ta' Delimara***. Din il-fortizza kbira, li nbniet fl-1878, kienet tiddomina d-daħla tal-port bil-kanuni tagħha jħarsu mill-għoli. Il-kanuni kienu nġarru bil-baħar lejn Is-Sarċi u nġibdu 'l fuq matul il-binarji weqfin tal-ħadid li għadhom jidhru sal-llum fil-post imsejjaħ ***Tal-Kanuni***. Eżatt taħtu, ix-xatt bejn is-Sarċi u r-ras għolja fejn inbniet il-fortizza isejħulu ***Tal-Aċċoli***, filwaqt li l-blat imqaċċat li jdawwar ir-ras innifisha igħidulu ***L-Iskolji***. Ftit aktar 'il bogħod, fil-għoli titfaċċa mina (b'taraġ ġo fiha) li tinżel minn ġol-fortizza u tiftaħ f'nofs l-irdum ta' ***Taħt il-Fortizza***, li minn hawn 'il quddiem jaqta' dritt għal ġol-baħar. Imbagħad l-irdum jibdel ismu għal ***Taħt il-Fanal*** jew ***Taħt l-Anterna***, peress li fix-xifer tiegħu jinsab ***Il-Fanal ta' Delimara*** (jew ***L-Anterna***), mibni fis-Seklu XIX sabiex jgħin lill-baħħara. Ftit aktar 'il barra, minn ***Taħt l-Irdum*** tixref xkaffa żgħira ta' blat baxx mal-baħar, li ma tintlaħaqx mill-art. Imbagħad, hekk kif l-irdum jitbaxxa kemmxejn, hemm oħra akbar minnha u miżgħuda bis-salini tal-melħ, li toħroġ sat-tarf nett tal-peniżola u tintlaħaq b'taraġ li jinżel biss sa nofs l-għoli tal-blat, tant li jinħtieġ sellum. Isimha magħha (***Ix-Xatt tal-Ponta*** jew ***Ix-Xatt tat-Taraġ***), u sewwasew f'tarfha tinsab ***Il-Ponta ta' Delimara***, jew ***Ras Delimara***. Hawnhekk jintemm il-Port ta' Marsaxlokk, u l-plajja tikser ħesrem lejn il-baħar miftuħ. Il-fetħa wiesgħa tal-port, li tħares lejn ix-xlokk minn bejn Il-Ponta ta' Delimara u Il-Ponta ta' Bengħisa, isibuha ***Għall-Bokka***.

Malli ddur ma' Ras Delimara, hemm plajja esposta (parti mill-istess Xatt tal-Ponta) msejħa ***Sukba***, isem kemmxejn stramb li ma stajtx insib irkaptu dwar x'ifisser jew mnejn tnissel. Imbagħad, fejn l-irdum jerġa' jaqta' dritt għal ġol-baħar, jinsab ***Xifer l-Infern***. Hawnhekk tassew li tħossok f'post imwarrab mat-tarf tal-gżira, u l-effett jinħass aktar jekk tersaq 'l hawn f'temp qalil. L-art għolja u għerja li tħares fuq dan ix-xifer għadha mlaqqma ***It-Torri***, peress li dari hawn kien jinsab ***It-Torri ta' Delimara***, wieħed mit-tlettax-il torri li kien bena l-Gran Mastru De Redin fl-1658-59, li mbagħad kien inħatt fi Żmien l-Ingliżi peress li kien qed itellef il-vista mill-fortizza. Fl-inħawi aktarx li għad baqa' xi fdalijiet minnu, kif ukoll il-pedamenti ta' trunċiera oħra ta' Żmien il-Kavallieri ftit 'il bogħod. Bi dritt Xifer l-Infern, hemm skoll kbir maqtugħ għalih u mdawwar bil-baħar. Jissejjaħ ***It-Taqtiegħa ta' Delimara***, ***It-Taqtiegħa ta' Marsaxlokk***, jew ***It-Taqtiegħa*** biss, u aktar 'il barra minnu hemm ukoll sikka mdaqqsa taħt wiċċ il-baħar li jgħidulha ***It-Taqtiegħa l-Imgħarrqa***. Jidher li din kellha x'taqsam ma' l-għarqa ta' vapur tal-merkanzija li kien qed jipprova jidħol fil-Port ta' Marsaxlokk waqt maltempata; il-fdal tiegħu għadu jinsab f'qiegħ il-baħar maġenb iż-żewġ taqtigħat. Il-fliegu dejjaq li jifred it-Taqtiegħa minn Malta jafuh bħala ***Bejn it-Taqtiegħa u l-Art*** u jintlaħaq billi tixxabbat 'l isfel ma' l-imqabad li hemm maqtugħin fl-irdum ta' Xifer l-Infern, iżda biex taqsam il-fliegu bl-għawm irid ikun baħar bnazzi żejt u trid toqgħod attent ferm għad-dgħajjes li ġieli joħorġu sparati mill-port u jiġbdu għad-dritt minn ġol-fliegu. Biswit Xifer l-Infern, iċ-ċarċir ta' l-ilma tax-xita ma' l-irdum ħalla sensiela ta' faxex suwed li b'naqra immaġinazzjoni mill-bogħod taħsibhom qassisin bis-suttana; minn hawn ħareġ l-isem tal-post: ***Tal-Qassisin***. Imbagħad l-irdum jinżel għall-baxx qisu żurżieqa, sa ma jiġi għal xejn għal xejn fil-***Ponta ta' Rafel***; din il-ponta tingħaraf mhux biss mis-salini li fiha iżda wkoll mill-għadd ġmielu ta' sajjieda bil-qasba li jfittxuha.

Minn hawn 'il quddiem jitfaċċaw veduti mill-isbaħ, imżewqin b'sensiela ta' daħliet pittoreski, irjus ta' art bil-blat immejjel mill-punent għal-lvant, u xkafef u pizzijiet li jisporġu matul is-saffi tal-blat li mhux kollha jittieklu indaqs mill-elementi. Ta' min jgħid ukoll li hawnhekk u fix-Xgħajra d-daħliet għadhom jissejħu kalanki, isem ġej mill-kelma Taljana *calanca* li tfisser qala żgħira u aktarx dejqa. L-ewwel daħla, maqrusa bejn il-Ponta ta' Rafel u ***Il-Ponta tal-Gidien***, hija ***Il-Kalanka tal-Gidien*** jew ***Daħlet il-Gidien***. L-editur ta' din ir-rivista darba kienu semmewhielu bħala ***Il-Kalanka ta' Glawdin***, aktarx taħsira ta' l-istess isem. Wara s-salini tal-melħ fil-Ponta tal-Gidien, tiftaħ l-akbar waħda fost il-kalanki u l-aktar imfittxija mill-għawwiema: ***Il-Kalanka t-Tawwalija*** (isimha magħha), kultant imsejħa wkoll ***Il-Qala t-Tawwalija*** jew ***Il-Qala t-Twila***. Għandha l-qiegħ ramli li jagħti lewn iżraq sabiħ lill-baħar u fiha wkoll żewġ għerien żgħar, wieħed f'ras il-bajja u wieħed mal-ġenb tat-tramuntana, int u sejjer lejn ***Il-Ponta tat-Tawwalija***. Wara din il-ponta hemm ***Ix-Xatt tat-Tumbrell***, plajja miftuħa lejn il-lvant taħt sies baxx li jifridha mill-art ogħla (***Ix-Xagħra***) lejn il-punent; f'xaqq ġo dan is-sies jinsab għar ċkejken fuq l-art bl-isem ta' ***Għar Bella***. Is-sies innifsu darba sibtu mniżżel fuq mappa qadima, aktarx bħala ***Rdum l-Ibjar***, għalkemm dwar dan nixtieq insib konferma aħjar. F'tarf Ix-Xatt tat-Tumbrell hemm ***Il-Kalanka l-Fonda***, daħla tassew ċkejkna mdawra bis-salini tal-melħ; ftit hemm xi tgħid dwarha għajr li kull meta tersaq 'l hawn dejjem jilqgħuk il-klieb tal-għassa li bilkemm iħalluk timxi ma' xifer il-baħar minkejja li din aktarx hija art pubblika! Imbagħad hemm ***Il-Ponta tat-Tumbrell***, jew ***Ras it-Tumbrell***, li fuqha għad fadal il-pedamenti ta' trunċiera żgħira (il-

batterija tat-Tumbrell) li kienet inbniet fl-1716 u li damet hemm sa ma twaqqgħet fi Żmien l-Ingliżi. L-art għolja ta' fuqha tissejjaħ ukoll ***It-Tumbrell***. L-istess isem nerġgħu niltaqgħu miegħu fil-kalanka li jmiss: ***Il-Kalanka tat-Tumbrell***. Din hija bajja oħra sabiħa u mwarrba għall-kwiet; għandha żewġ daħliet, waħda minnhom bi ħjiel ta' wied li jaqleb għal ġo fiha. Ftit aktar 'il fuq lejn it-tramuntana tinsab l-aħħar waħda mill-kalanki, ***Il-Kalanka tal-Qâli*** (illum mogħtija wkoll l-isem kummerċjali ta' "Peter's Pool" li maż-żmien ħonoq l-isem oriġinali tal-post). Fl-għamla tagħha, l-ilwien tal-baħar, u l-għar żgħir li għandha fil-parti l-ġewwenija, din id-daħla tassew tixbaħ lil minjatura tal-Kalanka t-Tawwalija. Għandha wkoll wied żgħir li jferra' ġo fiha, iżda qatt ma sibt x'jismu. Wara din il-kalanka, jasal il-qortin għoli magħruf bħala ***Il-Kali*** jew ***Il-Qâli***, isem li donnu marbut ma' tip ta' xitla li tikber ma' l-irdumijiet. Fit-tarf tiegħu (***Ras il-Qâli***) hemm l-aħħar ġemgħa ta' salini tal-melħ, u mbagħad ix-xatt jogħla mill-ġdid u jsir sies għoli li jħares lejn ***Il-Ħofra***, jew aħjar ***Il-Ħofra ż-Żgħira***.

Minkejja isimha, Il-Ħofra ż-Żgħira hija qala kbira, tonda u sabiħa bil-ġnub għoljin mad-dawra kollha, tant li mill-art tintlaħaq biss minn mogħdija dejqa tar-riġel li sserrep 'l isfel mill-ogħla parti tas-sies f'***Tal-Basal***. Il-bokka tagħha hija idjaq mill-kumplment tal-bajja u tinsab maqrusa bejn Ras il-Qali u l-ponta rqiqa u mmejla ta' ***Ras il-Fenek*** (jew ***Ras il-Għarbija***) li tinżel għax-xejn mill-art għolja ta' ***Il-Morra*** u tifridha minn qala oħra akbar minnha (***Il-Ħofra l-Kbira***). Il-Ħofra ż-Żgħira u Il-Ħofra l-Kbira, li flimkien jissejħu ***Il-Ħofriet*** jew ***L-Iħfar*** (inkella ***L-Eħfar***), jinfdu ma' xulxin minn ġo ħnejja naturali (***It-Toqba***) taħt Ras il-Fenek. Għal fuqhom jittawlu tliet fortizzi mibnijin mill-Ingliżi fis-Seklu XIX. ***Il-Fortizza tal-Basal***, uffiċċjalment *Wolsely Battery* iżda mlaqqma "Tal-Basal" l-istess bħall-artijiet ta' madwarha, tħares fuq Ras it-Tumbrell, Il-Qali u l-Ħofra ż-Żgħira. ***Il-Fortizza tas-Silġ***, l-akbar waħda, tħares lejn il-Ħofriet; tintlaħaq billi taqbeż il-knisja tal-Madonna tas-Silġ u tibqa' tiela' mi***t-Telgħa ta' l-Imqass***, fejn it-triq bejn Tas-Silġ u Delimara tofroq fi tnejn. Illum tintuża bħala santwarju ta' l-annimali. ***Il-Fortizza taż-Żebbuġ***, li tħares lejn Xrobb l-Għaġin u l-Munxar, ukoll tlaqqmet skond l-artijiet ta' ħdejha (***Taż-Żebbuġ***); uffiċċjalment kienu semmewha *St. Paul's Battery*, għal kappella ta' *San Pawl* li nbniet fi Żmien il-Kavallieri u li għadha tidher sa llum qrib il-kisra tat-triq li mill-fortizza twassal lejn Xrobb l-Għaġin. Il-kappella hija mkenna taħt ***It-Torri ta' Bettina***, torri privat daqstant ieħor qadim. Taħt il-Fortizza taż-Żebbuġ hemm ukoll żewġ widien qosra iżda bi qlib qawwi, li t-tnejn iferrgħu mill-għoli għal ġol-Ħofra l-Kbira; wied minnhom (man-naħa tal-Morra) semmewhuli bħala ***Wied il-Ħofra***, u l-ieħor (sewwasew taħt il-kappella) bħala ***Il-Wied ta' San Pawl***. L-art għolja ta' bejniethom isibuha bħala ***L-Eħfar***, billi tittawwal għal fuq iż-żewġ qaliet li semmejna.

L-ilsien kbir ta' art immejla li jkennen il-Ħofra l-Kbira min-naħa tal-grigal għandu wieħed mill-aktar ismijiet strambi fit-toponomastika Maltija: ***Xrobb l-Għaġin*** (jew ***Xorb l-Għaġin***, taħsira aktar reċenti). Imkien ma rnexxieli nsib spjegazzjoni konvinċenti dwar dan l-isem: min jgħid li għandu x'jaqsam mal-kunjom Xuereb, min jagħmilha fatta li hawn kienu jinġemgħu l-pellegrini (ħaġġin) biex iżuru t-tempju preistoriku li l-fdal tiegħu kien għadu jidher sal-bidu tas-Seklu XX, min jgħid li fil-maltemp il-blat tafli jdardar il-baħar li b'hekk ikun qisu ilma wara li jitgħalla l-għaġin...insomma lkoll donnhom tifsiriet imqanżħin u mġebbdin! Sa madwar ħdax-il sena ilu, hawnhekk kien hawn stazzjon tar-radju Ġermaniż, li kellu miegħu tliet arbli għoljin bosta sulari li kienu jiddominaw (u jkerrhu) l-inħawi; b'xorti tajba, dawn inħattu meta żżarma l-istazzjon. Man-naħa tal-Ħofra l-Kbira, ix-xatt jibda bħala sies kemmxejn għoli li jitbaxxa dejjem aktar lejn ix-xlokk. Daqs nofs triq matulu, hemm bħal ħjiel ta' wied illum kollu miksi bis-siġar (aktarx il-fdal ta' wied akbar li safa mikul u mnaqqar mill-elementi, peress li hawn il-blat huwa tassew artab), u taħtu hemm għar ċkejken fil-baħar b'ċagħqija ġo fih. Imbagħad hemm ***Il-Ponta tal-Ħofra***, ħarrieġa mdaqqsa ta' blat immejjel li tixbaħ lix-xtut tal-kalanki ta' Delimara. Bi drittha, u mifrud minnha bi fliegu qasir, hemm ***It-Taqtiegħa***, skoll imdaqqas li fih tispikka t-timjila qawwija tas-saffi tal-blat. Ġieli jsejħulu wkoll ***It-Taqtiegħa ta' l-Iħfar*** jew ***It-Taqtiegħa ta' Xrobb l-Għaġin*** biex jagħrfuh mit-Taqtiegħa l-oħra li hemm ħdejn Xifer l-Infern; bħal bosta skollijiet oħra, jidher li dan huwa l-fdal ta' ħnejja naturali li maż-żmien ċedhielha s-saqaf. Ftit aktar lejn ix-xlokk tasal sat-tarf wiesa' u baxx ta' Xrobb l-Għaġin, magħruf bħala ***Taħt il-Maqjel*** (għax jinsab taħt ir-riħ tal-parti l-baxxa tax-xagħra ta' Xrobb l-Għaġin, li jsibuha bħala ***Il-Maqjel***). Hawnhekk, ix-xatt jikser qisu kartabun u hemm bosta salini tal-melħ kif ukoll sensiela ta' toqob naturali li minnhom ifawwar il-baħar fil-maltemp peress li taħthom hemm għar twil u dejjaq taħt wiċċ l-ilma li jniffidhom ma' xulxin u mal-baħar miftuħ. Maġenb is-salini hemm ukoll żewġ fortifikazzjonijiet ta' Żmien il-Kavallieri, it-tnejn fi stat ħażin: ***It-Torri ta' Xrobb l-Għaġin*** (ieħor fost it-tlettax-il torri ta' De Redin, illum nofsu mġarraf) u ***It-Trunċiera*** (sur baxx mibni fis-Seklu XVIII li jaqsam il-peniżola minn naħa għall-oħra). Ma' din ta' l-aħħar kienet inbniet ukoll kamra għas-suldati li għadha tidher sal-lum; jista' jkun li l-isem "Il-Maqjel" oriġinarjament kien jirreferi għaliha. Fix-xifer nett, tinsab ***Ras Xrobb l-Għaġin***, fejn ix-xatt jerġa jikser lejn il-majjistral u jibda jogħla mill-ġdid.

Minn taħt dan l-irdum joħorġu żewġ ħarriġiet oħra, li ma jintlaħqux mill-art: ***Il-Ponta ta' Fuq il-Maqjel*** u ***Il-Ponta tal-Grigal***, it-tnejn isimhom magħhom. Bejniethom jiftaħ ***Għar Irsejjen***, fond u bi tliet bokok; għandu wkoll fergħa twila u mudlama għall-aħħar b'ramla ċkejkna fuq ġewwa nett. Man-naħa l-oħra tal-Ponta tal-Grigal (sewwasew fejn jinfed Għar Irsejjen) tispikka daħla mdaqqsa bil-ġnub għoljin u b'għar ieħor iżgħar fuq ġewwa, aktarx il-fdal ta' għar enormi li sfronda maż-żmien. Dawn l-inħawi jsibuhom bħala ***Irsejjen***, aktarx minħabba s-sikka tawwalija (qisha ilsien żgħir, jew "ilsejjen") li tinsab mal-ġenb ta' din id-daħla qrib skoll ċkejken. F'xifer l-irdum li jagħti għal fuq din is-sikka, hemm il-fdalijiet immermrin ta' biċċa mit-tempju preistoriku. Xi dokumenti juru li dan it-tempju kien għadu sħiħ sal-bidu tas-Seklu XX, iżda minn dakinhar 'l hawn tista' tgħid li ġġarraf għal kollox minħabba t-tqaċċit tal-blat li seħħ; il-ftit li fadal ukoll ukoll jidher ikkundannat, għax diġà ffurmaw xi kunsenturi ġodda u fondi fl-art qrib


Mappa 2: Birżebbuġa u Bengħisa
Il-linja l-fina bejn Wied il-Buni u l-Ponta ta' Bengħisa tagħti ħjiel ta' kif kien ix-xatt qabel l-iżvilupp modern tal-port ta' Kalafrana.
132
133
134
140
141
135
136
125
139
145
146
137
142
130
126
138
143
131
144
127
129
128
153
163
148
147
156
152
155
149
154
164
151
150
157
161
162
160
165
158
171
159
166
172
173
167
176
174
178
175
170
177
179
168
180
239
169
184
183
182
181
191
242
225
185
186
187
189
188
195
194
241
226
190
246
238
220
199
196
200
197
208
244
245
214
204
198
193
219
229-230
206
203
243
236
218
216
211
209
201-202
207
205
234
227
←247
240
237
231
228
221
217
215
210
192
235
232-233
222-224
212-213

45. It-Trunċiera tal-Wilġa / It-Trunċiera ta' Għajn Rajmond
46. Għajn Rajmond
47. Taħt it-Trunċiera
48. Il-Fundar
49. Rdum il-Bies
50. L-Ingernier
51. Delimara
52. Ras iċ-Ċagħaq
53. Ta' Simmara
54. Is-Sarċi / Is-Serċ
55. Wied is-Sarċi
56. Tal-Kanuni
57. Il-Fortizza ta' Delimara
58. Tal-Aċċoli
59. L-Iskolji
60. Taħt il-Fortizza
61. Taħt il-Fanal / Taħt l-Anterna
62. Il-Fanal ta' Delimara / L-Anterna
107. Il-Ponta tal-Ħofra
108. It-Taqtiegħa / It-Taqtiegħa ta' l-Iħfar / It-Taqtiegħa ta' Xrobb l-Għaġin
109. Taħt il-Maqjel
110. Il-Maqjel
111. It-Torri ta' Xrobb l-Għaġin
112. It-Trunċiera
113. Ras Xrobb l-Għaġin
114. Il-Ponta ta' Fuq il-Maqjel
115. Għar Irsejjen
116. Il-Ponta tal-Grigal
117. Irsejjen
118. Wara l-Abjad / Taħt l-Abjad
119. L-Irdum l-Abjad / L-Abjad il-Kbir
120. Il-Munxar
121. Il-Ponta tal-Munxar
122. Is-Sikka tal-Munxar
123. Tal-Munxar
124. Ta' Lombardi

## Mappa 2: Birżebbuġa u Bengħisa

125. Il-Fiddien
126. Il-Qajjenza
127. Ta' Ferretti
128. Il-Qala ta' San Ġorġ
129. San Ġorġ
130. It-Telgħa tal-Geru / In-Niżla tal-Geru
131. Ir-Ramla ta' San Ġorġ
132. Wied Dalam / Il-Wied ta' Dalam
133. Il-Wied ta' Qamru
134. Ix-Xerriek
135. Għar Dalam
136. In-Nigret
137. Għar il-Friefet
138. Wied Żembaq / Il-Wied ta' Majru / Wied Pultu
139. Ir-Razzett ta' Pultu
140. Ħas-Sabtan
141. Wied Ħas-Sabtan / Wied Mażeżu
142. Il-Wied ta' Burżinu
143. In-Nadur
144. Borġ in-Nadur
145. Ta' Kaċċatura
146. It-Torri
147. Il-Gżira
148. Birżebbuġa
149. It-Trunċiera tal-Gżira
150. Il-Ponta tan-Ngħaġ / Tan-Ngħaġ
151. Ir-Ramla ta' Birżebbuġa
187. Il-Ponta ta' Bengħisa
188. Is-Sikka ta' Benġħisa / Is-Sikka
189. Il-Barriera
190. Il-Ħofra tal-Melħ / Il-Mellieħa
191. Wied ix-Xoqqa / Il-Kanal ta' Wied ix-Xoqqa / Il-Qala ta' Wied ix-Xoqqa
192. Is-Sikka ta' Wied ix-Xoqqa
193. Bejn il-Qsura
194. Ix-Xoqqiet
195. L-Inwadar
196. Il-Ponta tal-Wied / Il-Ponta
197. L-Ilsien
198. Iż-Żurżieqa
199. Għar Ġamri
200. Għar Kilwa / Għar Kidwa / Għar Qirduwa
201. Il-Ħofra
202. L-Artal
203. Għar in-Ngħaġ
204. It-Toqbiet
205. It-Trunċiera
206. L-Imnejżliet
207. Għar Bottijiet
208. Il-Fortizza ta' Benġħisa
209. Tal-Mara
210. Il-Mara
211. Il-Barriera ta' Karlu
212. It-Taraġ ta' Karlu
213. Il-Mina ta' Karlu

153. Tal-Brolli / Il-Brolli
154. Wied il-Qoton
155. Wied il-Kbir
156. Tal-Qalgħa
157. Ta' B'Xejn
158. Il-Wied ta' Qlima / Il-Wied tal-Klima
159. Ta' Salvun
160. Tal-Ġebel
161. Il-Palazz
162. It-Torri ta' Wied il-Qoton
163. Ta' Wied il-Qoton
164. Ta' Wied il-Kbir
165. Il-Girgħien
166. Tal-Papa
167. Wied il-Buni / Il-Wied tal-Buni
168. Ta' Wied il-Buni
169. Bengħisa
170. Ta' Giligejla
171. Il-Qala ta' Wied il-Buni
172. It-Trunċiera l-Ġewwenija
173. Ta' Mniek
174. Kalafrana
175. Wied Kalafrana / Il-Wied tal-Piti
176. Il-Ħobża
177. L-Aħrieq
178. It-Trunċiera tal-Ħrieq
179. Ix-Xifer / Ras Ġiljan
180. Ta' Balbani
181. Tal-Ħarrub
182. Ta' Miguma
183. Il-Ponta ż-Żgħira
184. Ir-Ras / Ras Bengħisa
185. It-Torri ta' Bengħisa
186. Tas-Sikka
215. Għar Tentuxa
216. Ix-Xaqlib
217. Għar ir-Riħ / L-Għar ta' Bieb ir-Riħ
218. Wied il-Mixta
219. Għar it-Tafal / L-Għar ta' Wied il-Mixta
220. Iċ-Ċens ta' Wied il-Mixta
221. Il-Ħalq
222. Taħt il-Pizz
223. Post il-Qampiena
224. Il-Ponta
225. Il-Wilġa
226. Tar-Ranżija
227. L-Iskolli
228. Blat is-Siġra
229. Għar il-Gawwi
230. L-Għar tat-Tavla
231. Għar Imqabad
232. Għar Ħasan
233. Il-Kamra tad-Daqqâq
234. Għar il-Fniek
235. Il-Kap iż-Żgħir / Il-Blata ta' Għar Ħasan
236. Blaqt il-Far
237. Is-Sidra
238. Iċ-Ċnus
239. Ħal Far
240. L-Artal / Ras l-Artal
241. Wied Żnuber
242. Il-Ġebla Msaqqfa
243. Ix-Xifer t'Isfel
244. Ix-Xifer ta' Fuq
245. Minżel Spar
246. It-Torri ta' Wied Żnuber
247. Wara Malta / Mal-Ġebel

**L-artiklu jkompli fil-paġna li jmiss.**

xifer l-irdum. Mill-Irsejjen 'il ġewwa, il-baħar jibqa' miftuħ iżda l-qiegħ isir baxx u jsejħulu ***Wara l-Abjad*** jew ***Taħt l-Abjad***. Dan peress li hekk kif jintemm l-irdum ta' Xrobb l-Għaġin, il-kosta tikser lejn il-grigal u jibda rdum ieħor daqstant ieħor għoli u magħmul minn blat tal-bajjâd, saħansitra aktar artab. L-irdum innifsu jafuh bħala ***L-Irdum l-Abjad*** jew ***L-Abjad il-Kbir*** (biex jingħaraf minn sies ieħor imsejjaħ l-Abjad iż-Żgħir, jew L-Abjad tal-Gżira, li qiegħed bejn Ir-Ramla ta' San Tumas u t-Torri ta' San Tumas). L-Irdum l-Abjad huwa l-ġenb għoli ta' lsien ta' art imsejjaħ ***Il-Munxar*** (għax partijiet minnu jfakkruk fis-snien ta' serrieq, jew aħjar munxar) li dwaru forsi nitħaddtu f'xi artiklu ieħor ġaladarba issa ħriġna għal kollox mil-limiti ta' Marsaxlokk u dħalna f'dawk ta' Marsaskala. Inżid biss li minn Xrobb l-Għaġin tidher sew ***Il-Ponta tal-Munxar***, fejn l-irdum jieqaf ħesrem u tibda ***Is-Sikka tal-Munxar***. Din tibqa' ħierġa għal aktar minn mil 'il barra minn taħt wiċċ il-baħar u hija fost l-itwal sikek fil-Gżejjer Maltin. Magħha ġieli nkaljaw xi vapuri kbar.

## *Egħluq*

F'dan l-artiklu ppruvajt niġbor l-informazzjoni għanja iżda mxerrda li għadha teżisti dwar it-toponomastika ta' dawn l-inħawi, u norbotha mal-ġrajjiet naturali u storiċi tagħhom. Iżda nixtieq ngħid ukoll li xi fattizzi naturali ovvji (ngħidu aħna, għerien max-xatt), li żgur għandhom isem u storja, s'issa ma rnexxielix nitkixxef wisq dwarhom. Daqstant ieħor iltqajt ma' ismijiet oħra li ma semmejthomx f'aktar dettall għax l-informazzjoni dwarhom ma kenitx ċara biżżejjed. Fost dawn, insemmi uħud li jidhru fil-kitbiet qodma ta' G.F. Abela u ta' P.P. Castagna: ***Il-Għar*** (żona arkeoloġika b'ħaġar kbir, fl-inħawi tal-Mamisi); ***Il-Marbat ta' Delimara*** (għolja qabel ma' tidħol fil-port, forsi fejn illum hemm il-fortizza); ***Ras il-Ħaġra*** (ponta x'omkiem lejn it-Tumbrell u Xrobb l-Għaġin); ***Id-Dokkiena*** (posta tal-għassa x'imkien bejn Xrobb l-Għaġin u Il-Qali); Il-Kmamar ("kalanki żgħar bi pjanura quddiemhom", wkoll fl-istess inħawi) u ***Nadur il-Kelba*** (stazzjon ieħor tal-għassa). Insomma, biex ma ntawwalx, jidher li għad hemm bosta tagħrif ieħor x'jinġabar. Għaldaqstant, minbarra li nirringrazzja lil kull min għoġbu jagħtini informazzjoni jew ħjiel, nappella lil min jaf xi ħaġa aktar fuq dawn l-inħawi biex jaqsam dak li jaf mal-qarrejja ta' din il-rivista.

## *Riferenzi*


1. Abela, Gio. Francesco (1647). *Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano con le sue Antichità ed Altre Notitie* (sic). Edizzjoni facsimile mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1984).
2. Aquilina, Joseph (1987). *Maltese-English Dictionary*. Midsea Books Ltd.
3. Braun, Hugh (1946): *Works of Art in Malta - Losses and Survivals in the War*. His Majesty's Stationery Office.
4. Castagna, Pietro Paolo (1866): *Lis Storia ta Malta Bil Gzejer Tahha* (sic). Edizzjoni facsimile mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1985).
5. Dougall, Angelo (2001). *Il-Fanal ta' Dellimara*. L-Imnara 6(4) Ħarġa 25.
6. Gatt, Michael (2006). *Il-Ġeoloġija u l-Paleontoloġija tal-Gżejjer Maltin – II* (Sensiela Kullana Kulturali, nru. 69). Pubblikazzjonijiet Indipendenza.
7. Guillaumier, Alfie (1987). *Bliet u Rħula Maltin* (L-Ewwel Volum). Valletta Publishing.
8. Haywood, J.A. & Nahmad, H.M. (1982). *A New Arabic Grammar of the Written Language*. Lund Humphries Publishers Ltd.
9. *Malta Sheets I-X*, ippubblikati mill-Geographical Section General Staff, War Office, GSGS No. 3852, u stampati fl-Ordnance Survey Office (Southampton, L-Ingilterra), 1911-1940.
10. Spiteri, Stephen C. (1994). *Fortresses of the Cross*. Heritage Interpretation Services.
11. Spiteri, Stephen C. (1996). *British Military Architecture in Malta*.
12. Zahra, Walter R. (1978). *Storja taż-Żejtun u l-Inħawi Tiegħu* (L-Ewwel Volum). Veritas Press.
13. Zingarelli, Nicola (2003). *Vocabolario della Lingua Italiana*. Zanichelli Editore.

*Komunikazzjonijiet personali:*

1. Alex Borg (informazzjoni mingħand qraba Ħalluqin), 1997 & 2000
2. Anġlu Agius (sindku tal-Gudja), 1994
3. Anthony Bonanno (Prof.), Tas-Silġ 1996
4. Baldacchino (isem mhux magħruf, bidwi f'Il-Magħluq, Marsaxlokk), 1995
5. Bertu (sajjied xiħ miż-Żurrieq), f'Għar in-Ngħaġ (1996)
6. Edmond Caruana (minn Marsaxlokk), 1989
7. Frans Farrugia (minn Ħal Għaxaq), 1994
8. Frans (sajjied minn Ħal Luqa), 1996
9. Ġużi Gatt (miż-Żejtun), 2005 u 2008
10. James Sacco (minn Birżebbuġa), 1988
11. Joe (sajjied minn Ħal Luqa), 1996
12. John Borg (Malta Bat Group), 1997
13. John Grech (minn Birżebbuġa), 1997
14. John Zammit (minn Birżebbuġa), 1999
15. Louis F. Cassar, 1994 & 2008
16. Manwel "Il-Malel" (sajjied min-Nigret), 2005
17. Michael Farrugia (kunsillier, Birżebbuġa), 1994
18. Michael (kaċċatur miż-Żurrieq) f'Wied il-Bassasa, 1994
19. Noel Zahra (miż-Żejtun), 1989
20. Pauline Abela (minn Ħal Tmim, iż-Żejtun), 1999
21. Richard Tonna (minn Bengħisa), 1988-90
22. Simon Buttiġieġ (minn Marsaxlokk), 1995
23. Bdiewa u nassaba (anonimi) f'dawn il-postijiet: Blat is-Siġra (1992), Il-Morra (1993), It-Trunċiera/Għar in-Ngħaġ (1996), Xrobb l-Għaġin (1999), L-Eħfar (1999) u Il-Ponta tat-Tumbrell (2001).
24. Bejjiegħa xiħa (anonima) f'ħanut tal-merċa fi Triq Għar Ħasan (Bengħisa), 1990
25. Ħaddiema tas-salini (anonimi) f'dawn il-postijiet: Il-Ponta ta' Delimara (1994) u Il-Kalanka l-Fonda (2001)
26. Sajjieda (anonimi) f'dawn il-postijiet: Wied il-Mixta (1990), Għar in-Ngħaġ (1994), Bengħisa (1996) u Id-Daħla ta' San Tumas (2000)


**© Alex Camilleri**

# IL-ĦOBŻ TAL-MALTI

## Ġużi Gatt

**Il-ħobż kollu tad-dinja, dari aktar mil-lum, isir minn taħlita ta' dqiq, ilma, melħ, u xi għamla ta' "ħmira". Għal sekli sħaħ il-bniedem kien jaħmi ħobż bnin u tajjeb fit-togħma, bla ma fehem sewwa l-proċess ta' kif isir il-ħobż. Kien jemmen li "hemm xi ħaġa" fl-għaġna ta' dqiq u ilma li ġġiegħel l-għaġina togħla. Għal sekli sħaħ kien jaf li kull għaġna ġdida trid "biċċa mill-għaġina tal-bieraħ" biex l-għaġna l-ġdida togħla u ssir ħobż. Furnar li għal xi raġuni jkun tilef "l-għaġina tal-bieraħ" kien isib lil furnar ieħor sieħbu, li kien marbut bl-irġulija li jgħinu u jagħtih biċċa minn tiegħu. Il-furnar kien jgħin lil dawk li kienu jagħġnu l-għaġina d-dar, u kien jagħti lilhom ukoll "biċċa mill-għaġina tal-bieraħ".**

Fl-ewwel snin tas-seklu dsatax Pasteur ittawwal ġo mikroskopju u fehem għall-ewwel darba x'kienet il-ħmira u kif kienet taħdem. Sa mitt sena wara, l-bniedem kien tgħallem li l-ħmira kienet magħmula minn organiżmi ħajjin li jeżistu fin-natura, għaraf jagħżel liema fost dawn l-organiżmi seta' jaqdih l-aħjar, u ħareġ bis-*Saccharomyces cerevisiae*, li aħna nafuha bħala "l-ħmira ta' barra" (bl-Ingliż: *Baker's yeast*). Ir-rivoluzzjoni Industrijali qalet 'il barra l-għamil tal-ħobż fid-dar mill-omm, għalqet lill-furnar iż-żgħir, qalbet ta' taħt fuq il-proċess ta' l-għaġna, u fi żmienna qed tipproduċi ħobż li hu inqas fil-benna u eħżen fit-togħma. L-magni l-ġodda qed jagħtu bixra ġdida lill-proċess kollu. Il-forn magħmul mill-ġebla Maltija (tar-ratba jew tal-kwiener) tista' tgħid li għeb għal kollox, u l-ftit li għad fadal magħmula bl-għamla l-antika qed jingħalqu u jintelqu ma' kull ġimgħa li tgħaddi. Jekk se nibqgħu sejrin hekk, il-ħobż tal-Malti se jinqered minn wiċċ l-art. Biex forsi dan ma jseħħx, ejja nniżżlu dak li nafu fuq il-ħami tal-ħobż kif kien isir dari – jiġifieri dak il-proċess li ħafna minnha jiftakruh u għexuh, imma li llum qed isir "folklor".

Il-kobor tal-forn jitkejjel minn kemm jesa' xkejjer ta' dqiq f'furnata waħda. F'din il-kitba se nitkellmu bil-kejl u l-użin l-antik. Xkora kien ikollha 80 ratal dqiq. Minn xkora ta' tmenin ratal kont toħroġ daqs 100 ħobża ta' ratal. Forn normali kien jieħu xkertejn dqiq kull furnata. Forn kbir kien jieħu erbgħa. L-ewwel apparat li se niġu bżonn se tkun il-MAGNA TA' L-GĦAĠNA. Dari din kienet LEMBI jew LEMBIJA kbira u l-għaġna kienet issir bl-idejn jew bis-saqajn. Kemm il-gvern Ingliż u kemm l-awtoritajiet Maltin kienu ilhom jiffittaw u jheddu lill-furnara biex l-għaġna bl-idejn u s-saqajn tinqata'. Minn sebgħin sa tmenin sena 'l hawn il-furnara beda jkollhom magna ta' l-injam, b'fus u frieket tal-ħadid, li kienet tiddawwar minn bhima, fuq l-istess prinċipju tas-sienja. Dawn il-magni, disgħa u disgħin fil-mija, kienu jkunu magħmula minn Lorenzo Farrugia "tal-Magni" jew "ta' Pupul", imbagħad minn uliedu Ninu, Saver, u Charlie Farrugia. Il-bhima li ddawwar il-magna ma damitx ma nqalat 'il barra hi ukoll. Flokha tqiegħed mutur li jaħdem bil-pitrolju jew bid-diesel. Minn għoxrin sena 'l hawn dawn il-magni ta' l-injam tneħħew ukoll u tpoġġew ġo xi mużew – imma f'dil-kitba għadna qed nitkellmu fuq dawn il-magni.

L-ewwel ħaddiem li niltaqgħu miegħu hu l-GĦAĠĠIEN. Fil-ġerarkija tal-forn dan jiġi taħt nett. Fuq quddiem ikun hemm l-IMGĦALLEM li x'aktarx ikun SID IL-FORN. Warajh jiġi l-ĦABBIEŻ - dak li jdaħħal il-ħobż fil-forn - għax għal dil-biċċa xogħol trid ċertu sengħa. Imbagħad jiġi l-għaġġien li jieħu ħsieb il-magna ta' l-għaġna. Hawn



**Il-Magna ta' l-Għaġna**

hekk ta' minn jgħid li l-Imgħallem x'aktarx li kien jindaħal hawn ukoll. Ikun hu li jitfa' l-ingredjenti fil-magna (jew jikkmanda lil min jitfagħhom) biex ikollu kontrol fuq ir-riċetta.

Ma' kull xkora dqiq, titfa' fil-magna tal-għaġna tliet "bramel taż-żingu ilma". Anke hawn tidħol is-sengħa, għax fl-irtuba, meta l-għaġġien jinduna li d-dqiq hu ftit aktar niedi, forsi jkun hemm bżonn li titfa' żewġ bramel u nofs, u mhux tlieta. Titfa' wkoll nofs artal melħ, u tliet kwarti ta' ratal ħmira. (Fuq din l-imbierka ħmira nittama li nitkellmu aktar tard.) Dejjem skond il-magna li għandek, iddum minn 20 minuta sa nofs siegħa tagħġen.

Minn ġol-magna ta' l-għaġna, l-għaġina tittieħed GĦERKA GĦERKA u titqiegħed ġot-TILAR TAL-GĦAĠNA. Dil-kelma "għerka" jien kont smajtha l-ewwel darba meta kont qed nagħmel xi tiftix fuq is-sengħa tal-fuħħar. Issa naf li dil-kelma hi komuni fost il-ħaddiema tal-fran ukoll. Għerka hi "qabda", jew "ħodon". Bl-Ingliż forsi tista' tgħid *batch*. Tieħu l-għaġina qabda qabda, ħodon ħodon, *batch batch*, minn ġol-magna tal-għaġna u tqegħedha fit-tilar tal-għaġna. Waqt li l-għaġna tkun fit-tilar, isir it-TAQLIB. L-għaġna ddum mas-sagħtejn fit-tilar, imma tul dan iż-żmien trid titqalleb xi tliet darbiet. Biex tqallibha trid, ftit ftit, ixxammarha b'idejk minn isfel fil-ġenb, dejjem ixxammar 'l fuq sakemm jidhirlek li qallibtha kollha.

Mela wara sagħtejn toqgħod, u wara tliet taqlibiet, trid terġa' taqbad l-għaġina għerka għerka u minn ġot-tilar ta' l-għaġna titfagħha ġol-MEJJILLA. Din l-operazzjoni tissejjaħ it-TISQIJA. Mhux ċar għala tissejjaħ hekk, u f'dan l-istadju ma tidħol l-ebda tisqija ta' ilma. Kull għerka trid "trossha ġol-mejjilla – biex TOFSOD IL-GASS". Ġol-mejjilla, l-għaġina tkompli tistrieħ għal xi tliet kwarti ta' siegħa, u tul dan il-ħin, l-għaġina tikber u tintefaħ, tant li l-mejjilla jkollha lqugħ apposta (ara d-disinn) biex meta jkun hemm bżonn aktar wisa', dan l-ilqugħ




**It-Tilar ta' l-Għaġna**

jitneħħa biex l-għaġina jkollha fejn timraħ.

Wara tliet kwarti ta' siegħa li l-għaġina tkun ilha fil-mejjilla, jibda t-tqattigħ u l-użin. Xi ħadd li jkollu idejh ħfief u jkun tax-xeħta, jibda jqatta' biċċiet mill-għaġina u jiżinhom, ngħidu aħna, ratal ratal. Minn fuq il-miżien, l-għaġina tgħaddi għand il-KEBBIEB, li wkoll ikollu idu ħafifa u jkun tax-xeħta. Dan IKEBBEB l-għaġina u jġibha fil-għamla ta' ħobża. Il-Kebbieb jgħaddi l-ħobża lil ħaddiem ieħor u dan IPASSAT – jiġifieri jqiegħed il-biċċiet fit-tilari t'apposta, li jkunu lesti qrib il-form. Kien meqjus li sett komplut kien ikun fih 14-il tilar, għalkemm dan kien jiddependi mill-kobor tal-forn. It-tilari jimtlew kollha bil-ħobż għadu nej – tilar jesa' mat-30 ħobża – meta jimtela wieħed, jitqiegħed ieħor fuqu, u dan jimtela wkoll. Jgħaddi ftit tal-ħin sakemm titqatta' l-għaġina u jimtlew it-tilari kollha. Tul dan il-ħin l-għaġina tkompli TISSEWWA – jiġifieri tkompli tikber u togħla.

Meta t-tqattigħ ikun lest, xi ħadd jaqbad il-biċċiet mit-tilari, waħda waħda, u jqegħedhom, waħda waħda, fuq il-PALA jew il-PALUN li jkun f'idejn il-ĦABBIEŻ. Il-ħabbiez jibda JAĦBEŻ, jiġifieri jdaħħal il-biċċiet waħda waħda fil-forn. Dan hu meqjus li hu xogħol ta' xi ħadd tas-sengħa. Jekk ma tkunx taf kif għandek tqassam ix-xogħol fil-forn



**Il-Mejjilla**

tista' tgħarraq furnata sħiħa. Fuq kemm ix-xogħol tal-furnar hu delikat jista' jitqies mill-espressjoni li l-furnara għandhom f'ilsienhom: "L-għaġna tikxfek", jgħidulek – jiġifieri jekk tagħmel żball, l-għaġina ma taħfirhielekx; u "L-ħobża ma tinħasilx", li tfisser l-istess ħaġa – m'hemmx mod ta' kif tista' taħbi xogħol ħażin.

Il-ħobż isir wara xi siegħa (jew ftit iktar) fil-forn. Tiftaħ il-forn biss fl-aħħar ħames minuti, u tħalli l-bieb miftuħ jew terġa' tagħlqu skont kif tara l-ħobż.

Sid il-forn (dari aktar mill-lum), kien iżomm għalih ix-xogħol tat-tqassim tal-ħobż lill-parruċċani fit-toroq - biż-żiemel u l-karettun; imbagħad aktar tard, bil-vann. Kull forn kien ikollu id-DAWRA tiegħu – jiġifieri toroq li fihom kien idur bil-ħobż sid il-forn biss, u ma kienx jidħollu bejjiegħ ieħor fl-għalqa. Meta forn jinbiegħ, ix-xerrej jippretendi li mal-forn għandu jieħu wkoll il-parruċċani tiegħu – jiġifieri li jkollu d-dritt li jdur hu, biż-żiemel jew bil-vann, fit-toroq li fihom is-sid l-ieħor kien iqassam il-ħobż fid-djar. Meta sid jipprova jbiegħ forn, imma jżomm għalih id-dawra fit-toroq, x'aktarx li ma kienx jirnexxielu jġibha żewġ.

Meta l-ħami kien għadu jsir bil-ħatab, ir-responsabbilta' ta' kif se jinstab u jinxtara l-ħatab kienet ukoll tas-sid.

## IMMA "T-TINSILA" XI TKUN?

Fl-1676, Anton van Leewenhoek, Olandiż li kien jimmanifattura l-lentijiet, ra għall-ewwel darba dik li daż-żmien insejħula "l-ħajja mikroskopika" – ħlejjaq tant żgħar li bl-għajnejn ma jidhrux, imma li jinkixfu meta tarahom b'mikroskopju. Jgħidu li fl-1680, dan Anton saħansitra pinġa skizz, disinn, ta' kif kienet il-ħmira li kien ra ġol-birra. Id-dinja stagħġbet, imma għal 170 sena sħaħ ma sar xejn iktar fuq hekk. Imma mbagħad tfaċċa fix-xena Louis Pasteur, li fl-1857 kien ipprova xjentifikament li l-fermentazzjoni, kemm fl-inbid, kemm fil-birra, u kemm fil-ħobż, kienet ikkawżata mill-ħmira. Fl-1896 ħarġet klassifikazzjoni definttiva ta' l-ispeċi kollha tal-ħmira li jeżistu: klassifikazzjoni li għadha użata sal-lum. Minn dan iż-żmien 'il quddiem, l-istudju tal-ħmira għadda f'idejn in-nies tax-xjenza.

Qed ngħid dan kollu għax nixtieq nenfasizza li kien biss f'dawn l-aħħar mitt sena li nbeda l-proċess li wassal biex bniedem illum jista' jidħol f'ħanut u jixtri l-"ħmira ta' barra". F'Malta, l-ħmira ta' barra kienu jafu biha "anke qabel il-Gwerra", imma konvint li l-użu tagħha ma kienx komuni f'pajjiżna qabel is-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor. Issa l-ħobż tal-Malti ilu jinħema f'Malta ferm aktar mis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor. U tul dan iż-żmien kollu ma kinitx tintuża ħmira ta' barra, imma l-furnar kien jiddependi mill-ħmira li joħloq hu stess. Id-dinja moderna tal-lum ma tistax tgħaddi mingħajr il-ħmira ta' barra, għax din tħaffef ix-xogħol u żżid il-produzzjoni. Il-proċess modern, pero, qed jgħarraq il-benna u jħażżen it-togħma tal-ħobż, u m'hemmx raġuni għala mqar ftit fran, ftit furnara, m'għandhomx jerġgħu jibdew jaħmu l-ħobża l-antika, jekk jista' jkun ġo forn Malti magħmul mill-ġebla tar-ratba, anke jekk għal klijentela żgħira jew suq speċjalizzat.




**IT-TILARI TAT-TQATTIGĦ**

**Sett komplut kien ikun fih 14-il wieħed. Fit-talari l-ħobż jitqiegħed fuq xkora u min ipassat jara li ħobża ma tmissx ma' l-oħra.**

Qabel ma feġġett il-ħmira ta' barra, l-ħobża Maltija kienet tiddependi biss fuq it-TINSILA biex togħla. It-tinsila tkun xi ħaġa hekk:

Mill-għaġina li għaġint illum tħalli biċċa u twarrabha. Meta x-xogħol fil-forn ikun lest, tibda taħseb biex **TRABBI T-TINSILA**. Taqbad dik il-biċċa għaġina li warrabt u **TLEWWITHA** – jiġifieri iżżidilha biżżejjed ilma u iktar dqiq biex terġa' tiġi biċċa għaġina ikbar milli kienet qabel. Din l-għaġina titħalla **TISSEWWA** għal siegħat twal – jiġifieri titħalla titla' u togħla minn x'ħin lewwittha, tul il-lejl kollu, sakemm l-għada kmieni filgħodu it-tinsila (li issa tkun saret "ħmira") tintefa' fil-magna tal-għaġna flimkien mad-dqiq, l-ilma u l-melħ. Meta tagħġen, terġa' tħalli u twarrab biċċa mill-għaġina, u tista' tibqa' sejjer hekk għal mijiet ta' snin. Faċli hux veru? Il-bużillis hu li biex tagħmel dan kollu jrid ikollok "biċċa mill-għaġina tal-bieraħ". Imma jekk ma jkollokx? Jew jekk jiġri li l-furnara kollha ta' Malta u Għawdex jitilfu l-għaġina tal-bieraħ? Mhux wieħed u tnejn qaluli li jekk jiġri hekk il-ħobża tal-Malti "tintilef għal dejjem għax ħadd m'għadu jaf kif jibda l-proċess mill-ġdid". Jekk inhu hekk, allura tassew li għandna għal x'hiex nistħu; imma fil-fatt dan m'hu veru xejn.

## KIF TRABBI T-TINSILA – MINGĦAJR BIĊĊA MILL-GĦAĠINA TAL-BIERAĦ

Aqbad kikkra mimlija dqiq, jekk jista' jkun DQIQ ISMAR (*wholemeal flour*). Id-dqiq irid ikun jixbaħ kemm jista' jkun lid-dqiq kif kien joħroġ m'għand tal-mitħna, mhux ipproċessat, imnaddaf u mbajjad kif ikun ħafna dqiq kummerċjail llum. Itfa' d-dqiq ġo kontenitur li ma jkunx tal-metall. Ħġieġ, *pyrex*, fuħħar, xaqquf – kollha tajbin. Żid miegħu kikkra mimlija ILMA, jekk jista' jkun ilma ġieri, jew meħud minn xi bir nadif, mhux bil-*chlorine* kif ikun ħafna ilma llum. Ħawwad tajjeb u ara li ma jibqgħax għoqiedi ta' dqiq u kun ċert li tħabbat sewwa biex tidħol l-arja fit-taħlita. Ħalli l-kontenitur x'imkien fejn tilħqu l-arja ta' barra, u għattih b'biċċa filoxx li żżomm l-insetti 'l barra imma tħalli l-arja tidħol. U stenna. Ikun tajjeb jekk terġa' tħabbat it-taħlita sewwa mqar darbtejn f'24 siegħa. Żid kikkra dqiq u kikkra ilma kull 24 siegħa. Wara xi jumejn tibda tara xi bżieżaq tilgħin. Dak ikun l-ewwel sinjal tas-suċċess. Itma' t-taħlita kikkra dqiq oħra, u żidha ilma biżżejjed biex tibqa' bl-istess konsistenza li kienet qabel. Tinsiex terġa' tħabbat sew. **Għandek mnejn ikollok tkompli żżid aktar dqiq u ilma, kull tnax-il siegħa, għal xi ftit jiem.**

Li tkun qed tagħmel b'dan kollu hu li tkun qed tonsob biex taqbad mill-arja l-organiżmi li għandek bżonn. Meta jiġri dan, jiġifieri meta fit-taħlita jitrabbew l-organiżmi ħajjin li jrieġu l-proċess tal-ħmira, t-taħlita ttella' saff ta' bżieżaq m'għola pulzier jew tnejn. It-**TINSILA** li tkun rabbejt, issa tkun saret **ĦMIRA**. Issa tista' żżid dik it-taħlita ma' biżżejjed dqiq u ilma biex tagħmel il-ħobż li għandek bżonn. Tħalli biċċa minn dik l-għaġina għal għada; u tista' tibqa' sejjer hekk għal mija, mitejn sena, u aktar. Imma - forsi jkun hemm min isaqsi - għaliex għandna noqogħdu nieħdu biċċa xogħol u battikata bħal din?

Bħalma tafu, meta nagħsru l-għeneb biex nagħmlu l-inbid, il-ĦMIRA tiekol iz-ZOKKOR li jkun hemm fil-meraq tal-għeneb, u bis-saħħa t'hekk tipproduċi l-ALKOĦOL. Issa fl-għaġina tal-ħobż, il-ĦMIRA tiekol il-KARBOIDRATI (*Carbohydrates*) li jkun hemm fil-qamħa, u bis-saħħa t'hekk tipproduċi l-*Carbon dioxide*. Hu dan il-*Carbon dioxide* li jgħolli l-għaġina.

Issa hawnhekk tiġi l-parti d-diffiċli.

Fl-għaġina tal-ħobż, minbarra dawk l-organiżmi li nsejħulhom "ħmira", jkun hemm ukoll il-BATTERJI (*bacteria*). Ħadd m'għandu għax jieħu qatgħa. Il-batterji qegħdin kullimkien. Jikkalkulaw li hemm miljun batterju f'millilitru ilma safi. Ħafna batterji huma ħżiena, imma xi wħud minnhom huma tajbin, bżonjużi, u jagħmlu l-ġid. Il-batterji jgħinu fil-proċess biex il-ħalib isir ġobon, jew *yogurt*, jew butir; u biex il-basal isir basal tal-pikles, u biex taħlita ta' l-ikkapuljat issir zalzett, eċċ. Fil-ħobż tal-Malti kif kienet tieklu l-bużnanna, t-**TISWIJA** – jiġifieri l-ħin li tieħu l-għaġina biex togħla – kienet tkun twila ħafna. Dan għaliex il-ħmira l-antika (li kienet tiġi mit-tinsila) ma kienx ikollha s-saħħa li għandha l-ħmira ta' barra li hawn daż-żmien. F'dan il-ħin twil, il-batterji ta' ġol-għaġina kien ikollhom iċ-ċans li jaħdmu u jagħmlu xogħolhom – jiġifieri jipproduċu l-aċidi organiċi li jagħtu l-benna u t-togħma lill-ħobż.

**Fil-proċess modern, dan ma jitħalliex isir. Il-ħmira ta' barra taħdem malajr wisq, u ma tagħtix nifs lill-batterji biex jaħdmu. Dan ifisser li għalkemm l-furnara Maltin għadhom jitfgħu it-tinsila fl-għaġna, t-tinsila m'għandiex ċans taħdem. Taħdem biss il-ħmira ta' barra li tgħolli kollox fi żmien qasir.**

Barra minn hekk, jekk illum nieħdu biċċa mill-għaġina tal-bieraħ, din tkun wirtet ġo fiha sittin sena jew aktar ta' ħmira ta' barra, *improvers*, *surfactants*, *emulsifiers*, u Alla biss jaf x'jitfgħu fiha iktar, aktar ma jgħaddi ż-żmien.

## IN-NANNU ANĠLU

Ippermettuli nżejjen daqsxejn dan l-argument li qed nipprova nibni billi nsemmi ftit lil nannuwi, Anġlu Gatt (Alla jaħfirlu), li twieled fl-1899, u kellu r-raba' n-naħa tax-Xerriek, illum limiti ta' Marsaxlokk. Fost affarijiet oħra, nannuwi kien jiżra' l-qamħ, jaħsdu, jidirsu, jiġbru minn fuq il-qiegħa, u jaħznu. Kull ġimgħa, ħdejn ir-razzett kien jiġi raġel jismu Rokku, bil-karettun u ż-żiemel. In-nannu kien joħroġ jilqgħu, u jagħtih ċurniena mimlija qamħ minn tiegħu. Flimkien maċ-ċurniena tan-nannu Rokku kien jiġbor ukoll il-qamħ ta' bdiewa oħra, u kien jibqa' sejjer bih il-mitħna tax-Xarolla, ż-Żurrieq. Wara xi jiem, Rokku kien jerġa' lura, u taċ-ċurniena li jkun ħa, kien jagħti lin-nannu parti minnha **DQIQ**, parti **SMID**, u parti **NUĦĦALA**. (Jiġifieri dak li jkun ħareġ mill-mitħna meta t-taħħan ikun tefa' fiha l-qamħ li tah in-nannu.) Missieri, li allura kien tifel ta' 12 jew 13-il sena, kien jieħu ċ-ċurniena dqiq, u jimxi biha aktar minn mil, biex jagħtiha lil wieħed furnar, ir-raħal ta' fuq, iż-Żejtun. Minnha l-furnar kien jagħġen u jaħmi ħobż biżżejjed biex in-nannu u n-nanna jkollhom għal ġimgħa sħiħa. In-nannu u n-nanna kienu joqgħodu wisq bogħod mir-raħal biex ikunu jistgħu jagħġnu d-dqiq huma – imma ħafna familji oħra (nkluż il-bużnanna min-naħa t'ommi) hekk kienu jagħmlu – jagħġnu l-għaġina huma, u għand tal-forn jieħdu l-ħobż magħġun u lest, kemm jinħema biss. Biex jagħmlu dan, il-furnar kien jagħtihom biċċa "għaġina tal-bieraħ" biex jagħġnuha ma' l-għaġna tagħhom. **Il-bużnanna ma kinitx iżżid ħmira ta' barra.**

L-antiki li għad għandhom amment tal-ħobża tal-Malti kif kienet meta kienet għadha ġenwina, kollha jgħidulek li l-ħobż kien:

1) Iktar samrani mill-lum.
2) Itjeb fit-togħma.
3) Iżomm għal ġimgħa sħiħa u aktar ma jmur iktar jitjieb.
4) Il-ħobża ma kinitx togħla daqs kemm togħla llum – kienet tkun iktar baxxa u ċatta.

L-għamil tal-ħobż ġod-dar baqa' jsir sakemm faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Fil-gwerra, il-bdiewa baqgħu jiżirgħu u jaħsdu l-qamħ, imma l-gvern kien joħodulhom minn idejhom mill-ewwel, u kien jitħan il-qamħ hu, x'aktarx f'imtieħen sigrieti moħbija taħt l-art, minħabba l-biża' mill-għadu. Allura x-xogħol tal-mitħna tar-riħ waqaf; u meta spiċċat il-gwerra, ma reġax qabad. Id-dinja kienet inbidlet mill-lejl għan-nhar u nqalbet ta' taħt fuq. Issa kulħadd beda jixtri l-ħobż m'għand tal-forn li, aktar m'għadda ż-żmien, iktar kien armat bil-ħmira ta' barra – u issa Alla biss jaf x'qed iżid iktar ma' l-għaġna.

Ippermettuli nerġa' nħajjar lill-qarrejja biex IRABBU T-TINSILA (*starter/culture*) huma. Iħalltu ftit dqiq u ilma u jistennew it-taħlita TEĦMER. Ma ninsewx li biex it-taħlita sservina biex nagħmlu l-ħobz, irridu naqbdu ġo fiha mhux organiżmu wieħed, imma tnejn: irid ikollna l-ħmira (li x'aktarx tiġi mill-istess qamħa), u jrid ikollna l-batterji (*lactobacilli*) li jiġu mill-arja ta' madwarna. Għandna mnejn ikollna bżonn nżidu aktar dqiq u ilma, kull tnax-il siegħa, għal xi jumejn jew tlieta. Meta fit-taħlita naqbdu l-organiżmi li għandna bżonn, it-taħlita ta' dqiq u ilma (xi siegħat wara li nitimgħuha aktar dqiq) timtela' bil-bżieżaq. Imma trid ittella' pulzier jew tnejn ragħwa biex it-taħlita tkun b'saħħitha biżżejed. Meta jiġri dan nistgħu nżidu iktar dqiq u ilma u nagħġnu l-għaġina tal-ħobż. Din l-għaġina, wara li nagħġnuha, jkollha bżonn TISWIJA (*proofing*) twila. In-nanna kienet tagħġen l-għaġina filgħaxija u tħalliha tissewwa l-lejl kollu. L-għada filgħodu kienet tmur biha għand tal-forn.

### *SOURDOUGH*

L-għamil ta' ħobż bħal dan – kollox magħmul id-dar u mingħajr ħmira li saret f'xi fabbrika – hu popolari ħafna barra minn Malta. Kull ma trid tagħmel biex tara kemm hu popolari hu li tidħol fl-internet u tfittex il-kelma "*sourdough*". X'aktarx li l-aktar *sourdough* magħruf hu dak Amerikan magħruf bl-isem ta' *San Francisco Sourdough*. Isimgħu ftit din l-istorja:

Fl-1970 u l-1971, żewġ xjenzati Amerikani – Leo Kline u T.F. Sugihara – ppubblikaw l-istudju li kienu għamlu fuq dan il-ħobż ta' San Francisco. (L-istudju ġie ppubblikat f'*The Bakers Digest* u f *Applied Microbiology*.) Sabu li ħafna mill-ħobż li kien jinħema fi fran differenti kellu fih l-istess għamla ta' ħmira u l-istess tip ta' laktobaċilli – u dan ma kienx minħabba li l-furnara kienu qed jaqsmu l-għaġina bejniethom, imma għax l-organiżmi li kien hemm fl-għaġina kienu komuni fl-ambjent ta' San Francisco. Tant hu hekk li l-laktobaċilli li kien hemm preżenti fis-*San Francisco Sourdough* ġew irreġistrati bħala *Lactobacillus sanfrancisco*.

Studji oħra li saru fil-Ġermanja u d-Danimarka wkoll sabu li fil-ħobż f'hemm kien hemm ħmira u laktobaċilli differenti. Ed Wood, li kiteb il-ktieb *Classic Sourdough* li qiegħed imniżżel fir-referenzi, jgħid li meta kien jaħdem fl-Għarabja s-Sgħudija (l-ortografija ta' dan l-isem hi tiegħi u responsabbli għaliha jien!) kien sab il-ħin li jittestja fil-laboratorju kampjuni ta' tinsila (culture) li hu u l-mara tiegħu kienu ġabru minn pajjiżi differenti tal-Lvant Nofsani. Il-ħmira u l-laktobaċilli f'kull tinsila, meta tqiegħdu taħt il-mikroskopju, kellhom karatteristiċi differenti. Ed Wood u ħbiebu għaġnu taħlitiet differenti ta' ħmira u laktobaċilli mad-dqiq u l-ilma u kkonfermaw (għas-sudisfazzjon tagħhom) li ħmira u laktobaċilli differenti jagħmlu ħobż differenti fit-togħma u fil-benna.

Jien ili għal dawn l-aħħar xhur inħallat id-dqiq ma' l-ilma biex forsi jirnexxieli naqbad mill-arja xi laktobaċilli Malti! Għadni ma rnexxielix sa barra, għalkemm it-tinsila li nagħmel jien, meta tingħaġen mal-għaġina u tinħema fil-forn tagħmel ħobż togħmtu tajba. Imma hu ħobż ftit tqil u mhux minfux daqs kemm nixtieq jien. Nittama li xi qarrej jew qarrejja titħajjar tagħmel bħali sakemm ikollna taħlita ta' organiżmi, b'saħħitha biżżejjed biex tgħolli l-ħobż kemm hemm bżonn. Jekk tfittxu l-kelma *sourdough* fl-internet, nixtieqkom li tireżistu t-tentazzjoni li tagħmlu kif jissuġġerulkom xi artikli – li żżidu mat-taħlita xi meraq ta' l-għeneb jew xi frott ieħor – imma tisperimentaw biss bid-dqiq u l-ilma.

Meta jerġa' jkollna l-ħmira oriġinali Maltija, nibdew naħsbu biex jerġa' jkollna l-forn Malti, mibni bil-ġebla tar-ratba (jew tal-kwiener) li kienet tiġi minn-naħa tax-Xewkija, Għawdex. Fuq il-forn Malti niktbu, jekk Alla jrid, id-darba li jmiss.

### Ħajr:

**Ġorġ Ellul**, il-Boqboq, minn Ħal Qormi.
**Karmena Buttigieg**, tal-Mulejja, l-Qala, Għawdex.
**Ġorġ Tabone**, ta' Gerit, ir-Rabat t'Għawdex.
**Carmelo Micallef**, il-Kina, minn Tas-Sliema.
**Charlie Farrugia**, tas-Srieken, minn Ħal Qormi.

### Referenzi:


**Hubert Chiron**, *Is-Sengħa tal-Furnar*, maqlub għall-Malti minn Pawlu Aquilina, il-Marsa, 1994.

**Adriano Dingli**, *The Duty on Imported Cereal Produce and the bread-making industry in Malta*, Malta, 1906.

**Rachel Radmilli**, *Ħobżna ta' kull Jum –Qormi bakeries and the role of bread in Society*, Teżi ta' l-M.A., l-Universita ta' Malta, 1999

**Ed Wood**, *Classic Sourdoughs*, California, 2001.


**© Ġużi Gatt**

# LAQMIJIET MINN ĦAL QORMI (in-naħa ta' San Ġorġ)

**Arnold Sciberras**

**Mhux soltu li nikteb fuq suġġett bħal dan, imma ma nixtieqx li dak li ksibt minn għand l-antenati tiegħi jintilef maż-żmien. Iż-żminijiet jinbidlu, u aħna ma nibqgħux hawn. Qrajt u flejt kitbiet oħra fl-Imnara li ddokumentaw il-laqmijiet ta' xi rħula ta' Malta u nħoss li nista' nagħti kontribut lir-raħal li ġej minnu jien, u li fih għext l-ewwel ħames snin ta' ħajti man-nanniet minn-naħa ta' missieri u mal-ġenituri tiegħi billi nikteb dan ix-xogħol.**

Din il-ġabra ta' laqmijiet saret bl-għajnuna kontinwa tal-ġenituri tiegħi u min riċerka li għamilt f'dan ir-raħal billi staqsejt diversi residenti u fittixt f'diversi arkivji. Il-laqmijiet huma imqasmin b'mod alfabetiku u dawk li jirrappreżentaw familja sħiħa għandhom magħhom l-ittra (f), u dawk li huma laqmijiet ta' individwu wieħed għandhom magħhom l-iitra (l). Hemm ħafna nies li jsibuhom bil-kunjom imma jzidu l-prepożizzjoni "TA'" quddiem. Dawn ma ġewx inkluzi. Hemm ukoll dawk li laqamhom hu vulgari wisq, jew li għal xi raġuni jew oħra ma stajtx ninkludihom ma din il-lista. Kif ukoll hemm dawk il-ħafna laqmijiet li jien ma ltqajtx magħhom, jew li ntilfu maż-żmien għax intesew jew għax l-individwu jew il-familja m'għadhiex toqgħod ir–raħal. Fl-imgħoddi l-laqam kien ċavetta mportanti biex tidentifika min jiġi minn min. Saħansitra fir-rapporti tal-pulizija kien jiġi ddokumentat il-laqam. Illum, b'xorti ħażina, il-laqam qed jinqata', speċjalment mal-ġenerazzjoni li tiela'. Nittama ħafna li b'din il-klassifikazzjoni, dawn il-laqmijiet, li jagħtu karatteristika lir-raħal u lill-lokalita' ma jintilfux.

A

**Tal-Armal (f)**
**Tal-Armerija (f)**

B

**Tal-Bagglu (f)**
**Tal-Ballarin (l)**
**Ta' Balukka (f)**
**Ta' Bamba (f)**
**Tal-Bansa (f)**
**Tal-Barrin (f)**
**Tal-Bazzi (f)**
**Ta' Belula (l)**
**Ta' Beritta (f)**
**Il- Bewla (l)**
**Tal-Bilbel (f)**
**Tal-Brombos (f)**
**Ta' Bugarra (f)**
**Tal-Bugreċċ (f)**
**Tal-Bosin (f)**
**Tal-Buttar (f)**
**Tal-Buwf (f)**

Ċ

**Taċ-Ċaċċu (f)**
**Taċ-Ċinell (f)**
**Iċ-*Chief* (l)**
**Taċ-Ċinkwina (l)**
**Taċ-Ċinku (f)**
**Taċ-Ċirwilla (f)**

D

**Tad-Daħna (f)**
**Id-Dandalun (l)**
**Tad-Dess (f)**
**Tad-Dieċi (f)**
**Id-Dudi (l)**

F

**Farfar (l)**
**Tal-Fatati (f)**
**Ta' Fidiel (l)**
**Tal-Figurina (f)**
**Ta' Filiċ (f)**
**Tal-Fieres (f)**
**Tal-Fniek (f)**
**Ta' Frendo (f)**

Ġ

**Tal-Ġerrej (f)**
**Tal-Ġelat (l)**
**Tal-Ġizimina (f)**
**Ta' Ġost (f)**
**Tal-Ġurdiena (f)**

G

**Tal-Gabaj (f)**
**Tal-Gani (f)**
**Ta' Galletta (f)**
**Ta' Gallina (f)**
**Ta' Galluwa (f)**
**Ta' Gejtan (f)**
**Tal-Genċ (f)**
**Ta' Gexxulli (f)**
**Tal-Guġġu (f)**

K

**Tal-Kanajs (f)**
**Tal-Karakina (f)**
**Tal-Karettuni (l)**
**Tal-Karkariz (f)**
**Tal-Kina (f)**
**Ta' Kustilji (f)**

L

**Tal-Lamaċċa (f)**
**Tal-Lellekin (f)**
**Ta' Lieni (f)**
**L-isfar (l)**
**Tal-Lofti (f)**

Ħ

**Ħanfiffi (l)**
**Tal-Ħamra (f)**
**Ta' Ħaraq (f)**
**Tal-Ħumer (f)**
**Tal-Ħuxi (f)**

J

**Ta' Jgħix bir-rix (f)**

M

**Tal- Majjistra (f)**
**Tal-Mans (f)**
**Tal-Melwezz (f)**
**Tal- Mesmerun (f)**
**Ta' Mira (f)**
**Tal-Muċċu (f)**

N

**Tan-Nabbu (f)**
**Tan-Najjuwa (f)**
**Tan-Nemnuwa (f)**
**Tan-Niġma (f)**

Q

**Ta' Qurru (f)**

R

**Tar-Rabti (f)**
**Tar-Rambaba (f)**
**Ta' Redgħew (f)**
**Ta' Ruman (l)**

S

**Ta' San Ġużeppa (f)**
**Tas-Siegħ (f)**
**Ta' Sikkina (f)**
**Tas-*Sir* (f)**
**Tas-Sultan (f)**

P

**Tal-Paċċ (f)**
**Tal-Paddy (f)**
**Tal-Pajsa (f)**
**Tal-Pampalaw (f)**
**Tal-Pappawl (f)**
**Ta' Patata (f)**
**Ta' Pesies (f)**
**Tal-Pewx (f)**
**Il-Piswet (l)**
**Tal-Pizzka (f)**
**Tal-Poplu (f)**
**Tal-Pux (l)**

T

**Tat-Tawtawwa (f)**
**Ta' Tittu (f)**
**Ta' Tlaqulu (f)**
**Tat-Tuta (f)**

X

**Tax- Xadin (f)**
**Tax-Xenderett (f)**

Ż

**Ta' Żapap (f)**
**Taż-Żagaj (f)**
**Taż-Żagi (f)**
**Ta' Żambura (f)**
**Taż-Żebgħa (l)**
**Ta' Żigla (f)**
**Ta' Żieżi (f)**
**Taż-Żiżin (f)**
**Ta' Żelleġ (f)**
**Taż-Żomblu (f)**
**Taż-Żott (f)**
**Ta' Żunu (f)**
**Ta' Żurħa (f)**
**Ta' Żużu (f)**

Z

**Iz-Zlugi (f)**
**Taz-Zunzajnier (f)**
**Taz-Zumbu (f)**

**Kitba oħra fl-Imnara fuq il-laqmijiet:**


Anton Attard. P,Bezzina. A, Zahra.L (1999) *Laqmijiet Mill-Birgu.* L-Imnara,Nru. 26. pg 35.

Bonnici Cali',R (1980) *Il-Kunjom u l-Laqam Fil-Folklor.* L-Imnara, Nru 3. pg 66.

Bonnici Cali',R (1980) *Il-Kunjom u l-Laqam Fil-Folklor.* L-Imnara,Nru 3. pg 66.

Bonnici Cali',R (1985) *Kif Iduru l-Ismijiet.* L-Imnara,Nru. 9. pg 96.

Lanfranco, G (1986) *Laqmijiet f'Ħal Tarxien.* L-Imnara, Nru. 10. pg 154.

Masini,F (2007) *Laqmijiet f'Għawdex fis-Seklu Dsatax.* L-Imnara, Nru. 31. pg 186.

Savona Ventura,C (2002) *Nick-Names in 19th century Gozo.* L-Imnara, Nru. 26. pg 26.

Vassallo.J (2005) *Laqmijiet Fil-Mellieħa.* L-Imnara, Nru. 29. pg 89.

Zahra, L (1997) *Folklor Fit – Topografija Tal-Birgu.* L-Imnara,Harga 21.pg 130.

Zahra, L (1999) *Laqmijiet Ta' Postijiet fil-Belt.* L-Imnara, Nru. 23. pg 55.

Zahra, L (2005) Laqmijiet Ta' Nħawi fil-Birgu. L-Imnara, Nru. 29. pg 83.



**Ħajr :**

**Nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri tiegħi Mario u Miriam Sciberras, kif ukoll lil ħija Romario Sciberras, għall-għajnuna kbira li tawni biex ġbart dan ix- xogħol.**


**L-ARBLU TAR-RAZZA TA' L-AWTUR:**

L-awtur: **Is-Sampej** (Imlaqqam hekk fil-Mellieħa)
Missier l-Awtur **Il-Piswet**
Ħu missier l-Awtur **iċ-Chief** (iz-ziju)
Omm l-Awtur: **Ta' Balukka**
In-Nannu (missier missieru): **Ta' Żejż** (Minn Bormla)
In-Nanna (Omm missieru): **Ta' Bamba**
Il-Bużnannu (Missier omm omm l-awtur: **Kure tat-Tazzi** (minn Ħaż-Żebbuġ)
Il-Bużnanna (Omm omm omm l-awtur): **Tat-Trupp** (minn Ħaż-Żebbuġ)
Il-Bużnanna (Omm omm missier l-awtur): **Tal-Guggu**


© Arnold Sciberras

## Nota fuq

# IN-NOMENKLATURA TAL-MAZZARELLI li hawn iddokumentati fil-gżejjer Maltin.

**Arnold Sciberras.**

**Kulħadd sema' bl-insett li jgħidulu "ħelikopter". Il-maġġoranza tal-poplu Malti b'dak il-laqam jafu. Imma l-isem bil-Malti ta' dawn il-ħlejjaq proprjament hu "Mazzarell" - jew għall-inqas hekk beda jidher iddokumentat fil-bidu tas-snin sebgħin. Issa meta tfittex fid-dizzjunarju Malti, il-kelma 'mazzarell' hija mfissra bħala tip ta' musmar partikolari, u ma tirreferi għall-ebda insett. Il-laqam "ħelikopter" li ġie mogħti lil dan l-insett huwa marbut mal-moviment ta' kif itir, u mal-għamla li għandu. Dawn iż-żewġ aspetti jagħmluh jixbaħ ħafna lill-ħelikopter – il-mekkanizmu li vvinta l-bniedem, u x'aktarx li b'dak il-laqam se nibqgħu niftakruh. Peress li huwa insett speċjalizzat biex jikkaċċja ħlejjaq oħra tad-daqs tiegħu jew iżgħar minnu, f'ċerti nħawi, fiż-żminijiet l-imgħoddija, kienu ukoll jirreferu għalih bħala "l-mewt". L-anzjani tal-lum infurmawni li għall-inqas in-nanniet tagħhom hekk kienu jsibuh. Illum dan l-isem ma tantx għadek tisimgħu. Mill-banda l-oħra, l-isem "Ċikku Ġwiebi", li kien jintuża dari, u li kien iħabbatha mal-ieħor, għadu jingħad minn numru ta' raħlin. Dan il-fattur jispikka fir-raħal ta' Ħad-Dingli. Dan l-isem jixraqlu lil dan l-insett għax qisu bħal xi ħaġa mitlufa, ifittex u jiġri min ġibjun għall-ieħor.**

Illum, madwar id-dinja jinstabu xi 5,500 speċi ta' mazzarelli u damiġelli (bl-Ingliz; *Dragonflies u Damselflies*) li huma miġburin fi 30 familja. Fil-Gżejjer Maltin s'issa instabu 17-il speċi u bi ftit iktar riċerka, n-numru ta' speċijiet għandu mnejn ikompli jiżdied peress li qegħdin fuq gżira u ħafna minn dawn l-insetti jpassu u hemm ċans li naraw oħrajn li ma konniex nafu bihom. Uħud minn dawn l-ispeċijiet huma residenti u jkattru b'mod regolari f'pajjiżna. L-ikbar speċi li żżur lil gżiritna imma hi ukoll f'pajjizna hija is-Sultan Prim *A,imperator*, li l-ftuħ ta' ġwinħajha kapaċi jlaħħaq sa 10 centimetri, u bħala speċi għadha pjuttost komuni.

Bħala damiġella għandna żewġ speċi ddokumentati iżda waħda minnhom, li hi *l,genei*, hi residenti lokalment. Din tal-aħħar tinstab biss Malta u erba' gżejjer oħra u tista' tgħid li hija l-iżgħar speċi minn din l-ordni ta' insetti primittivi ġo pajjiżna. Il-ftuħ ta' ġwinħajha mhux aktar minn 4 centimetri. Din tingħaraf faċilment għax meta tkun qiegħda wieqfa tagħlaq il-ġwienaħ bħall-farfett; filwaqt li l-mazzarelli iżommuhom dejjem miftuħin.

L-iskop ta' din in-nota hu li jiġu reveduti l-ismijiet bil-Malti tal-ispeċi partikolari li ġew iddokumentati ġo pajjiżna filwaqt li jingħataw ismijiet ġodda lil dawk li għal xi raġuni jew oħra qatt ma kellhom isem Malti. Nistgħu ngħidu li meta xi ħadd mill-poplu komuni Malti jara wieħed minn dawn l-insetti, huwa jrreferi għalih bħala mazzarell in ġenerali u mhux bl-ispeċi tiegħu direttament – bħal ma jiġri fil-każ tal-għasafar. Għalhekk, inħasset il-ħtieġa li l-ispeċi jingħatalhom isem bil-Malti sabiex dawn jistgħu jiġu rreferuti b'mod korrett u anke meta jiġu biex jinkitbu, dawn ikunu korretti. Fil-passat ftit kien hawn kitba lokali fuq dawn l-insetti imma riċentament l-istudju fuq dawn il ħlejjaq żdied. Dawn l-ismijiet ingħataw b'ċertu ħsieb u reqqa mill-awtur u kollegi tiegħu biex

a) ikunu komdi biex jiġu nterpretati mill-pubbliku u,

b) biex jispjegaw sa ċertu prinċipji l-ispeċi nfisha li ġiet imsemmija u b'hekk tkun tista' ssir distinzjoni bejn speċi u oħra bil-lingwa lokali.

*Il-lista*

| | L-isem xjentifiku | L-isem Ingliż | L-isem li kellu diġa ppublikat. | L-isem korrett li ngħata f'dan ix-xogħol. |
|---|---|---|---|---|
| | **ZYGOPTERA** | | | |
| | **Calopterygidea** | | | |
| 1 | *Calopteryx virgo* | Beautiful Demoiselle | | Damiġella Prima |
| | **Coenagrionidae** | | | |
| 2 | *Ischnura genei* | Island Bluetail | Damiġella | Damiġella |
| | **ANISOPTERA** | | | |
| | **Aeshnidae** | | | |
| 3 | *Aeshna mixta* | Blue-eyed Hawker | | Sultan Rari |
| | **Anax** | | | |
| 4 | *Anax ephippiger* | Vagrant Emperor | Id-Dehbi (ma kienx ippublikat imma hekk jafuh iż-Żrieraq. | Sultan Dehbi |
| 5 | *Anax imperator* | Blue Emperor | Mazzarell Sultan | Sultan Prim |
| 6 | *Anax parthenope* | Lesser Emperor | | Sultan Sewdieni |
| | **Crocothemis** | | | |
| 7 | *Crocothemis erythraea* | Broad Scarlet | Mazzarell Skarlat | Skarlat |
| | **Orthetrum** | | | |
| 8 | *Orthetrum brunneum* | Southern Skimmer | | Kaħlan Rari |
| 9 | *Orthetrum cancellatum* | Black-Tailed Skimmer | Mazzarell tal-istrixxi. | Kaħlan tal-Faxx |
| 10 | *Orthetrum coerulescens anseps* | Keeled Skimmer | Mazzarell | Kaħlan Żgħir |
| 11 | *Orthetrum nitidinerve* | Yellow-veined Skimmer | | Kaħlan tal-Vina Safra |
| 12 | *Orthetrum trinacria* | Long Skimmer | Mazzarell Mislut | Kaħlan Prim |
| | **Selysiothemis** | | | |
| 13 | *Selysiothemis nigra* | Black Pennant | | Mazzarell Żgħir |
| | **Sympetrum** | | | |
| 14 | *Sympetrum Fonscolombii* | Red-veined Darter | Mazzarell Aħmar. | Ħamrani |
| 15 | *Sympetrum striolatum* | Common Darter | | Ħamran Mitfi |
| | **Trithemis** | | | |
| 16 | *Trithemis annulata* | Violet Dropwing | Mazzarell Vjola | Vjollett |
| 17 | *Trithemis arteriosa* | Red-veined Dropwing | | Ħamran Rari |



Wasal iż-żmien li l-ismijiet preżenti tal-ispeċi ta' flora u fawna lokali u dawk li se jiġu msemmija jiġu kkonservati u jekk hemm bżonn immodifikati għall-bżonnijiet t'issa. Fil-ġejjieni, b'mod profesjonali, għandhom jiġu reveduti minn grupp ta' nies speċjalizzati fil-lingwa. Dak ikun l-ideal biex xi darba nġibu n-nomenklatura lokali fuq saqajha. Dan it-tim organizzat minn xi taqsima edukattiva għandu jkollu l-inkarigu li jistabilixxu l-ismijiet Maltin tal-ispeċi kollha ta' flora u fawna. Għal kull fergħa ta' studju dan it-tim jikkonsulta ma' nies esperti fil-qasam rispettiv. Dawn jagħtu pariri fuq is-suġġett tagħhom u jipprovdu listi tal-prima materja, inkluż ukoll lista ta' letteratura fejn ismijiet eżistenti jkunu diġa' ntużaw. Jagħtu wkoll is-suġġerimenti tagħhom imma d-deċiżjoni finali tkun dejjem ta' dan it-tim prinċipali, għax għalkemm, per eżempju, l-entomologu jkun espert fl-insetti ma jfissirx li huwa espert tal-lingwa. Dik hija l-linja tal-lingwisti u tal-esperti tal-Malti, li probabbli jkunu wkoll għalliema b'esperjenza ta' kif trendi l-lingwa faċli u kif twassalha lill-poplu. Id-deċizjoni tagħhom tkun finali u l-l-ismijiet li jiġu stabbiliti jsiru n-nomenklatura uffiċjali li trid tintuża' minn kulħadd. Barra minn Malta, fejn jibżgħu għall-lingwa, hekk isir, u dan huwa wieħed minn l-aħjar modi kif tikkonserva l-lingwa. Forma lokali ta' dan it-tip li hija imsemmija hawn fuq u li nħoss li għandna nieħdu eżempju minnha saret biss fuq l-ornitoloġija (l-istudju tal-għasafar). Fil-bidu tas-snin sebgħin, is-socjeta' ornitoloġika ta' Malta (illum magħrufa bħala *BirdLife Malta*) ħasset il-ħtieġa li twaqqaf kumitat li ngħata l-inkarigu li jgħarbel u jistudja liema kien l-aktar isem addattat għal kull speċi, biex fil-kitba ta' din l-għaqda jintuża l-istess isem u ma jkunx hemm varjazzjonijiet li jkomplu jfixklu lil dak li jkun. Barra minn dan ħadu ħsieb li jintgħażel l-aħjar isem ġdid għal dawk il-ħlejjaq li ma kellhomx, kif ukoll biex jibdlu xi wħud li kienu ambigwi u xejn addattati. S'intendi dan hu wieħed mil-iżjed frieghi ta' studju li jinteressa l-maġġorranza tan-nies u tan-naturalisti lokali; u meta tara l-livell ta' tħarbit li għadha fih in-nomenklatura Maltija, dan hu l-aktar xogħol professjonali u ta' eżempju ta' kif għandu jitkompla ix-xogħol fuq din il-fergħa ta' studju u frieghi oħra.

*Hajr.*

L-awtur jixtieq jirringrazzja u jagħraf li l-ismijiet ta' dawn l-ispeċi ngħataw bl-għajnuna ta' analizi magħmula minn Victor Falzon, li għandu esperjenza vasta fuq in-nomenklatura lokali u ta' Godwin Degabriele. Ħajr ukoll lil Esther Schembri u lil Romario u Jeffrey Sciberras tal-għajnuna fit-tfittixija fuq dan is-suġġett. Grazzi wkoll lil Raycine Cassar tal-ilustrazjoni li qed takkumpanja lil dan ix- xogħol.

**Referenzi.**

**SULTANA, J & FALZON V** (Ed) (2002) *Wildlife of the Maltese Islands*, Birdlife Malta & Nature Trust, Malta 336pp.

**BONETT, G & ATTARD, J (2005)** *The Maltese Countryside* Vol. 2 PEG Publications. 392pp

**EBEJER, M.J., DEGABRIELE, G. & SCIBERRAS, A.** (2008) *An Annotated Checklist of Odonata of the Maltese Islands, with evidence for recent influx of species Libellula* 27 (1/2):133-145.

**FALZON, V.** (2007) *2 Mazzarelli Godda!* Ħuttafa Nru 82. Birdlife Malta:2

**SCIBERRAS, A.** (2007) *Xi Ħaġa Fuq Ċikku Ġwiebi!.* L-Orizzont Marzu 14, pg 19.

**SCIBERRAS, A.** (in prep.) *Orthetrum nitidinerve* in the Maltese Islands.

**SCIBERRAS, A. & SAMMUT M.** (2008 in print) *On the occurrence of Caleopteryx Leach,1815 in the Maltese Islands.* Central Mediterranean Naturalist **4**(3)

**SCIBERRAS, A., SCIBERRAS, J. &MAGRO, D.** (2007) *A Celebration of Dragonflies.* The Malta Independent. 19 ta' Novembru, pg.8-9.

**TURNER, N.** (2007) *A new Discovery for the Maltese Islands.* 'The Maltese Herald', 23 t'Ottubru: 13.

**VALLETTA, A.** (1949) *A preliminary list of the Odonata of the Maltese Islands.* The Entomologist 82: 85 – 87.

**VALLETTA, A.** (1957) *Second contribution to the Odonata of the Maltese Islands.* The Entomologist 90: 306 – 307.

© Arnold Sciberras

# LORENZO GAFA

## F'MEWTU ... U WRAJHA

**Anton Attard**

**M'ilux wisq, wara riċerki li saru fl-arkivju tal-Parroċċa tal-Birgu, tneħħa kull dubju li kien hemm dwar fejn twieled l-arkitett famuż Lorenzo Gafa'. Ġie kkonfermat li tgħammed fil-Knisja Parrokkjali tal-Birgu fl-4 ta' Awissu,1639. Fl-istess riċerka, nkixfet relazzjoni tal-kappillan tal-Birgu Dun Karlu Colonia, dwar l-aħħar sigħat u l-mewt ta' dan l-arkitett Vittoriosan, nhar id-19 ta' Frar 1703, fl-istess belt.**

Colonia kiteb li Gafa' miet għal għarrieda meta kellu 64 sena, wara li kien ilu marid f'soddtu għal xi żmien. Ġie msejjaħ biex jassistih il-Viċipargu Zerafa, Dan għamel kulma seta biex jara li Gafa' kien niedem minn-nuqqasijiet li seta' kellu u wara li l-moribond wera li għamel dan, tah l-assoluzzjoni. Imma laħaq miet qabel ma' l-qassis amministralu l-Griżma tal-Morda u l-Vjatku.

L-istess kappillan Colonia kien preżenti meta Gafa' ndifen filgħaxija tal-istess jum, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz. (1)

### DAK LI NSTAB F'DARU

Ħames ġimgħat wara mewtu, ħareġ aktar dwar Gafa'. Fis-27 ta' Marzu tal-istess sena, sar inventarju ta' dak li nstab f'daru wara mewtu. Dan għadda għand Fabrizio Spiteri, quddiem ix-xhieda Cesare Mifsud u Saverio Grech, it-tnejn mill-Birgu. (2)

Permezz ta' dan l-inventarju, nieħdu idea tad-dar fejn kien joqgħod, li kienet komposta minn sala, mezzanin, u kmamar oħrajn fis-sular ta' fuq u f'dak t'isfel. Dak li nstab fihom kien dan li ġej:

*Fis-Sala* - Kwadru bi xbieha ta' San Pietru fi gwarniċ indurat, kobor ta' ħamest ixbar b'erbgħa, flimkien ma' ieħor ta' l-istess qaddis fil-ktajjen, fi gwarniċ indurat ukoll ta' madwar ħamest ixbar.

Kwadru ieħor mingħajr gwarniċ b'David u Sansun, b'daqs ta' ħamest ixbar.

Kwadru ieħor mingħajr gwarniċ bil-Madonna, il-Bambin u San Gwann Battista.

Żewġ kwadri mingħajr gwarniċ, wieħed b' San Pietru Martri u l-ieħor b'San Duminku.

Kwadru ieħor fi gwarniċ abjad, b' San Pietru flimkien ma' persunaggi oħra qed jistadu minn fuq dgħajsa. (is-sajda mirakoluża?)

Kwadru tal-istess daqs bil-Bambin Ġesu' f'girlanda tal-fjuri.

Kwadru ta' l-istess daqs fi gwarniċ abjad bi xbieha tal-Madonna bil-Bambin, Sant'Anton Abbati u San Filippu Neri.

Żewġ kwadi bil-gwarniċ indurat ta' xi tlett ixbar bix-xbihat ta' San Pietru u San Pawl.

Kwadru tawwali mingħajr gwarniċ bil-Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann.

Erba' kwadri mingħajr gwarniċ, b'erba wċuh b'daqna twila.

Sitt kwadri bi gwarniċ indurat, tlieta minnhom b'veduta tal-baħar u t-tlieta l-oħra ta' bliet.

Kwadru ta' San Franġisk d'Assisi fi gwarniċ abjad ta' madwar żewġt ixbar.

Erba' kwadri oħra bi gwarniċ indurat bi fjuri diversi.

Żewg ritratti mingħajr gwarniċ ta' ħuh Melchiorre.

Basso Riliev tal-fuħħar bil-Kruċifissjoni.

Żewġ kwadretti ta' xiber 'il wieħed. Wieħed bl-Adorazzjoni tal-Maġi u l-ieħor b'Santa Marija Maddalena.

Stampa bil-Kruċifissjoni ta' Kristu, fi gwarniċ iswed b'disinji kulur id-deheb.

Statwa tal-ġibs tal-Gran Mastru Kottoner il-kbir.

Tila ta' madwar erbat ixbar, mingħajr tilar, bil-Martirju ta' San Lawrenz.

Żewġ saqqijiet żgħar u żewġ imħadded mimlijin bis-suf.

Tliet tavolini, waħda minnhom fuq mejda qadima, erba' skambelli, tnejn minnhom tal-ġewż u tliet siġġijiet tal-ġewz.

Xabla żgħira bil-maqbad tal-fidda.

Figuri tal-ġibs ġo kaxxa qadima u tnax oħra fl-art.

Żewġ kaxxetti nfurrati bil-ġild.

Ħames siġġijiet tal-qasab żgangati.

12-il ktieb imdaqqas ta' l-arkitettura flimkien ma' 6 oħra iżgħar. 23 oħra iżgħar minn dawn, flimkien ma' 20 oħra iċken. Magħhom għadd ta' disinji u aktar kotba bl-istess suġġett taħt mejda.

4 braġ irħam ta' kuluri diversi.

*Fil-kamra ta' fuq* - Sodda bit-testiera u saqajn immaljati, b'żewġ imħaded tas-suf.

Xkubetta qadima b'żewġ kontenituri għall- porvli li jiddendlu minn fuq l-ispallejn.

Kurċifiss kbir skolpit fl-injam, damiġjana miksija bil-qasab u diversi disinji f'kaxxa żgħira.

*Fil-Kmamar tal-Mezzanin* – Kaxxa tal-fagu mimlija balal tas-suf.

Żewg kwadri mingħajr gwarniċ bi xbieha ta' Santa Katerina minn Siena.

Senduq qadim, tavolina, erba' suġġijiet tal-palja antiki, erba' skambelli u gradenza żgħira b'żewġt ikxaxen.

Kwadru qadim bi Kristu fl-Ort.

*Fil-Kmamar t'Isfel* – Kwadru kbir, mingħajr gwarniċ, bil-Waqgħa ta' Xmun is-Saħħar.

Tliet siġġijiet tal-ġild, l-istess bħal dawk li kien hemm fis-sala. Tnejn oħra qodma u tliet skambelli.

Bank bi tliet ħofriet tondi jixbaħ dawk li jitqiegħdu madwar it-tebut tal-mejtin.

Ġarra taż-żejt żgħira vojta.

Minn dan l-inventarju, jidher li, bħal ħafna artisti oħra, xogħol Lorenzu Gafa' ma tantx irrendielu rikkezzi, ħalla biss il-knejjes u bini monumentali ieħor, tant ammirati u apprezzati fi żmienna.

### Referenzi

(1). Ark, Parroċċa Vittoriosa, Liber Bapt. 1639 u Liber Mort. 1703.

(2). Banca Giuratale Rep. Mdina, Magna Curia Castellaniae, Reg. Inventarior Bonorium, Vol.I, 1700 -15, f.97.

© Anton Attard

# SAN LAWRENZ FIL-FOLKLOR

**Lorenzo Zahra**



**Il-Katidral ta' Viterbo, l-Italja, iddedikat lil San Lawrenz.**

**Biex inkompli mat-tagħrif fuq il-Birgu ta' l-imgħoddi li qed jidher f'naħa oħra ta' l-Imnara, xtaqt inżid xi kummenti fuq San Lawrenz fil-Folklor.**

Il-festa ta' San Lawrenz hi fost l-iktar antiki f'dik li hi liturġija tal-Knisja. It-tifkira ta' dan il-qaddis kienet dejjem iċċelebrata bl-akbar popolarita' fil-pajjiżi Kattoliċi ta' l-Ewropa. Allura din il-festa kbira qanqlet tradizzjonijiet ferrieħa f'bosta bliet u rħula. Tant kien popolari San Lawrenz li fl-Enċiklopedija Kattolika (Vol. VII p 1539) insibu li rari kien hawn xi djoċesi li ma kinitx tiffesteġġja jum San Lawrenz.

Hija drawwa li nsibu x-xbihat ta' San Lawrenz iġorr il-palma tal-martri u l-gradilja billi hija l-insenja tal-martirju tiegħu. U billi l-qaddis sofra l-martirju bin-nar, il-Knisja għamlitu protettur tal-furnara, il-koki, l-*firemen*, l-*istokers*, u dawk li jaħdmu fil-minjieri tal-faħam jew tal-gass. F'xi pajjiżi oħra nsibuh protettur ta' snajja' oħra, bħad-dulċiera fi Spanja, waqt li fl-Italja huwa miżmum bħala l-protettur tal-librara billi jingħad li kien jieħu ħsieb il-Kotba Mqaddsa.

## IS-SĦANA

Billi jum San Lawrenz jiġi fl-eqqel tas-sħana tas-sajf, is-sħana ta' jiem San Lawrenz saret proverbjali. Hekk infatt fl-Italja għandhom l-idjoma *San Antonio della gran freddura e San Lorenzo della gran caldura – l-una e l-altra poco dura.* It-Taljani pero' jemmnu li s-sħana ta' San Lawrenz hija meħtieġa biex tnixxef il-lewż, il-ġellewż, u l-ġewż. Anke fostna hija msemmija minn missirijietna s-sħana ta' San Lawrenz.

Mal-festa ta' San Lawrenz huma marbuta l-movimenti tal-kwiekeb u tal-firmament. Il-ħafna kwiekeb ġerrejja li jidhru fl-iljieli ta' qrib il-festa ta' San Lawrenz jissejħu "d-Dmugħ ta' San Lawrenz" biex ifissru d-dmugħ li ġelben ma wiċċ il-qaddis waqt it-turment tal-gradilja.

Il-Pronostiċi dari kienu jinqdew b'jum San Lawrenz biex iħabbru l-Ħarifa u l-annata tagħha. Ħafna bdiewa ma kinux jidħlu fl-għalqa f'jum San Lawrenz għax kienu jibżgħu li jekk jidħlu fl-għalqa, fix-xitwa jidħlulhom il-ġrieden u jħarbtulhom kollox.

Billi jum San Lawrenz jiġi fi żmien fejn ftit kien ikun hemm x'tagħmel fir-raba', il-bdiewa fil-pajjiżi kattoliċi kienu jiddedikaw dawk il-jiem għall-fieri u l-festi. Infatti għadhom sal-lum f'diversi bliet u rħula Taljani jiffesteġġjaw bil-mod kif aħna nagħmlu fl-Imnarja. Dan isir b'mod partikolari f'Udine, f'Cervia, Vegla, Champagne, Romania, Friuli, Toscana, Liguria, Lombardia, u f'Istria.

Qrib Trento bosta Taljani joħorġu barra l-belt u hemm jixorbu minn-nixxiegħat ta' l-ilma ta' San lawrenz (*aqua di San Lorenzo*) kif isir ukoll minn bosta Rumani li jmorru fil-knisja ta' *San Lorenzo in Fonte*, ġo *Via Urbana* biex jieħdu mill-ilma li jinsab ħiereġ mill-blat ta' fejn darba l-qaddis kien arrestat.

Fil-muntanji tal-Pirinej hemm ukoll diversi nixxiegħat tal-ilma li jfiġġu fis-Sajf u bosta jmorru jieħdu minn dawn l-ilmijiet, msejħa wkoll "ta' San Lawrenz" bl-idea li ħafna jieħdu l-virilita' tagħhom b'dan l-ilma.

Aħna l-Maltin kellna wkoll drawwiet għeżież marbuta ma' din il-festa. Jekk fi Sqallija bosta kien jfittxu u jħaffru l-art biex isibu l-frak tal-faħam fil-ħamrija, dan kien jiġri wkoll f'Malta meta bosta kienu jfittxu u jsibu ġebel żgħir iswed u kienu jsejħulu "faħam ta' San Lawrenz". Missirijietna kienu jsumu lejlet San Lawrenz waqt li jieklu biss frottijiet li f'dawk il-ġranet ikunu fl-aqwa tagħhom.

Hekk kif il-festa ta' l-Imnarja kienet ferm popolari għall-intern tal-gżira fejn kienet issaltan il-biedja, xejn inqas minnha kienet il-festa ta' San Lawrenz fl-inħawi tal-Port il-Kbir fejn kienet miġbura l-industrija marittima. U għal din ir-raġuni kienet tispikka wisq it-tellieqa tad-

dgħajjes, li dari dejjem kienet issir f'jum il-festa tal-Birgu.

Il-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu hi marbuta ma' ġrajjiet li jmorru lura snin kbar. Il-mod solenni kif il-kanonċi ta' dari kienu jiffesteġġjaw bl-akbar pompa l-festa, bil-quddiesa b'sebgħa, bil-kuda tad-dekan, hija issa ġrajja mgħoddija. L-isparar tal-maskli fl-inħawi tal-knisja u l-logħob tan-nar li kien tant sempliċi u popolari, imma kien mill-aqwa. U missirijietna kienu jivvintaw il-modi ta' kif jiffesteġġjaw. Kienu jagħmlu l-kaskati tan-nar mill-aktar postijiet għolja tal-belt. Kienu jagħmlu għors sħiħ biex jarmaw l-ark trijonfali. Erħilhom jixxabtu mal-ħbula u ma' l-antarjoli biex juru l-ħila tagħhom ta' nies baħħara. Il-ħruq ta' gassijiet kien bil-wisq iktar popolari minn xi sfafar tan-nar li daħlu fl-użu żmien wara. Il-ġiġġifogu tal-festa ta' San Lawrenz kien imsemmi u bosta kienu jmorru jarawh f'nofs il-pjazza. U dari, l-għarus kien iwiegħed lill-għarusa li joħodha għall-ewwel festa ta' San Lawrenz li jkun imiss. It-tqassim tal-ħobż lill-foqra kif ukoll l-illuminazzjoni bit-tazzi taż-żejt. Din ta' l-aħħar tissemma fil-kitba ta' Patri Como Lilibetano – ġa fis-seklu 18.

## L-UŻANŻI

Nistgħu ngħidu li bosta mill-festi ta' bliet u rħula oħra li jsiru fi żminijietna ħadu ħafna minn dak li kien isir dari fil-Birgu. It-tħejjija ta' l-Erbgħat sa minn qabel il-festa, id-devozzjoni tal-kurunella bil-Malti fost id-devoti, it-tqassim tan-novena, bil-priedka tal-Assedju u dik tal-Glorja ta' San Lawrenz, huma xi ħaġa milli writna minn dak li ħadmu għalih missirijietna.

L-istess għamla tal-vara ta' San Lawrenz twassal lilna t-tadizzjoni li l-vara tiġi mlibbsa għall-festa fl-antiviġilja, f'riġlejn l-artal tal-Kurċifiss, quddiem għadd kbir ta' Vittorjożjani. Il-marċ ferrieħ tal-Antiviġilja u t-*Te Deum* bil-*marcia* ta' Frendo u bl-innu ta' Galea huwa xi ħaġa li rabbiet sisien sewwa fost l-ulied tal-Belt Rebbieħa, tant li bil-mod biex teqridha minkejja l-bidla taż-żminijiet. Id-daqq tal-qanpiena ta' Sant'Anġlu, kif ukoll l-isparar tal-erbgħa w'għoxrin tir bħala salut saltni wkoll għandhom rabta tradizzjonali mal-festa ta' San Lawrenz.

Il-ballun li jinfetaħ f'nofs il-pjazza hekk kif tintemm il-musketterija u minnu joħorġu għasafar jittajru kienet bosta drabi tqanqal polemiċi mill-barranin, li kien jidhrilhom li kienet krudelta'. Fil-pjazza tal-Birgu fil-festi ta' dari kienu jarmaw bil-mazzit u bl-imqaret, u oħrajn bl-ilma u bir-ruġġati li kienu jbiegħu wisq aktar minn tal-qubbajt.

## FOLKLOR

Użanza sabiħa kienet dik li l-qassisin u patrijiet ulied il-Birgu, jew devoti ta' San Lawrenz, kienu jimlew l-artali bil-quddies fil-għodwa ta' jum il-festa. Ċerti drawwiet tiskanta kif jintrabtu ma' l-imgħoddi u għadhom isaltnu sal-lum. Hekk, biex inġib eżempju, minn bosta snin ilu dejjem kienet użanza li l-paniġierku ta' San Lawrenz isir minn dak il-kanonku li jkun għadu kif sar u għalhekk kien jieħu preferenza.

Minkejja l-ħafna tibdil, in-nies tal-Birgu xorta waħda għadhom jgħożżu l-festa u nfatti tarahom jħejju djarhom mill-aħjar li jistgħu u xi libsa għall-festa ma tonqosx. Il-ħaddiem dejjem iwarrab xi ħaġa biex għall-festa jiċċelebra mal-familja u mal-ħbieb. Ma kienx jonqos li l-ewwel tarbija tifel tissemma "Lorenzo".

Fiċ-ċelebrazzjonijiet ġewwa l-knisja għadna nsibu użati l-vrus sentimentali tal-Kanonku Dun Alwiġ Fenech u l-mużika mill-isbaħ tas-Surmast Paolino Vassallo fl-antifona u l-innu li wasslilna qawwijin u sħaħ il-qatt minsi Mro. Lorenzo Galea. Tkun ħasra jekk qatt xi ħadd għad inaqqas mis-sbuħija ta' mużika ta' dawn l-awturi li hi tassew imfaħħra għall-ġmiel tagħha.

Għad li għaddew is-snin minn meta l-festa ta' San Lawrenz kienet waħdanija fil-popolarita, għad hemm ħafna fiha li jorbot ma' l-imgħoddi, u l-Vittorjożjani għandhom ikunu ġelużi li t-tradizzjonijiet tal-festa jwassluhom lil ta' warajna sani xejn inqas milli sibnihom aħna.



**Il-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu.**

**© Lorenzo Zahra**

**L-ISTATUT**
**TA' L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR**

kif emendat u approvat fil-Laqgħa Ġenerali tal-15 ta' Marzu, 2008.

**1. L-Isem**

L-isem ta' L-Għaqda jkun **L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR** (Malta Folklore Society) - minn issa 'l quddiem f'dan l-istatut tissejjaħ **l-GĦAQDA.**

**2. L-indirizz postali**

Sakemm **l-GĦAQDA** ma jkollhiex is-sede uffiċjali tagħha, l-indirizz ikun c/o ta' dak li jkun Segretarju fis-sena **kurrenti.**

**3. L-Għanijiet**

a) Biex il-Folklor Malti jiġi mħares, jiġi aktar magħruf u nkoraġġit fil-forma tradizzjonali tiegħu, fejn hu possibli.
b) Biex tippromwovi l-Folklor Malti permezz ta' taħditiet, xandir, wirjiet, pubblikazzjonijiet, eċċ.
c) Biex tinkoraġġixxi r-riċerka u l-istudju fuq drawwiet, tradizzjonijiet u manifestazzjoijiet oħra Maltin, l-oriġini u l-żvilupp ta' l-għana, taż-żfin, tal-mużika u l-ilbies popolari u t-tqabbil ma' dawk ta' pajjiżi oħra.
**d)** **L-GĦAQDA** tkun strettament mingħajr xejriet politiċi.

**4. Il-Membri**

a) Kull min għandu għal qalbu l-interess tal-Folklor jista' jiisieħeb fl-GĦAQDA.
b) Biex wieħed ikun membru għandu jħallas tmien (8) Ewro fl-ewwel sena, u ħames Ewro f'kull sena ta' wara. Din ir-rata tista' tiġil riveduta u mibdula skond il-bżonn, f'laqgħa ġenerali, b'avviż minn qabel fuq l-aġenda. Min ma jħallasx is-sħubija jitqies li mhux membru effettiv għal dik is-sena. Min ikompli jonqos li jħallas, ukoll wara li jkun avżat bil-miktub, jista' jinqata' mill-lista tal-membri.
c) Jekk membru jkun ta' dannu għall-GĦAQDA jew għall-interessi tagħha, jiġi sospiż jew jitneħħa mill-lista tal-membri, b'deċiżjoni tal-kumitat.
d) Il-Kumitat jista' jagħżel Presidenti Onorarji, u joħloq klassijiet oħra ta' sħubija.
e) L-GĦADA tista' tiftaħ fergħat oħra.

**5. Kumitat Amministrattiv**

a) Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali jiġu nominati u eletti disa' membri biex jiffurmaw il-kumitat.
b) Il-Kumitat iservi għal sentejn sakemm jiġi xolt fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss.
c) Il-Kumitat ikun magħmul minn President, Segretarju, Teżorier, Viċi President, Assistant Segretarju u Assistant Teżorier. Ikun hemm ukoll tliet Membri. Dawn kollha jkunu nominati u eletti waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali minn membri effettivi. Il-karigi tal-Kumitat jiġu deċiżi, minnhom stess waqt l-ewwel laqgħa tal-Kumitat li ssir wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali.
d) Il-Kumitat jiltaqa' skond il-bżonn, iżda mhux inqas minn darba kull xahrejn.
e) Il-kworum għall-laqgħa tal-Kumitat ikun mhux inqas minn ħames membri. Jekk dan il-kworum ma jintlaħaqx, il-laqgħa tista' ssir xorta waħda wara kwarta, basta jkun hemm preżenti tliet membri tal-Kumitat, wieħed minnhom uffiċjal.
f) Jekk membru tal-Kumitat ma jattendix għal tliet darbiet wara xulxin mingħajr ma javża, jitqies li rriżenja mill-Kumitat.
g) Jekk Membru tal-Kumitat Iħalli l-kariga tiegħu, minfloku tinħatar dik il-persuna li fil-votazzjoni ta' l-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali tkun imissha, wara li nħatar il-Kunsill kurrenti. Jekk dan ma jkunx possibli, il-Kumitat jista' jaħtar lil xi persuna oħra minn fost il-Membri Effettivi.

**6. Dmirijiet ta' l-Uffiċjali.**

a) Il-President jara li jintlaħqu l-għanijiet tal-GĦAQDA u li x-xogħol isir skond l-istatut. Imexxi kull laqgħa ta' l-GĦAQDA. Jagħmel indirizz fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.
b) Is-Segretarju jżomm il-minuti ta' kull laqgħa, Iżomm records ta' l-attivitajiet kollha u tal-korrispondenza tal-GĦAQDA. Iżomm lista aġġornata tal-Membri. Isejjaħ il-laqgħat skond kif jiġI deċiż mill-Kumitat, u jħejji rapport annwali.
c) It-Teżorier jieħu ħsieb il-fondi tal-GĦAQDA u jħejji rapport annwali bir-rendikont finanzjarju.
d) Il-Viċi President, l-Assistant Segretarju u l-Assistant Teżorier jagħmlu l-istess xogħol ta' l-uffiċjali rispettivi jekk dawn ma jkunux preżenti, u jgħinuhom fix-xogħol tagħhom.
e) L-Editur tal-publikazzjoniet tal-GĦAQDA mhux bilfors li jkun membru tal-Kumitat jew Membru Effettiv, Iżda f'xogħolu huwa obbligat li jżomm mal-għanijiet tal-Istatut tal-GĦAQDA, u jirrifletti biss ir-rieda tal-Kumitat.

**7. Laqgħa Ġenerali Annwali.**

a) Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha ssir fit-tielet xahar tas-sena l-ġdida. L-aġenda għandha tinkuldi (i) minuti tal-Laqgħa Ġenerali li tkun saret qabel. (ii) Indirizz mill-President. (iii) Rapport tas-segretarju. (iv) rapport finanzjarju ffirmat mill-Awditur li jkun intagħżel fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' qabel. (v) Ħatra ta' "chairperson" u persuni oħra biex imexxu l-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid. (vi) nominazzjonijiet u votazzjoni għall-Kumitat il-ġdid. (vii) nominazzjoni ta' Awditur għas-sena kurrenti.
b) Il-kworum tal-Laqgħa Ġenerali jkun ta' nofs il-Membri Effettivi; jekk dan ma jintlaħaqx, il-Laqgħa tibda nofs siegħa wara.
c) Tista' tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja mill-Kumitat, jew min għaxar Membri Effettivi.

**8. Tibdil fl-Istatut**

a) L-Istatt, jew partijiet minnu jistgħu jindiblu biss b'deċiżjoni tal-Laqgħa Ġenerali wara li l-Membri Effettivi jkunu rċevew, mill-inqas sa jumejn qabel, kopja tat-tibdil propost.

**9. Xoljiment**

a) Jista' jsir xoljiment tal-GĦAQDA biss b'deċiżjoni tal-Membri Effettivi waqt laqgħa msejħa apposta.
b) Jekk l-Għaqda jkollha xxolji, (i) id-dokumenti ta' l-GĦAQDA jmorru fl-Arkivju Nazzjonali. (ii) jekk ikollha ġabra jew librerija ta' kotba, dawn imorru fil-Librerija Pubblika Nazzjonali. (iii) Il-flus li jappartjenu lill-GĦAQDA jmorru f'xi Istitut. (iv) jekk ikun hemm oġġetti folkloristiċI preprjetaċ ta' l-GĦAQDA, dawn imorru għand id-Direttur tal-Mużewijiet Nazzjonali. Dawn il-miżuri jittieħdu b'Att Notarili.

## IL-MEMBRI TA' L-GHAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR:

Agius Muscat, Anton, 64, Triq Borg Olivier, San Ġiljan STJ 08
Attard, Anton, "Sidtna Marija", Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn ZBR 10
Bajada, Joseph, "Madonna ta' Pinu", Vjal it-8 ta' Settembru, Ix-Xagħra, Għawdex 103
Baldacchino, Emmanuel, 279, Triq il-Kbira, Ħal Qormi QRM 02
Bishop's Conservatory School, Triq l-Arċisqof P. Pace, Victoria, Għawdex
Bonanno, Henry, "Ophryns", Triq Guze Cardona, Ħal Qormi
Bonello, E., 52, Triq l-Isqof Labini, B'kara BKR 05
Bonnici, John Dip. Bus. Law & Acc., Ariel Court, Apt.5, Triq Ghar id-Dud, Tas-Sliema, SLM 08
Borg, Alfred, 4, "Mardin", Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar SPB 09
Borg, Steve, "Faith" Flat 6, Triq Iċ-Ċrieki, Wied il-Għajn
Borg Cardona, Anna B.A., L.T.C.L. "Ciklamina", Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan BZN 07
Borg Cardona, Chris H., 10 Apt. 5, Triq Capua Palace, Tas-Sliema SLM 1771
Brown, Joseph C., "St. Lawrence" Flat 1, Triq La Vallette, il-Birgu
Bugelli, David, 19, Triq Melita, Tas-Sliema
Calleja, Frankie, "Tinkerbelle", Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar ZBR 04
Camilleri, Alex, 19 "Xefaq", Triq Mikielanġ Sapiano, L-Imqabba
Camilleri, Doris, "L-Ghana", Triq F.W. Ryan, In-Naxxar
Camilleri, Jos. C. B.A. (Hons) Dip. Educ., "Ilqugħ", 32, Triq il-Muskatell, Ħ'Attard BZN 04
Camilleri, Saviour, "Richrose", Triq Villambrosa, il-Ħamrun HMR 10
Cassar, Dr. George, 78, Triq Papa Piju XII, il-Mosta MST 05
Cassar, Lawrence, 24-25, Triq Żondadori, Ir-Rabat RBT 12
Cassar Pullicino, Maria Celine, "Lares", Triq it-Tabib Zammit, Ħal Balzan,
Cauchi, Catherine, "The Cycads" Triq is-Sienja, Ħ'Attard BZN 06
Cesare, Salv., 14, Triq il-Laqxija, B'kara BKR 03
Ciantar, Josette, 2, Flat 2, Triq il-Kardinal, Il-Birgu CSP 08
Cilia, George, 64, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema SLM 07
Cini, Joseph, "Merħba", Triq Leli Falzon, in-Naxxar NXR 04
Commerce Division Library, Policy and Regulatory Directorate, Lascaris, Valletta CMR 02
Commerce Division, Small Industries and Crafts Directorate, Lascaris, Valletta
Convent of the Sacred Heart Foundation, st. Julian's
Cremona, John, 54, Triq San Ġwann Bosco, VICTORIA VCT 104
Cuschieri, Carmel, "St. Mary", Triq Ross, San Ġiljan STJ 10
Cuschieri, Leone, "Emeral" Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq
Cusens, Simon, Technoline, 51, Triq Edgar Bernard, il-Gżira
Debono, John, 63, Triq N. Cottoner, Ħal Lija BZN 10
Deguara, Frans, 10, "Dediolanum", Triq Papa Pija X11, Il-Mosta MST 05
Delicata, John, "Doris", 26, Triq Sir Anthony Micallef, Ħal Balzan BZN 08
De La Salle College, 33, Triq il-Cottonera, Birgu
Diacono, Josephin, 43, Triq Agius Muscat, Ħaż-Żabbar
Dougall, Angelo, 76, Triq San Mikiel, Birżebbuġa BBG 02
Ellul, Josette, "Cuore di Dio", Triq ir-Rihan, Ħaż-Żabbar
Ellul-Galea, Alfred, 8, Triq San Mikiel, il-Fgura FGR 1022
Farrugia, Frans, "Mon Delice", Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq ZTN 13
Farrugia, Joseph A., 61, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien PLA 11
Felice, John B. Ch. D., Krypton Chemists, Triq Ta' L-Ibraġ, St. Andrew's STJ 13
Fenech, Alfred, "Grezz", 35, Triq id-Dirsa, Ħ'Attard BZN 05
Fenech Frank, 7, Triq Xorb l-Għaġin, Iz-Żejtun
Fenech, Joseph, "Massabielle", 186, Triq Mons. M. Azzopardi, Is-Siġġiewi, QRM 15
Fenech, Giuliiano, 59A, Triq Lorenzo Gafa, Il-Mosta MST 09
Fenech, Louis, "Faraġ", Triq Stefano Erardi, L-Iklin
Fenech, Martha, 26, Triq Ponsomby, Il-Mosta MST 07
Formosa, Patrick B.A., "Patros", Triq Wignacourt, B'kara BKR 08
Galea, Mikiel, 60/3, Triq iż-Żekka, il-Belt Valletta
Galea-Bonavia, "Russett", Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard
Ganado, Dr. Albert, 1, Triq M'Anton Vassalli, Valletta VLT 13
Gambin, Kenneth B.A. (Hons), M.A., "Monserrat", Triq Ġananton Tanti, Ħal Tarxien PLA 18
Gatt, Ġużi, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan SLM 13
Gauci, Mario, 6, Triq Vestru, Ix-Xagħra, Għawdex XRA 104
Glanville, George, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura PLA 16
Goggi, Joseph, 26, Triq Guze Ellul, Guardamangia
Griffiths, Prof. V., M.D., F.R.C.S., U.O.M, 7, Triq il-Palma, San Ġiljan STJ 12
Grima, Arthur, 129, Triq San Mikiel, Birżebbuġa
Grima, Dr. Jos. F. B.A., M.A., Ph.D., "Kosi Kot", Triq Ġuże Ellul Mercer, Ħal Qormi QRM 06

Grixti, Raymond, "The Winds", Triq Clematis, Santa Luċija PLA 10
Guillaumier, Alfie, 12, Triq Villambrosa, Il-Ħamrun HMR 06
Lanfranco, Guido, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02
Laspina, Joseph P., "Casa Laspina", Triq in-Nutar Zarb, H'Attard
Lia, Gloria Anna, B.Sc., P.G.C.E., "Jubilate Deo", Triq Ġdida fi Triq Melqart, Marsaxlokk ZTN 09
Lia, Carmel, B. Ed. (Hons), B.A. 18, Main Street, Ħaż-Żabbar ZBR 02
MCAST, Corradino Hill, Paola
Magri-Naudi, Magda, "Torsance", 5, Triq Karlu Darmanin, Ħal-Lija BZN 14
Mangion, Felix, "Felcarm", Triq 23 ta' Lulju, 1942, Iż-Żurrieq ZRQ 06
Maria Assunta Girls secondary School, il-Ħamrun
Masini, Franco L.P., Highcourt, 66/7 The Strand Tas-Sliema
Mater Boni Consilii School, Paola
Micallef, Antonia, "Shalom", 75 Triq il-Knisja l-Qadima, B'kara
Mifsud, Marius, Ġesu Redentur, 174, Triq Indri Grima, is-Swatar, Msida MSD13
Mifsud, Rita, 230, "Casa d'Amore", Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta MST 03
Muscat, Victoria, "Il-Musbieħ", Triq il-Wied, L-Imsida
Our Lady Immaculate School, Triq il-Kanonku Bonnici, il-Ħamrun
Pace, Carmelo, Plot 21, Triq Ġużè Cassar, il-Qrendi
Pace, Tony, "La Traviata", Triq Dun Karm, L-Iklin BZN 11
Pellegrini, Dr. F. B.A. LL.D., "Sonata", Triq Tal-Mirakli, Ħal-Lija BZN 10
Pisani, Dr. Paul George B.A. LL.D., 40C, Main Gate Str., Victoria VCT 103
Porsella Flores, Joseph, 69, Triq il-Palma, Raħal Ġdid, PLA 03
Privitelli, Michelle, "La Salette" 117, Vjal Cottoner, Il-Fgura PLA 17
Puli, Mary M.Q.R., "Rosewood" 15/2, Triq Sant'Agata, Tas-Sliema SLM 07
Ragonesi, Anita, "The Oasis", Flat 6, B'kara Hill, San Ħiljan STJ 09
Risso, Cap. R., "Mon Fleur", Triq Sant'Antnin, San Ġwann SGN 04
St. Augustine's College, Gwardamanga Hill, Pieta.
St. Francis Sec. School, 12, Triq San Gakbu, Tas-Sliema
St. Joan Antide School, 56, Triq Filippu Castagna, il-Gudja
Sammut, Julian, 79, Triq Tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ ZBG 04
Sammut, Sacha-John, 72 "Mon Reve", B'kara Hill, San Ġiljan
Sammut Testaferrata Jos. M.A. M. Phil., "Demaris" Triq Lascaris, Qawra SPB 05
Savona-Ventura, Dr. Charles, "North Wynds" 7, Triq Antonio Zammit, Ix-Xwieki, Ħal Għargħur NXR08
Schembri, Anthony, Triq il-Kampanella, Il-Fgura
Schembri, Lt. Col. Mario A.F.M., Block B. Flat 4, Triq Bellavista, San Ġwann SGN 03
Schembri, Vincent, "Orestin", Triq l-Għarnuq, Il-Fgura PLA 14
Sciberras, Arnold, 131, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid
Sciberras, Joseph, "Stefanotis", Triq il-Knisja l-Qadima, B'kara BKR 12
Seychel, Charles, "Il-Qannata", Triq l-Arkibusier, Iż-Żejtun ZTN 07
Sir Luigi Preziosi Girls School, Pembroke
Soler, Albert, "Villa Maria", Triq Iż-Żerniq, Tal-Qattus, B'kara
Spiteri Maempel, Mario, "Marvic", Triq l-Imdina, Ħal Balzan BZN 07
Stella Maris College, Upper St. Albert Street, Il-Gżira
Sultana, Simon, 6, Triq San Nikola, l-Imdina MDN 1220
Testaferrata-Bonici, Marquis J.P., 36, Triq il-Kbira, Ħal Lija BZN 10
Teuma, Fr. Eugene P. Il-Kunvent ta' San Franġisk, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta
Ungaro, Melanie, 105, Triq Manoel De Vilhena, il-Gzira GZR 1016
Vella, John, Blk. XII Flat 2, Govt. Buildings, Vjal De La Crux, Ħal Qormi QRM 11
Vella-Bondin, Joe, 54, Triq il-Parroċċa, Santa Venera HMR 18
Verie, Madame Aurore, 22 Avenue Des Buros, 64000 Pau, France
Xuereb, Matthew, Kristallina, Triq it-Trinċetta, il-Mosta
Zahra, Lorenzo, 18, Triq Zerafa, Il-Marsa HMR 03
Zahra, Vincent, 18/1 Block C, Triq Sophia, Bormla CSP 02
Zammit, John, 94A, Triq il-Mandolina, Birżebbuġa
Zarb, Marie Claire, 2, "Planet Court" Tigne Seafront, Tas-Sliema SLM 15
Zerafa, Adelaide, 45, Triq Idmejda, Ħal Balzan BZN 06